PL 2020

# KUMMISSJONI

# DWAR IL-FINANZJAMENT U RENDIKONT

# TAL-PARTITI POLITIĊI U TAL-KANDIDATI

# GĦALL-ELEZZJONI ĠENERALI

## RAPPORT FINALI

MEJJU 1995

IMQIEGĦED FUQ IL-MEJDA TAL-KAMRA
TAD-DEPUTATI FIL- S. 430 . 12.6.95
MILL- Prim Ministru
SKRIVAN

# KONTENUT


| | | Paġna |
|---|---|---|
| 1. | Introduzzjoni | 1 |
| 2. | Esperjenzi Barra Minn Malta | 6 |
| 3. | Is-Sitwazzjoni f'Malta | 9 |
| | • Proposti tal-Gvern Malti | 10 |
| | • Pożizzjoni tal-Partiti Politiċi Ewlenin | 11 |
| | • Pożizzjoni tal-Korpi Kostitwiti | 14 |
| | • Pożizzjoni tal-Pubbliku In Ġenerali | 14 |
| 4. | Għajnuna Finanzjarja mill-Istat lill-Partiti Politiċi | 15 |
| | • Prinċipji Ġenerali | 15 |
| | • Kodiċi ta' Prattika | 20 |
| | • Forom ta' Assistenza | 22 |
| | – Għajnuna għal Riċerka, Żvilupp ta' *Policies* u Taħriġ | 22 |
| | – Sussidju Dirett għall-Organizzazzjoni tal-Partiti Politiċi | 24 |
| | – Assistenza għall-Kampanja Elettorali | 25 |
| | – Sussidji Oħra | 26 |
| | • Fondi Allokati mill-Istat | 26 |
| 5. | Il-Kwistjoni tad-Donazzjonijiet lill-Partiti Politiċi | 29 |
| | • Prinċipji Ġenerali | 29 |
| | • Rakkomandazzjonijiet | 34 |
| 6. | Amministrazzjoni tas-Sistema | 38 |
| | • Prinċipji Ġenerali | 38 |
| | • Organizzazzjoni | 38 |
| | • Miżuri għall-Ħarsien mill-Abbuż tas-Sistema | 41 |
| 7. | Trasparenza u Rendikont Finanzjarju tal-Partiti Politiċi | 44 |
| | • Prinċipji Ġenerali | 44 |
| | • Rendikont tat-Tmexxija Finanzjarja u Verifika | 45 |
| 8. | L-Infiq tal-Kandidati fl-Elezzjoni Ġenerali | 48 |
| | • Prinċipji Ġenerali | 48 |
| | • Proposti Dwar Tibdil fil-Liġi Eżistenti | 50 |
| 9. | Konklużjoni | 52 |

| | |
|---|---|
| Appendiċi A1 sa A9 | Sottomissjonijiet bil-miktub mingħand it-tliet partiti politiċi, korpi kostitwiti, Unions u membru tal-pubbliku. |
| Appendiċi B1 sa B5 | Noti dwar laqgħat li saru ma' delegazzjonijiet mill-partiti politiċi u mal-korpi kostitwiti. |
| Appendiċi C | Punti prinċipali tas-sistema eżistenti f'diversi pajjiżi. |
| Appendiċi D | Siltiet minn kummenti li deħru fil-gazzetti lokali. |
| Appendiċi E | Skeda ta' donazzjonijiet lill-partiti politiċi. |

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI DWAR IL-FINANZJAMENT U RENDIKONT TAL-PARTITI POLITIĊI U TAL-KANDIDATI GHALL-ELEZZJONI ĠENERALI

## 1. Introduzzjoni

1.1 Il-Kummissjoni dwar il-Finanzjament u Rendikont tal-Partiti Politiċi u tal-Kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali ġiet imwaqqfa fil- 25 ta' April, 1994 sabiex tħejji rapport bi proposti, suġġerimenti u alternattivi li jistgħu jkunu implimentati biex:

- *jinstab mezz kif tingħata għajnuna mill-Istat lill-partiti politiċi biex dawn jaqdu l-funzjoni demokratika tagħhom;*
- *jitpoġġew regoli dwar kif partiti politiċi li jkunu qed igawdu minn għajnuna ta' l-Istat, iridu jagħtu rendikont tat-tmexxija finanzjarja tagħhom, inkluża l-għajnuna finanzjarja li jircievu minn sorsi privati u volontarji;*
- *tiġi aġġornata l-leġislazzjoni preżenti li tirregola l-infiq tal-kandidati matul kampanja elettorali.*

Ir-rapport tal-Kummissjoni kellu jkun ippreżentat sat-30 ta' Settembru 1994 u kellu jirrifletti "l-kontribut li l-membri tal-Kummissjoni ser ikunu jagħmlu fuq bażi personali."

1.2 Minħabba n-natura tax-xogħol involut u l-impennji tal-membri tagħha, il-Kummissjoni ma setgħetx tlesti r-rapport fiż-żmien oriġinarjament mitlub.

Kien hemm ħmistax il-laqgħa tal-Kummissjoni u laqgħat oħra ma' partiti politiċi u diversi organizzazzjonijiet.

1.3 Sabiex tagħmel ix-xogħol tagħha, il-Kummissjoni kellha tindirizza diversi problemi principali :

- Il-partiti politiċi f'Malta għandhom jiġu sussidjati mill-Istat ? Jekk iva, kif u taħt liema kundizzjonijiet ?
- Id-donazzjonijiet privati lill-partiti politiċi għandhom jitħallew anke jekk il-partiti jkunu qed jirċievu assistenza mill-Istat? Jekk iva, għandhom ikunu kkontrollati? U jekk fl-affermattiv, kif ?
- Il-kontijiet finanzjarji tal-partiti politiċi għandhom jiġu pubblikati u verifikati?
- Kif għandhom jiġu regolati l-infiq u d-dħul ta' kandidati li jkunu ser jikkontestaw Elezzjoni Ġenerali ? Għandu jkun hemm xi limiti, u jekk iva, kemm u f'liema żmien ?
- X'awtorita' kompetenti għandha titwaqqaf biex tirregola s-sussidji, d-donazzjonijiet, il-kontijiet, u r-rendikont finanzjarju tal-partiti politiċi, u l-infiq li jista' jsir għall-Elezzjoni Ġenerali ? Kif għandha l-awtorita' tirregola dan b'mod effettiv ?

1.4 It-*terms of reference* fihom innifishom jassumu diversi pożizzjonijiet, pero' il-Kummissjoni ħasset li kellha bilfors tiddiskuti dawn il-problemi li semmejna sabiex tkun f'qagħda aħjar li tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha.

1.5 Ix-xogħol li kellha quddiemha l-Kummissjoni joħroġ b'mod ċar mill-istadju preżenti ta' l-evoluzzjoni politika ta' pajjiżna. Illum, li l-partiti politiċi f'Malta qegħdin jitmexxew fuq bażi professjonali, ma jkunx sewwa li nħarsu lejn l-evoluzzjoni tagħhom fi żmien modern bl-istess lenti ta' żmenijiet oħra. Responsabbiltajiet ġodda jirrikjedu mezzi aħjar kif ukoll obbligi ġodda. Barra minn hekk, kull pajjiż ikun b'xi mod influwenzat miċ-ċirkostanzi u esperjenzi

ta' pajjiżi barranin. Minħabba ċ-ċokon tagħha, dan japplika ħafna aktar għal Malta, speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu l-esperjenzi Ewropej. Pero', pajjiżna jibqa' dak li hu, bil-ħtiġijiet u r-rejaltajiet tiegħu u għaldaqstant huwa importanti li dan jibqa' dejjem jinżamm f'moħħna għaliex mhux dak kollu li hu tajjeb għal barra, għandu neċessarjament japplika għalina.

1.6 Matul iż-żmenijiet, f'diversi pajjiżi ġew żviluppati sistemi li bihom l-Istat jagħti xi forma jew oħra ta' għajnuna lill-partiti politiċi. L-iskop ewlieni li għalih isir il-finanzjament pubbliku tal-partiti politiċi joħroġ b'mod ċar mis-sehem importanti li dawn għandhom fl-iżvilupp politiku, ekonomiku u soċjali tal-pajjiż. Għaldaqstant, is-soċjeta' għandha kull interess li tipprovdi xi forma ta' għajnuna lill-partiti politiċi fit-twettiq tal-ħidma tagħhom, kif ukoll id-dritt u l-obligu li tirregola l-finanzjament tal-partiti politiċi sabiex ma jkunx hemm individwi jew gruppi li abbużivament ikunu jridu jiddominaw lill-partiti u l-fehma politika tagħhom jew li jieħdu xi vantaġġ mhux mistħoqq. Għalhekk, filwaqt li s-soċjeta' tista' taqbel li tiffinanzja l-attivitajiet tal-partiti politiċi, trid tara wkoll li t-tmexxija finanzjarja tagħhom għandha tkun aktar trasparenti.

1.7 Għalkemm f'Malta kien hemm xi okkażjonijiet li fihom tqajjem is-suġġett dwar il-finanzjament u r-rendikont tal-partiti politiċi u l-kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali, il-Kummissjoni ħasset li s-suġġett li kienet qiegħda tittratta kien wieħed relattivament ġdid (għalkemm fil-preżent ġa qed tingħata xi forma ta' għajnuna lil dawk il-partiti rappreżentati fil-Parlament). Il-Kummissjoni ħasset għalhekk li jkun utili li tħares lejn l-esperjenzi ta' pajjiżi barranin f'dan il-qasam.

1.8 Il-Kummissjoni deħrilha wkoll li jkun xieraq li tiddiskuti fid-dettall dan is-suġġett direttament mal-partiti politiċi li kkontestaw l-aħħar Elezzjoni Ġenerali

u mal-korpi kostitwiti, kif ukoll tisma' l-opinjoni tal-pubbliku in ġenerali dwar is-suġġett.

1.9 Il-Kummissjoni kitbet lill-Alternattiva Demokratika, lill-Malta Labour Party u lill-Partit Nazzjonalista kif ukoll lid-diversi korpi kostitwiti sabiex tistidinhom jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar il-finanzjament tal-partiti Politiċi mill-Istat u r-rendikont tal-partiti politiċi u tal-kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali. Il-Kummissjoni ħarġet ukoll diversi stqarrijiet għall-istampa kif ukoll numru ta' avviżi fil-ġurnali biex tħajjar lill-pubbliku sabiex iressaq quddiemha l-ħsibijiet u l-proposti tiegħu dwar is-suġġett.

1.10 Il-Kummissjoni rċeviet sottomissjonijiet bil-miktub mingħand it-tliet partiti politiċi, kif wkoll mill-Assoċjazzjoni Maltija ta' min Iħaddem, il-Federazzjoni Maltija tal-Industrija, il-General Workers Union, il-Kamra Maltija tal-Kummerċ, u l-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Maltin. Il-Kummissjoni kellha sottomissjoni waħda biss mingħand membru tal-pubbliku.

Lil dawn kollha, il-Kummissjoni tixtieq pubblikament tirringrazzjahom għall-għajnuna siewja li huma taw.

1.11 Kopji ta' dawn is-sottomissjonijiet qed jidhru f'Appendiċi A1 sa A9 ma' dan id-dokument.

1.12 Saru wkoll diversi laqgħat ma' delegazzjonijiet mill-partiti politiċi u mal-korpi kostitwiti li noti dwarhom jinsabu f'Appendiċi B1 sa B5.

1.13 Il-Kummissjoni dehrilha li għandha teżamina x'jista' jsir f' Malta wara li tkun semgħet dawn is-sottomissjonijiet u fl-isfond ta' l-esperjenzi barra minn Malta. Il-Kummissjoni ħasset li kien importanti li l-proposti tagħha jkunu tali li fil-fatt

ikunu jistgħu jilħqu l-għan li għalihom ikunu saru. Fuq kollox, meta jiġu attwati, l-kontrolli meħtieġa jkunu jistgħu jiġu nfurzati b'mod rejalistiku.

1.14 Il-Kummissjoni tifhem li fuq dan is-suġġett jista' jkun hemm diversi opinjonijiet u li ħafna minnhom jistgħu jkunu wkoll konflinġenti għalkemm fihom innifishom jista' jkollhom ċerta validita'. Dawn l-opinjonijiet jistgħu xi kultant ikunu jirriflettu xi interess jew fehma partikolari, anke jekk dan ikun qed isir bl-akbar onesta'.

1.15 Ma setax jonqos li anke fi ħdan il-Kummissjoni kien hemm opinjonijiet differenti fuq xi punti prinċipali. Fejn dan kien il-każ, ir-Rapport juri x'kienu l-fehmiet differenti li ġew diskussi fit-tul. Il-Kummissjoni tħoss li fl-aħħar mill-aħħar għandha tkun is-soċjeta' Maltija li trid tiddeċiedi fuqhom wara dibattitu serju li dan ir-Rapport għandu jgħin li jsir. B'danakollu, tajjeb li wieħed jenfasizza li fil-Kummissjoni kien hemm ukoll qbil sostanzjali fuq ħafna ħwejjeġ u punti oħra li l-Membri tagħha jħossu li huma meħtieġa għal aktar żvilupp politiku u demokratiku f'pajjiżna.

## 2. Esperjenzi Barra Minn Malta

2.1 Kif diġa ntqal, il-Kummissjoni rat wkoll x'qed jiġri f'dan il-qasam barra minn Malta, partikolarment fl-Ewropa. Għal dan il-għan ġew konsultati diversi pubblikazzjonijiet u dokumenti oħra li jittrattaw dwar dan is-suġġett, kif ukoll il-leġislazzjonijiet relattivi.

2.2 Il-punti prinċipali tas-sistemi eżistenti f'diversi pajjiżi jidhru f'Appendiċi C1 taħt forma ta' tabella.

2.3 Wieħed jista' jiġbed dawn il-konklużjonijiet ġenerali dwar il-pożizzjoni f'diversi pajjiżi, l-aktar fl-Ewropa.

- Għalkemm ma teżisti l-ebda sistema li tapplika kullimkien, anzi hemm diversita' kbira bejn il-pajjiżi, bażikament jeżistu s-sistemi li ġejjin:

  - sussidju kull sena lill-partiti politiċi;
  - sussidju kull sena lill-gruppi parlamentari; u
  - pubblikazzjoni tar-rendikont finanzjarju tal-partiti.

- It-tendenza ġenerali hi li partit politiku jingħata somma ta' flus fis-sena, (għal skop speċifiku jew ġenerali) waqt li jingħata wkoll (għalkemm mhux kullimkien) sussidju addizzjonali lill-grupp parlamentari biex ikopri l-ispejjeż konnessi max-xogħol tiegħu. Ta' min jinnota:

  - li l-Belġju u Franza ntroduċew dan it-tip ta' sussidju riċentement waqt li l-Italja għadha kemm irriduċietu;

- l-Ingilterra addottat il-prinċipju li peress li l-partit fil-Gvern għandu ċerti vantaġġi (bħal per eżempju l-impjieg ta' konsulenti fil-qasam tar-riċerka), is-sussidju jingħata lill-partiti fl-Oppożizzjoni biss filwaqt li ġeneralment ma jkunx hemm kontrolli; u
- xi pajjiżi jissussidjaw biss lill-partiti politiċi li jkunu rappreżentati fil-Parlament, u oħrajn lil dawk li jeċċedu ċertu *threshold*.

- Il-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi ma jillimitawx l-infiq li jistgħu jagħmlu l-partiti f'Elezzjoni Ġenerali u ma jimponu ebda ħtieġa ta' verifika. Dan ma japplikax fil-każ ta' l-infiq tal-kandidati.

- Il-pajjiżi ta' l-Ewropa huma maqsuma fejn jikkonċerna s-sussidju għall-Elezzjonijiet Ġenerali. Fejn dan jeżisti, hu normalment marbut ma' numru minimu ta' voti miksuba f'Elezzjoni Ġenerali. F'xi pajjiżi hemm ukoll kontrolli fuq id-donazzjonijiet privati konnessi ma' l-Elezzjoni.

- Id-donazzjonijiet huma permessi kważi fil-pajjiżi kollha, għalkemm f'xi wħud minnhom hemm imposti limiti.

- Hafna pajjiżi ma jesiġux il-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tad-donaturi fil-waqt li xi wħud jesiġu dan meta l-ammont ikun relattivament għoli.

- Il-maġġoranza tal-pajjiżi jimponu l-obbligu fuq il-partiti sabiex kull sena jippubblikaw ir-rendikont finanzjarju tagħhom. Numru mhux ħażin jimponu wkoll li l-kontijiet dwar sussidju mill-Istat ikunu verifikati minn awdituri ta' l-Istat jew mill-Parlament.

2.4 Il-Kummissjoni għaldaqstant tiġbed l-attenzjoni li fil-fatt ma teżisti l-ebda sistema waħda u hemm differenzi bejn pajjiż u ieħor. Wieħed bil-fors jasal għall-konklużjoni li s-sistema mħaddma żviluppat f'kull pajjiż b'mod u fi żminijiet differenti u kienet influwenzata mill-istorja politika u soċjali ta' dak il-pajjiż. Dan għandu japplika wkoll għal Malta, u kull żvilupp li jrid iseħħ f'pajjiżna għandu għalhekk ikun konformi mar-rejaltajiet tagħna.

3. Is-Sitwazzjoni f'Malta

3.1 Il-Kunċett li l-Istat jagħti assistenza diretta lill-partiti politiċi li jikkwalifikaw billi jipprovdi flus minn fondi pubbliċi għal dan il-għan, hu xi ħaġa ġdida għal pajjiżna. Ta' min isemmi pero', li xi forom oħra ta' għajnuna ġa jeżistu. Hekk per eżempju, il-partiti rappreżentati fil-Parlament jingħataw *airtime* biex isemmgħu leħinhom fi programmi awtorizzati mill-Awtorita' tax-Xandir u dan speċjalment fi żmien il-kampanja elettorali. Ta' dan ma jsir ebda ħlas mill-partiti. L-assistenza taħt forma ta' flus tista' għalhekk titqies bħala estensjoni aktar wiesgħa ta' dak li fil-fatt ilu jsir. B'hekk il-pubbliku jkun aktar konxju ta' l-għajnuna li qed tingħata u jista' jwieżen aħjar xi tfisser u x'tiswa din l-għajnuna.

3.2 Il-Kummissjoni jidhrilha li l-forom ta' assistenza li ġa jeżistu għandhom jibqgħu għalkemm mhux neċessarjament taħt ir-regoli jew l-użanzi tal-lum. L-għajnuna li qed tipproponi l-Kummissjoni aktar 'il quddiem f'dan ir-Rapport, għandha għalhekk titqies bħala addizzjonali għal dak li ġa hemm. Minn naħa l-oħra, kull forma ta' assistenza kemm jekk fi flus, servizz jew ħaġa oħra, għandha tkun ikkonsidrata kollha flimkien u regolata taħt liġi waħda li tkopri kull għajnuna u li teskludi kull ħaġa oħra mhux minnha stabbilita u identifikata.

3.3 Hawn il-Kummissjoni jidhrilha li jkun xieraq li ssir distinzjoni bejn l-għajnuna lill-partiti politiċi u l-benefiċċji u servizzi li jingħataw lill-Membri tal-Parlament. Fit-tieni każ, din għandha titqies bħala materja separata u li għandha tkun esklussivament regolata mill-*Ispeaker* tal-Kamra tad-Deputati, skond kif ikun approva l-Parlament. Ta' min jinnota li f'dan ir-rigward, wieħed irid joqgħod attent li l-benefiċċji u servizzi lill-Membri tal-Kamra għandhom

ikunu direttament konnessi mad-doveri tagħhom fil-Parlament u ma jestendux għal ħidma personali tagħhom fil-kamp politiku partiġġjan.

3.4 Proposti tal-Gvern Malti

3.4.1 Fil-*White Paper* 'Il-Bidla tkompli...' li ġiet ippubblikata fil-11 ta' Novembru 1993, il-Gvern ressaq il-proposti tiegħu rigward il-finanzjament u r-rendikont tal-partiti politiċi u tal-kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali. Il-punti principali li joħorġu minn dan id-dokument huma:

> *"Waqt li nħarsu lejn l-għajnuna ta' l-Istat bħala element essenzjali, il-Gvern irid jenfasizza li hu jħares lejn il-partiti politiċi bħala għaqdiet volontarji li jissaħħu u jiddgħajfu mhux biss skond il-kunsens elettorali iżda anke skond il-kapaċita' tagħhom li jsaħħu l-element volontarju fi ħdanhom. Il-konsegwenzi ta' dan il-prinċipju huma li l-għajnuna ta' l-Istat:*
>
> *- m'għandhiex tkun tali li tagħmel lill-partiti politiċi dipendenti fuq l-Istat biex jiffunzjonaw iżda għandha biss tipprovdi l-minimu neċessarju biex jiffunzjonaw tajjeb;*
>
> *- m'għandhiex tkun tali li toħloq il-burokraziji fil-partiti jew tgħin billi toħloq il-partitokrazija;*
>
> *- għandha neċessarjament tkun marbuta ma' livell xieraq ta' kunsens popolari li partit jikseb f'elezzjoni;*
>
> *- għandha kemm jista' jkun tgħin aktar il-ħidma konnessa ma' l-iżvilupp ta' policies milli l-ħidma konnessa ma' l-organizzazzjoni.*
>
> *Ladarba se jkun hemm sussidju mill-Istat, il-Gvern jidhirlu li hu loġiku u konsegwenzjali li l-partiti politiċi jkunu obbligati li jippubblikaw l-accounts tagħhom. Qegħdin norbtu waħda ma' l-oħra għaliex sakemm il-partiti jibqgħu biss għaqdiet volontarji mhux megħjuna mill-Istat, ir-responsabbilta' tagħhom hi biss versu l-membri tagħhom. Darba l-Istat jissussidjahom ir-responsabbilta' tal-partit titwessa' u jridu jagħtu rendikont lis-soċjeta'."*

3.5 Pożizzjoni tal-Partiti Politiċi Ewlenin

3.5.1 It-tliet partiti politiċi ewlenin li kkontestaw l-aħħar Elezzjoni Ġenerali huma lkoll tal-fehma li l-Istat għandu jipprovdi għajnuna lill-partiti politiċi sabiex dawn isiru aktar effiċjenti u aktar ħielsa.

3.5.2 Fil-fatt, qabel l-Elezzjoni Ġenerali tal-1992, l-Alternattiva Demokratika għamlet stqarrija li kienet taqbel mal-prinċipju li l-Istat jagħti għajnuna finanzjarja lill-partiti politiċi. Minn naħa l-oħra, kemm il-Malta Labour Party kif ukoll il-Partit Nazzjonalista semmew dan is-suġġett fil-programm elettorali tagħhom ta' l-Elezzjoni Ġenerali ta' l-1987.

3.5.3 F'okkażjonijiet oħra dawn il-partiti kienu tal-fehma wkoll li l-leġislazzjoni preżenti fi Skeda 14 ta' l-Att Nru. XXI ta' l-1991 li tirregola l-infiq tal-kandidati matul kampanja elettorali għandha tiġi aġġornata sabiex tirrifletti b'mod aħjar ir-rejaltajiet ta' llum.

3.5.4 Dawn il-pożizzjonijiet joħorġu wkoll mis-sottomissjonijiet li l-Kummissjoni rċeviet mingħand dawn il-partiti (ara Appendiċi A) kif ukoll mid-diskussjonijiet li kellha mad-delegazzjonijiet tagħhom li noti dwarhom qiegħdin jiġu mehmuża bħala Appendiċi B.

3.5.5 Kif ġa ntqal qabel, fil-prinċipju l-partiti kollha jaqblu li għandu jkun hemm finanzjament lill-partiti politiċi mill-Istat. Jidher li jaqblu wkoll li:

- l-partiti m'għandhomx jiddependu għal kollox fuq l-għajnuna li jirċievu mill-Istat;

- l-għajnuna għandha tkun relatata ma kemm partit ikollu appoġġ ta' voti rifless f'Elezzjoni Ġenerali;

- għandu jingħata rendikont finanzjarju li jkun suġġett għall-verifika u li jkun pubblikat;

- l-assistenza tkun regolata b'liġi u amministrata b'mod effettiv minn xi awtorita'; u

- donazzjonijiet privati lill-partiti għandhom jibqgħu.

Jeżistu, pero', ċerti differenzi bejn id-diversi partiti kemm fuq id-dettal, kif ukoll fuq il-prinċipji dwar donazzjonijiet u fuq il-metodu li bih l-Istat għandu jgħin lill-partiti politiċi.

3.5.6 Waqt li l-Partit Nazzjonalista ressaq proposti konkreti dwar l-ammont ta' għajnuna li għandha tingħata, il-Malta Labour Party u l-Alternattiva Demokratika ma ressqu l-ebda proposta speċifika iżda ħallew il-bieb miftuħ. Il-Malta Labour Party għamilha ċara li dak kollu li ppropona kien preliminari u li l-pożizzjoni finali tittieħed meta jkun pubblikat ir-Rapport tal-Kummissjoni u l-abbozz tal-liġi jkun imressaq fil-Parlament. Din il-pożizzjoni wieħed jifhimha għax tħalli l-flessibbilta' u sa ċertu punt il-partiti l-oħra wkoll ħallew lok għal aktar diskussjoni fuq ċerti punti.

3.5.7 L-akbar differenzi bejn il-partiti jidhru li huma dwar kif għandhom jiġu regolati d-donazzjonijiet lill-partiti, għal x'hiex għandu jkun hemm għajnuna mill-Istat, kif din għandha tkun regolata, u kif għandha tkun introdotta din l-għajnuna.

3.5.8 Dwar l-aħħar punt, l-Alternattiva Demokratika tinsisti li għandu qabel kollox isir *Referendum* dwar is-suġġett. Il-partiti l-oħra jidhru li jridu joqgħodu fuq ir-rieda tal-Parlament. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' donazzjonijiet mill-pubbliku, il-Partit Nazzjonalista jħoss li hi "prattikament impossibli li tagħmel

liġi *water tight*" biex effettivament tikkontrolla l-abbużi li jistgħu jsiru faċilment kemm minn naħa tad-donatur kif ukoll minn xi partit u għalhekk dan il-partit iħoss li "l-vera soluzzjoni għal possibbilita' tal-korruzzjoni mhix il-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet ta' min jagħmel id-donazzjoni iżda qiegħda f'riforma tal-proċedura tal-għoti ta' kuntratti, permessi u liċenzji ta' ċertu sustanza........." Minn naħa l-oħra l-Malta Labour Party jsostni li donazzjonijiet li jinvolvu ammonti sostanzjali, per eżempju 'l fuq minn Lm5000, għandhom ikunu identifikati. L-Alternattiva Demokratika tieħu attitudni aktar ristretta; is-sorsi ta' donazzjonijiet ta' aktar minn Lm200 għandhom ikunu identifikati filwaqt li dawk ta' 'l fuq minn Lm500 għandhom ikunu projbiti (għalkemm dawn il-figuri m'humiex meqjusa bħala "kredu", l-partit jagħmel enfasi li dawn iż-żewġ "*thresholds*" m'għandhomx ikunu għolja).

3.5.9 Riġward l-għan tal-għajnuna mill-Istat, il-Partit Nazzjonalista u l-Alternattiva Demokratika donnhom ġeneralment jaqblu li din għandha tkun għar-riċerka, dokumentazzjoni, taħriġ u spejjeż ta' segreterija. Il-Malta Labour Party jidhirlu li l-għajnuna għandha tkun b'mod ġenerali għall-organizzazzjoni tal-partit, u għall-makkinarju biex il-partit ifassal il-politika tiegħu u biex iwassal ukoll din il-politika liċ-ċittadin. Fl-ewwel żewġ kategoriji ta' nfiq (organizzazzjoni u tfassil tal-politika) hemm xebħ ma l-għanijiet proposti miż-żewġ partiti l-oħra. Fil-każ tat-tielet (it-twassil tal-politika) il-partiti l-oħra ma jidhrux li huma favuriha għax iħossu li hi konnessa ma' propaganda politika.

3.6 Pożizzjoni tal-Korpi Kostitwiti

3.6.1 Il-korpi kostitwiti ġeneralment qablu li l-Istat għandu jagħti xi forma ta' għajnuna lill-partiti politiċi sabiex dawn ikunu jistgħu jaqdu d-doveri tagħhom aħjar fis-sistema demokratika ta' pajjiżna. Ta' min jinnota li kull darba ġie indikat li jkun xieraq, kif wkoll neċessarju, li din l-għajnuna tingħata fl-ambitu ta' sistema li titlob aktar trasparenza fit-tmexxija finanzjarja mill-partiti politiċi (ara Appendiċi A u B).

3.7 Pożizzjoni tal-Pubbliku In Ġenerali

3.7.1 Kif intqal aktar 'il fuq, il-Kummissjoni rċeviet sottomissjoni waħda biss mingħand il-pubbliku in ġenerali, (ara Appendiċi A9). Dan forsi għax dan huwa suġġett ġdid.

3.7.2 Il-Kummissjoni tinnota pero' li dehru diversi ittri u artikoli fil-gazzetti lokali dwar is-suġġett. Ta' min jgħid li filwaqt li ħafna mill-argumenti li ġew preżentati kienu ġeneralment favur l-għajnuna mill-Istat lill-partiti politiċi, kien hemm ukoll pożizzjonijiet opposti għal din ix-xorta ta' għajnuna.

3.7.3 Wieħed ukoll jinnota li f'ħafna mill-kontribuzzjonijiet ġiet trattata l-għajnuna li l-Istat jista' jagħti lill-partiti politiċi filwaqt li ftit li xejn kien hemm referenza għal dak li jirrigwarda l-pożizzjoni tal-kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali.

3.7.4 Il-punti prinċipali li joħorġu mill-kontribuzzjonijiet tal-pubbliku kif dehru fil-gazzetti lokali jinsabu preżentati f'Appendiċi D ta' dan ir-Rapport.

## 4. Għajnuna Finanzjarja mill-Istat lill-Partiti Politiċi

4.1 Prinċipji Ġenerali

4.1.1 Il-kunċett ta' għajnuna finanzjarja direttament lill-partiti politiċi mill-Istat, huwa ġdid għal Malta u ovvjament iżid il-piż fuq in-nefqa tal-Gvern li l-poplu jkollu jerfa' bit-taxxi li jħallas. Madankollu, in-nuqqas ta' sottomissjonijiet lill-Kummissjoni mingħand il-pubbliku in ġenerali ma jurix li s'issa huwa possibbli tgħid jekk il-maġġoranza tal-pubbliku hix favur jew kontra. Huwa fatt, pero', li l-partiti politiċi kollha li għandhom l-appoġġ tal-poplu, kif ukoll l-għaqdiet bħal *unions* u korpi kostitwiti oħra li jirrappreżentaw il-ħafna membri tagħhom f'diversi oqsma tal-ħajja Maltija, kollha huma favur.

4.1.2 Għaldaqstant il-Kummissjoni ma jidhrilhiex li għandha tidħol f'diskussjoni tejoretika dwar jekk għandux jew le li jkun hemm għajnuna mill-Istat. Aktar u aktar meta t-*terms of reference* tagħha tieħu t-tweġiba affermattiva bħala fatt. Il-Kummissjoni għalhekk hija aktar konċernata dwar kif u taħt liema kundizzjonijiet l-għajnuna għandha tingħata.

4.1.3 F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tħoss li l-finanzjament u rendikont pubbliku mill-partiti politiċi għandhom jiġu msejsa fuq il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

- L-għajnuna ta' l-Istat għandha tkun relatata ma' l-appoġġ popolari li partit jikseb f'Elezzjoni Ġenerali. Aktar ma partit għandu rappreżentanza ta' l-elettorat, aktar għandu bżonn ta' mezzi u aktar għandu jedd għal sehem mill-flus li jħallas għalihom il-poplu.

- L-għajnuna ta' l-Istat għandha tassigura ċerta ugwaljanza bejn il-partiti fis-sens li kull partit politiku li jikkwalifika għas-sussidju għandu jkollu ta'

lanqas il-mezzi minimi biex ikun jista' jiffunzjona. Is-sussidju ta' l-Istat m'għandux ikun intenzjonat li jġib il-partiti kollha ndaqs irrispettivament mill-kobor u l-mezzi tagħhom iżda li jipprovdi lill-partiti mezzi finanzjarji biżżejjed biex għall-anqas ikollhom il-minimu neċessarju sabiex jiffunzjonaw fuq livell aċċettabbli. L-esperjenza turi li ebda Stat ma jipprovdi biżżejjed finanzi biex partit ikampa u għalhekk prattikament kull partit jiddependi minn donazzjonijiet mill-privat.

- L-għajnuna ta' l-Istat għandha tkun mezz ieħor biex partit ma jirċevix u ma jkunx imġiegħel jiddependi minn donazzjonijiet privati li ma jkunux motivati minn ħsieb ġenwin u onest. Għalhekk għandu jkun hemm xi forma ta' kontroll fuq id-donazzjonijiet, mingħajr ma jitneħħa d-dritt ta' ħadd li jgħin kif irid, liberament u b'mod leċitu, lil xi partit li twemminu jħaddan.

- L-għajnuna mill-Istat minn flus il-poplu u r-regolazzjoni ta' donazzjonijiet jenħtieġu rendikont pubbliku tal-infiq u d-dħul tal-partiti politiċi. Dan irid isir b'mod kontrollat u effettiv minn organizzazzjoni indipendenti u ta' fiduċja.

- L-għajnuna ta' l-Istat lill-partiti politiċi fit-totalita' tagħha għandha tkun relatata ma' kejl li jirrifletti kemm ikun jista' jerfa' piż il-pajjiż f'dan ir-rigward u fl-istess waqt tista' tiġi aġġornata awtomatikament skond il-progress ekonomiku.

- L-għajnuna ma għandhiex tkun tiddependi sempliċiment minn deċiżjonijiet ta' gvern li jkun iffurmat minn partit politiku li fil-fatt ikollu nteress proprju fil-materja, iżda mill-Parlament.

4.1.4 Il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li mhux sewwa li l-partiti politiċi jiddependu mill-Istat għall-eżistenza tagħhom. Il-Kummissjoni temmen li f'demokrazija, wieħed għandu jħares lejn il-partiti politiċi bħala assoċjazzjonijiet volontarji li jimxu 'l quddiem jew imorru lura skond l-interess li juru l-imsieħba tagħhom u dawk li jħaddnu t-twemmin tagħhom. Temmen ukoll li waqt li l-Istat għandu d-dmir li jinkoraġġixxi u jgħin il-formazzjoni ta' gruppi politiċi, għaliex dawn huma l-mezz ewlieni kif titħaddem id-demokrazija, l-Istat m'għandu ebda obbligu li jiggarantixxi l-eżistenza ta' xi grupp partikulari. Din il-garanzija trid tiġi biss mill-ħidma u l-għajnuna volontarja u mill-kunsens taċ-ċittadini liberament muri fl-Elezzjonijiet Ġenerali.

4.1.5 Fir-rigward ta' dan, il-parti l-kbira tal-membri tal-Kummissjoni ħassew li għandu jkun hemm distinzjoni bejn inkoraġġiment u dipendenza. Din tista' ssir jekk fil-prattika wieħed jiddistingwi bejn (a) attivita' ta' ħsieb politiku, *policies* u organizzazzjoni amministrattiva; u (b) attivita' ta' propaganda u azzjoni purament politika. L-ewwel kategorija ta' attivita' hija l-bażi biex partit jiffunzjona b'mod effettiv biex tissaħħaħ id-demokrazija u għalhekk jistħoqqilha l-inkoraġġiment miċ-ċittadini kollha irrispettivament mit-twemmin tagħhom. It-tieni kategorija ta' attivita', waqt li ċertament hi importanti għall-partiti u f'ċerti każi tista' tkun mgħejuna mill-Istat, (bħal per eżempju programmi organizzati taħt l-Awtorita' tax-Xandir) din m'għandhiex tiddependi jew tkun garantita mill-finanzjament pubbliku iżda għandha tkun f'idejn il-partit innifsu u tiddependi biss mill-ħidma u l-appoġġ ta' dawk li jħaddnu t-twemmin ta' dak il-partit.

4.1.6 Għalhekk il-maġġoranza tal-Membri tal-Kummissjoni huma ta' l-opinjoni li l-Istat għandu jipprovdi għajnuna finanzjarja lill-partiti politiċi fil-parametri hawn fuq imsemmija. Wieħed mill-Membri tal-Kummissjoni, waqt li qabel ma' dawn il-parametri ħlief għad-distinzjoni li saret dwar attivita' ta'

propaganda u azzjoni purament politika, wera wkoll il-fehma li għandhom ikunu l-partiti nfushom li jiddeterminaw kif jonfqu l-fondi allokati lilhom, u dan bil-għan li partit ikun jista' jsaħħaħ ukoll l-istrutturi interni tiegħu kif ukoll il-makkinarju effettiv sabiex ifassal il-politika tiegħu u jwassal dik il-politika għand iċ-ċittadin.

4.1.7 Il-Kummissjoni għaddiet sabiex teżamina wkoll min għandu jkun eliġibbli għall-għajnuna mill-Istat.

4.1.8 Il-Kummissjoni deherilha li waqt li tnejn min-nies jikkostitwixxu assoċjazzjoni politika f'termini kostituzzjonali, l-Istat m'għandu ebda obbligu u lanqas hu xieraq li jissussidja l-attivita' ta' gruppi li m'għandhomx ċertu appoġġ popolari. Ħarsa lejn l-esperjenza barra minn Malta turi li kull pajjiż jimponi *threshold* ta' voti f'elezzjoni li partit ikun irid jikseb sabiex jikkwalifika għal sussidju. Uħud jorbtu dan it-*threshold* ma' rappreżentanza fil-Parlament, oħrajn ma' numru ta' voti fuq bażi nazzjonali anke jekk dawk il-voti ma jwasslux għal rappreżentanza fil-Parlament. Fiż-żewġ każi dan ifisser li biex partit jikkwalifika għall-għajnuna, irid ikun ikkontesta l-aħħar elezzjoni u ġab riżultat minimu skond it-*threshold* stabbilit.

4.1.9 Hawn wieħed jista' jqajjem żewġ punti. L-ewwel li min joħrog għall-Elezzjoni u ma jilħaqx il-minimu stabbilit, ma jkunx rikonoxxut bħala partit politiku li ħaqqu l-għajnuna mill-Istat. Il-punt l-ieħor hu li hekk ukoll jiġri fil-każ ta' partit li għadu jifforma ruħu u għaldaqstant ma kkontestax Elezzjoni Ġenerali. Dan ifisser li għalkemm l-iskop ta' l-għajnuna hu li jinkoraġġixxi l-pluraliżmu ta' għaqdiet politiċi f'ġieħ u għat-tkattir tad-demokrazija, il-partiti żgħar ħafna jew li għadhom jibdew, ma jkunux intitolati għall-għajnuna mill-Istat. Wieħed jista' jargumenta li dan mhux għal kollox xieraq u forsi għandu jinstab xi rimedju. Il-Kummissjoni minn naħa tagħha jidhrilha li x'imkien



97

bilfors trid tiġbed il-linja għax inkella kull min jgħid li hu partit politiku, irrispettivament minn kemm għandu appoġġ popolari, ikun jistenna li jkollu ħlas minn fondi pubbliċi u dan jista' jkun abbużiv. Għalhekk wieħed hu kostrett li jiddefinixxi x'inhu l-kriterju li jagħti d-dritt għal għajnuna lil partit politiku. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni l-aktar mod prattiku u veru huwa dak li joħrog mir-riżultat ta' l-Elezzjoni Ġenerali taħt il-kontroll tal-Kummissjoni Elettorali.

4.1.10 Il-Kummissjoni jidhrilha li sakemm partit politiku jkun kiseb ċertu appoġġ popolari, irrispettivament minn jekk ikollux rappreżentanza fil-Parlament, dan għandu jkollu dritt għal sussidju finanzjarju. Il-fattur prinċipali għandu jkun l-appoġġ popolari. Għalhekk il-Kummissjoni kkunsidrat li fil-kuntest ġenerali ta' pajjiżna jkun għaqli li tissuġġerixxi li kull partit politiku, li fl-aħħar Elezzjoni Ġenerali jkun kiseb ċertu persentaġġ ta' voti validi fuq bażi nazzjonali fl-ewwel għadd, ikun jikkwalifika għas-sussidju ta' l-Istat, indipendentement minn jekk ikunx rappreżentat fil-Parlament. Tliet Membri tal-Kummissjoni huma tal-fehma li dak il-persentaġġ għandu jkun ta' 3 fil-mija, waqt li ieħor deherlu li 5 fil-mija jkun aktar xieraq. Il-ħames Membru tal-Kummissjoni ħass li dan il-persentaġġ għandu jiġi deteriminat mill-Parlament meta tkun diskussa l-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi mill-Istat. (F'dan il-kuntest il-Kummissjoni tixtieq tiċċara li bl-ebda mod mhi qed torbot il-persentaġġ imsemmi ma dak li jista' jaqbel fuqu l-Parlament fir-rigward ta' rappreżentanza skond il-voti miksuba, ħaġa li mhix kompitu tagħha).

4.1.11 Minn naħa l-oħra l-Kummissjoni qablet li l-livell ta' appoġġ li jkun inkiseb fl-Elezzjoni Ġenerali għandu jservi ta' bażi sabiex jiġi determinat kemm għandha tkun l-għajnuna li kull partit individwali għandu jkun intitolat għaliha.

4.1.12 Kif ġa ntqal, il-Kummissjoni qablet fuq il-prinċipju li biex partit ikun intitolat għall-għajnuna mill-Istat irid ikun ikkontesta l-aħħar Elezzjoni Ġenerali u laħaq "*threshold*" fuq bażi ta' persentaġġ (ara paragrafu 4.1.10) ta' voti validi fuq bażi nazzjonali fl-ewwel għadd u li la darba jikkwalifika fuq dan il-kriterju, l-għajnuna tingħata anke jekk ma jkollux rappreżentanza fil-Parlament. Hawn tqum id-diffikulta' li jista' jagħti l-każ li partit politiku ma' jilħaqx it-"*threshold*" iżda xorta jirnexxilu jtella Membru fil-Parlament. Il-Kummissjoni tħoss li mingħajr preġudizzju għall-prinċipju msemmi hawn fuq, każ bħal dan jista' jitqies bħala eċċezzjoni għar-regola. Għalhekk il-Kummissjoni tirrakkomanda li f'ċirkustanzi simili għandu jiġi konċess li partit li ma jilħaqx it-"*threshold*" iżda li jkun rappreżentat fil-Parlament, għandu jingħata għajnuna strettament fuq il-bażi stabbilita f'paragrafu 4.1.11.

4.1.13 Il-Kummissjoni kkunsidrat ukoll il-fatt li sabiex l-assistenza tilħaq l-għan tagħha, din għandha tkun rejalistika fl-ammont, tkun tista' tiġi aġġornata skond iż-żminijiet u ma tkunx sempliċement determinata mill-partit li jkun fil-Gvern. Il-poplu għandu wkoll ikun f'qagħda li jwieżen kemm qed tiswielu u xi tfisser li parti mill-ġid tal-pajjiż tingħata f'għajnuna lill-partiti politiċi. Fl-isfond ta' dawn il-ħsibijiet, il-Kummissjoni jidhrilha li l-għajnuna għandha tkun marbuta ma' persentaġġ tal-Prodott Gross Domestiku f'termini nominali, skond l-aħħar figuri uffiċjali li joħroġ l-Uffiċju Ċentrali ta' l-Istatistika u li dan il-persentaġġ għandu jigi ffissat mill-Parlament b'liġi li titressaq apposta.

4.2 Kodiċi ta' Prattika

4.2.1 Il-Kummissjoni tħoss li jkun sewwa li l-għajnuna li l-Istat jagħti lill-partiti politiċi għandha tkun marbuta ma' kodiċi ta' prattika li għandu jkun addottat mill-partiti politiċi kollha. Dan ikun japplika kemm għall-partit, kif ukoll għall-membri tiegħu u l-kandidati li joħorġu f'ismu.

4.2.2 Dan il-kodiċi ta' prattika għandu jinkludi l-prinċipji ġenerali msemmija hawn taħt:

i) Donazzjonijiet ma jissarfux f'influwenza jew favur.

ii) It-trasparenza fil-finanzjament għandha tkun ipprattikata dejjem u tkun tali li tista' tiġi ivverifikata b'mod xieraq.

iii) Flus li ġejjin minn sorsi illegali jew li dwarhom hemm xi suspett, ma jiġux aċċettati.

iv) Donazzjonijiet ġejjin minn sorsi anonimi għandhom ikunu identifikati fil-kontijiet miżmuma u ppubblikati bħala tali.

v) Donazzjonijiet minn Gvernijiet barranin jew minn sorsi kkontrollati minnhom għandhom jiġu rifjutati, filwaqt li donazzjonijet minn sorsi oħra barranin (inkluzi partiti politiċi u organizzazzjonijiet kontrollati minnhom) għandhom jiġu identifikati u ppubblikati bħala tali.

vi) Għandu jkun hemm impenn serju sabiex ħadd ma jkun jiddependi finanzjarjament b'mod sproporzjonat minn donatur privat wieħed jew grupp ta' donaturi li għandhom xi nteress partikolari komuni.

vii) Kull partit u kull kandidat li joħroġ f'ismu għandu d-dover li jiżgura li jiġu osservati fil-prattika u fl-ispirtu l-liġijiet kollha li jirrigwardaw il-finanzjament tal-partit u/jew tal-kandidati skond il-każ, kif ukoll il-kundizzjonijiet kollha li jirregolaw kull għajnuna mgħotija mill-Istat lill-partit.

viii) Kull partit għandu jikkopera u jagħti sehmu b'impenn fil-ħidma ta' xi awtorita' mwaqqfa biex tirregola l-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali, u li fuqha jkun rappreżentat. Kull partit għandu d-dmir li jara li l-istruzzjonijiet, talbiet u linji ta' gwida li joħorġu mill-istess awtorita', għandhom jiġu osservati minn kulħadd.

4.2.3 Il-Kummissjoni temmen li l-osservanza tal-liġi ma toħroġx mill-liġi nnifisha iżda mill-prinċipji u l-ispirtu li fuqhom hi msawra. Il-Kummissjoni jidhrilha li l-partiti politiċi llum huma matura biżżejjed biex dak li jemmnu fih fil-fatt iwettquh. Hu mportanti li l-istess partiti, u kull min hu fil-politika, jħaddnu prinċipji ta' etika komuni. Jekk il-partiti politiċi kollha jaqblu fuq dan il-kodiċi ta' prattika allura għandhom jaqblu wkoll li l-osservanza tiegħu għandha tkun kundizzjoni sabiex partit jieħu għajnuna mill-Istat.

4.3 Forom t'Assistenza

4.3.1 Il-Kummissjoni ddiskutiet fit-tul dwar x'forom t'assistenza għandhom jiġu mogħtija kif ukoll kif għandhom jintużaw il-fondi. Waqt li kien hemm qbil fuq ċerti ħwejjeġ, kien hemm ukoll opinjonijiet differenti fuq oħrajn. It-taqsimiet I sa IV, hawn taħt imsemmija, juru fejn u sakemm kien hemm qbil fuq il-punti diskussi.

*I Għajnuna għal Riċerka, Żvilupp ta' Policies u Taħriġ.*

a) Hu fl-interess tal-pajjiż kollu li kull partit politiku jiżviluppa ħsibijiet u jfassal *policies* li jkunu bażati fuq riċerka tajba u li tagħraf ir-rejalta' ta' pajjiżna u fejn hemm bżonn anke dak li jkunu għaddew minnu pajjiżi oħra. Biex dan ikun

possibbli, kull partit ikun jeħtieġ numru minimu ta' impjegati *full-time* jew *part-time* kif ukoll infiq relatat mal-ħidma tar-riċerka u taħriġ.

b) Kien hemm il-fehma li parti sostanzjali mill-għajnuna ta' l-Istat tintefaq primarjament f'oqsma konnessi ma' l-iżvilupp ta' *policies,* riċerka u taħriġ. Għaldaqstant, ġie propost li 70 fil-mija ta' l-għajnuna tiġi allokata sabiex tkopri spejjeż konnessi ma' dan il-qasam. Parti bażika minn dan is-sussidju (i.e. wieħed minn kull għaxra ta' din il-parti tas-sussidju) għandha tiġi mogħtija ugwalment lil kull partit li jikkwalifika, filwaqt li l-parti l-oħra ta' l-għajnuna għandha tiġi relatata man-numru ta' voti li kull partit ikun ġab fil-aħħar Elezzjoni Ġenerali.

c) Ġie propost ukoll li l-għajnuna għandha tkun regolata billi:

i) ikun ċar li dan is-sussidju jista' jintefaq biss fuq ħidma ta' riċerka, żvilupp ta' *policies* u taħriġ;

ii) sakemm dan il-għan ikun osservat, il-partiti stess ikunu jistgħu jonfqu s-sussidju kif jidhrilhom xieraq;

iii) li l-partiti jkunu obbligati li jissodisfaw kemm lill-awdituri tagħhom kif ukoll lill-Awtorita' responsabbli mill-amministrazzjoni ta' din is-sistema li l-fondi jkunu effettivament intefqu skond il-liġi;

iv) il-ħlas lill-partiti fir-rigward ta' dan li hawn imsemmi hawn fuq għandu jsir kull sitt xhur bil-quddiem.

Erbgħa mill-Membri tal-Kummissjoni qablu dwar dak li qed jiġi propost hawn fuq (ara wkoll para. 4.4.3). Il-Membru l-ieħor, waqt li jagħraf l-importanza tar-riċerka eċċ., iħoss li sa kemm ikun hemm rendikont finanzjarju u verifika dwar dan, kull

partit għandu jkun fil-liberta' kif iqassam u jonfoq il-fondi allokati lilu u dan mingħajr ebda rabta ma' xi persentaġġ stabbilit għal xi tip ta' nfiq.

*II Sussidju Dirett għall-Organizzazzjoni tal-Partiti Politiċi*

a) Filwaqt li l-volontarjat għandu jibqa' s-sinsla prinċipali ta' kull partit, soċjeta' moderna titlob li x-xogħol li jsir fi ħdan partit politiku għandu jitwettaq fuq bażi professjonali li jirrifletti ż-żminijiet ta' llum. Għaldaqstant, kien hemm il-fehma li jkun sewwa li l-Istat jagħti xi forma ta' assistenza għall-organizzazzjoni tal-partiti politiċi. F'dan ir-rigward, is-sussidju għandu jkun ferm anqas minn dak ta' qablu, (għaliex l-organizzazzjoni tal-partiti għandha primarjament tiddependi mill-finanzjament volontarju li jiksbu l-partiti), u li l-Istat m'għandux jiffinanzja attivita' politika ta' partit u lanqas il-*media* tiegħu. Il-finanzjament għandu għaldaqstant ikun dirett biss lejn l-ispejjeż involuti fit-tmexxija ta' segreterija tal-partit.

b) Ġie propost li 20 fil-mija ta' l-għajnuna li tingħata mill-Istat għandha tkun allokata sabiex tkopri dan it-tip ta' spejjeż. Peress li spejjeż ta' din ix-xorta normalment huma relatati mad-daqs ta' partit, il-fondi li jiġu allokati għall-organizzazzjoni tal-partiti għandhom jiġu maqsuma bejn il-partiti li jikkwalifikaw, skond in-numru ta' voti li jkunu ġabu fl-aħħar Elezzjoni Ġenerali.

c) Il-kundizzjonijiet elenkati f'Taqsima I (c) għandhom japplikaw kif jixraq skond il-każ.

Hawnhekk ukoll kien hemm qbil bejn erbgħa mill-Membri tal-Kummissjoni, dejjem bil-flessibbilita' msemmija f'para 4.4.3. Il-Membru l-ieħor, anke f'dan ir-rigward tenna dak li ntqal f'Taqsima I rigward il-liberta' li partit għandu jkollu fit-tqassim ta' l-infiq.

*III Assistenza għall-Kampanja Elettorali*

Il-Kummissjoni nnotat ukoll li f' xi pajjiżi barranin jiġu stabbiliti limiti fuq l-infiq li jistgħu isiru f'kampanja elettorali u hemm każi fejn l-Istat jissussidja l-infiq tal-partiti politiċi waqt kampanja elettorali. Il-Kummissjoni eżaminat ukoll x'sistema għandha tiġi addottata f'pajjiżna f'dan ir-rigward.

Wara li ddiskutiet dwar il-possibbilta' li jiġu stabbiliti limiti ta' l-infiq li jistgħu jagħmlu l-partiti f'kampanja elettorali, il-Kummissjoni dehrilha li din il-proposta m'hix aċċettabbli fuq bażi ta' prinċipju minbarra li toħloq diffikultajiet kbar sabiex tiġi nforzata.

Fir-rigward jekk għandux ikun hemm xi forma ta' sussidju speċjali mill-Istat għal matul kampanja elettorali, l-maġġoranza tal-Membri qablu li m'hemmx ġustifikazzjoni għal dan. Wieħed mill-Membri l-oħra dehrlu li xi forma ta' sussidju tkun xierqa waqt li l-ieħor kien tal-fehma li f'sena li tkun se ssir Elezzjoni Ġenerali, partit politiku jkollu jidħol għall-impenji kbar li jkunu jenħtieġu l-involviment dirett tas-segreterija tal-partit, u għalhekk dan il-membru ħass li s-sussidju msemmi f'Taqsima II hawn fuq għandu jkun id-doppju fis-sena li fiha jiġi ppubblikat ir-*writ* sabiex issir Elezzjoni Ġenerali.

Il-Kummissjoni qablet pero' li fi żmien l-Elezzjoni Ġenerali, l-Istat għandu jipprovdi l-ispazju meħtieġ biex il-partiti kollha li jokkontestaw Elezzjoni Ġenerali jkunu jistgħu jwaħħlu *posters* sabiex ikunu jistgħu iwasslu l-messaġġ tagħhom aħjar liċ-ċittadin. L-ispejjeż ta' dan l-ispazju għandhom ikunu separati minn kull għajnuna oħra li ġeneralment tingħata.

*IV Sussidji Oħra*

Il-Kummissjoni jidhrilha wkoll li hemm lok għal xi forom ta' sussidji oħra li għandhom jingħataw lil kull partit li jikkwalifika għal sussidju mill-Istat. Dawn għandhom ikopru xi spejjeż oħra ta' natura ġenerali li jistgħu jinqalgħu u li m'humiex speċifikament imsemmija hawn fuq.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li din ix-xorta ta' għajnuna għandha tkun ta' 10 fil-mija tal-assistenza totali li l-Istat ikun ser jagħti lill-partiti politiċi f'sena partikolari. Din l-għajnuna għandha tinqasam bejn il-partiti li jikkwalifikaw għall-assistenza mill-Istat skond in-numru ta' voti li jkunu ġabu fl-aħħar Elezzjoni Ġenerali u għandha titħallas lil kull partit kull sitt xhur bil-quddiem biex tintefaq kif jidhrilhom xieraq.

4.4 Fondi Allokati mill-Istat

4.4.1 Kif intqal qabel, wieħed għandu jiżen is-sitwazzjoni preżenti tal-pajjiż qabel jasal għal somma xierqa ta' flus. Wara diskussjonijiet fit-tul, il-Kummissjoni qablet li tipproponi li l-għajnuna mill-Istat lill-partiti Politiċi matul sena partikulari dwar it-Taqsimiet I, II u IV hawn fuq imsemmija ma għandhiex taqbeż il- 0.02 fil-mija tal-Prodott Gross Domestiku f'termini nominali kif ġie msemmi aktar qabel (ara 4.1.13). Fuq il-bażi tal-figuri proviżorji għal-1994 din is-somma tammonta għal madwar Lm200,000.

4.4.2 Biex wieħed jifhem aħjar x'qed tipproponi l-Kummissjoni, it-tabella Nru 1 f'paġna 28 tindika kif, skond dak li ntqal f' Taqsima I, II u IV tal-paragrafu 4.3, dawn il-flus jistgħu jiġu allokati fuq il-prinċipji msemmija, u fuq il-bażi ta' tliet partiti politiċi li jkunu kkwalifikaw għall-għajnuna fuq persentaġġ ta'

voti ipotetiku. In-numru ta' voti meħuda huwa n-numru ta' voti validi ta' l-Elezzjoni Ġenerali tal-1992.

4.4.3 Biex ikun hemm aktar flessibbilta', l-Membri tal-Kummissjoni li qablu fuq l-allokazzjonijiet tal-fondi kif imsemmija f' Taqsimiet I u II ta' paragrafu 4.3.1 jipproponu li fuq talba speċifika ta' partit, l-Awtorita' responsabbli li tirregola l-finanzjament tal-partiti mill-Istat tista' tapprova li l-ammont allokat f'xi sena partikolari taħt xi taqsima partikolari jiżdied sa 20 fil-mija. L-ammont hekk miżjud għandu jitnaqqas mill-allokazzjonijiet li l-partit ikun intitolat għalihom taħt iż-żewġ Taqsimiet l-oħra.

Tabella 1

# ALLOKAZZJONI TA' FONDI LILL-PARTITI POLITIĊI

## ASSUNZJONIJIET

- Numri ta' voti validi skond l-Elezzjoni Ġenerali ta' l-1992. - 247,139
- Partiti Politiċi u voti tejoretikament miksuba.

| | | |
|---|---|---|
| Partit A (49%) | - | 121,098 |
| Partit B (48%) | - | 118,627 |
| Partit C (3%) | - | 7,414 |

- Fondi Allokati

| | | |
|---|---|---|
| Fondi Allokati | | Lm200,000 |
| I. Riċerka u Żvilupp ta' *Policies* (70%) | - | 140,000 |
| II. Organizzazzjoni (20%) | - | 40,000 |
| IV. Sussidji oħra (10%) | - | 20,000 |

## ALLOKAZZJONI

| L-Għan ta' l-għajnuna | Bażi ta' allokazzjoni | Partit A | Partit B | Partit C | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| | | Lm | Lm | Lm | Lm |
| Riċerka etc. | *10% fiss* | 4,667 | 4,667 | 4,666 | 14,000 |
| (Para. 4.3.1 I) | *varjabbli* | 61,740 | 60,480 | 3,780 | 126,000 |
| | | 66,407 | 65,147 | 8,446 | 140,000 |
| Organizzazzjoni (Para. 4.3.1 II) | *varjabbli* | 19,600 | 19,200 | 1,200 | 40,000 |
| Sussidji oħra (Para. 4.3.1 IV) | *varjabbli* | 9,800 | 9,600 | 600 | 20,000 |
| | TOTAL | 95,807 | 93,947 | 10,246 | 200,000 |
| Kull vot miksub | | Lm0.79 | Lm0.79 | Lm1.38 | Lm0.81 |

Nota: Fil-każ ta' partit li ma jilħaqx it-*threshold* ta' voti stabbilit (ara para 4.1.10 tar Rapport) iżda li jtella' xi Membru fil-Parlament, dak il-partit ikun intitolat għall-proporzjon skond il-persentaġġ ta' voti miksuba fl-ewwel għadd u l-bilanċ tal-fondi allokati mbagħad jinqasmu fuq il-bażi kif jidher hawn fuq.

## 5. Il-Kwistjoni tad-Donazzjonijiet lill-Partiti Politiċi

### 5.1 Prinċipji Ġenerali

5.1.1 Mis-sottomissjonijiet magħmula lill-Kummissjoni, jidher li l-kwistjoni tad-donazzjonijiet lill-partiti politiċi hija l-aktar waħda li dwarha hemm opinjonijiet kontrastanti. Il-pożizzjoni differenti ta' l-istess partiti politiċi tidher f'Appendiċi A1 sa A3 u aċċenn għaliha ġa ngħata f'paragrafi 3.5.7 u 3.5.8. Fil-każ tal-korpi kostitwiti, l-Federazzjoni Maltija tal-Industrija insistiet li jekk hu possibbli, l-kontribuzzjoni tal-partiti (u kandidati) minn individwi jew intrapriżi privati għandu jkun biss ta' Lm500. L-Assoċjazzjoni Maltija ta' min Iħaddem uriet il-fehma li l-partiti u l-kandidati m'għandhomx ikunu "*unduly beholden*" għal xi donatur privat jew grupp ta' kontributuri, li għandu jkun hemm limitu fuq l-ammont permissibbli u li donazzjoni li teċċedi ċertu ammont li jkun speċifikat għandha tkun pubblikata. L-Assoċjazzjoni ssuġġeriet ukoll li entitatijiet kontrollati mill-Istat kif ukoll *Unions*, għaqdiet ta' min iħaddem u organizzazzjonijiet simili għandhom ikunu projbiti milli jagħtu xi donazzjoni.

5.1.2 Il-Kamra Maltija tal-Kummerċ għamlet enfasi fuq it-trasparenza u li ċ-ċittadin għandu d-dritt ikun jaf minn fejn ġejjin il-flus u għall-liema għanijiet qed jitħaddmu. Il-Kamra tal-Kummerċ hi tal-fehma li l-vantaġġi tal-kunfidenzjalita' u segretezza (biex ikun possibbli għaċ-ċittadin li jikkontribwixxi) "ma jreġux fuq l-iżvantaġġi li jinqalgħu meta ċ-ċittadin ma jkunx jaf u ma jkunx konvint li pajjiżu qed jitmexxa kif jixraq". Fil-laqgħa tagħha mal-Kummissjoni, l-Kamra ssuġġeriet li għandu jkun hemm limitu fuq l-ammont ta' donazzjonijiet permissibbli, u li l-identita' tad-donatur għandha tkun pubblikata speċjalment fil-każ tad-donazzjonijiet il-kbar. Sostniet ukoll li entitajiet kontrollati mill-Istat għandhom ikunu projbiti milli jagħmlu xi

donazzjoni waqt li kumpanniji kummerċjali li huma "pubbliċi", għandhom jiddikjaraw dak li jagħtu.

5.1.3 Il-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Maltin qalet li trid "kollox bil-miftuħ" u li l-partiti politiċi għandhom "perjodikament jagħtu rendikont pubbliku tad-donazzjonijiet kollha, ikunu kemm ikunu........ u dan kollu jiġi strettament ikkontrollat". Il-General Workers' Union ukoll insistiet li l-partiti politiċi "għandhom jintrabtu li jobbligaw ruħhom li jippubblikaw rendikont ta' kull donazzjoni li jirċievu minn sorsi privati, filwaqt li għandu jinżamm kontroll strett dwar dan il-finanzjament."

5.1.4 Il-Kummissjoni ddiskutiet din il-materja fit-tul fid-dawl ta' l-esperjenzi ta' dak li sar barra minn Malta kif ukoll ta' l-opinjonijiet imressqa quddiemha. Rigward dawn ta' l-aħħar, waqt li wieħed japprezza l-motivazzjoni u r-raġunar ta' kull fehma ndividwali, d-diversita' u l-kuntrast ta' l-opinjonijiet fil-kollettivita' tagħhom, jagħmluha mpossibbli li tinstab soluzzjoni ekwa li tissodisfa lil kulħadd. Il-Kummissjoni tħoss ukoll li waqt li tejoretikament xi fehma partikolari tista' tkun attrajenti, wieħed irid jara kemm fil-prattika din tista' tiġi applikata fl-interita' tagħha speċjalment fir-rejalta' ta' pajjiżna.

5.1.5 L-ispektrum ta' l-argumenti dwar id-donazzjonijiet jinfirex minn waħda ta' projbizzjoni assoluta għal oħra t'aċċettazzjoni mingħajr ebda kontrolli, b'ħafna varjazzjonijiet ta' limiti u kundizzjonijiet bejn dawn iż-żewġ estremi.

5.1.6 Il-Kummissjoni dehrilha li l-projbizzjoni assoluta mhix f'lokha. Dan l-ewwel nett għax il-partiti kollha jkunu jiddependu mill-Istat għall-eżistenza tagħhom - ħaġa li fiha nnifisha għandha ħafna perikli. Barra minnhekk, din tneħħi l-liberta' ta' l-individwu li jgħin bil-mezzi tiegħu lill-partit li hu jemmen fih u dan mingħajr skop ta' favuri jew korruzzjoni. B'hekk ukoll partit politiku jsir

aktar indipendenti mill-membri tiegħu u dawk kollha li jappoġġjawh tant li hemm il-periklu li jinqata' minnhom u jitlef il-veru appoġġ tal-ħidma tagħhom. Il-projbizzjoni, jekk vera tkun kontrollata, tfisser ukoll piż enormi fuq il-*budget* tal-pajjiż li mhux bilfors ikun jiflaħ għalih.

5.1.7 Għalkemm ovvju, tajjeb li wieħed iżomm quddiem għajnejh, li kull partit politiku biex jiffunzjona bilfors irid ikollu l-mezzi tiegħu u amministrati minnu biex jisvolġi l-attivitajiet tiegħu. F'demokrazija, partit politiku hu għaqda ta' nies li jħaddnu u jridu jxerrdu l-idejat tagħhom b'mod paċifiku u demokratiku. Ikun nuqqas ta' liberta' li ċċaħdilhom b'mod assolut li jikkontribwixxu huma stess bil-mezzi kif huma jidhrilhom li huwa meħtieġ, u skond kif huma jridu u kemm jifilħu, sew jekk bi flus, b'servizzi jew xi kontribuzzjoni oħra. Ċaħda simili, abbinata ma' dipendenza assoluta fuq l-Istat għal mezzi biex partiti politiċi jiżvolġu l-ħidma tagħhom, tista' tikkostitwixxi theddida serja għad-demokrazija.

5.1.8 Għal dawn ir-raġunijiet, il-membri tal-Kummissjoni unanimament jaqblu li -d-donazzjonijiet m'għandhomx ikunu projbiti, anzi għandhom jibqgħu u l-għajnuna ta' l-Istat għandha tkun relattivament limitata kif spjegat qabel f'dan ir-Rapport. Il-Kummissjoni unanimament qablet ukoll li għandu jkun hemm trasparenza dwar id-donazzjonijiet. Iżda hemm aspetti oħra dwar din il-kwistjoni tad-donazzjonijiet li jridu jitqiesu sewwa u aktar fid-dettal u li dwarhom ma kienx hemm qbil unanimu fil-Kummissjoni, liema nuqqas ta' qbil jirrifletti sa ċertu punt il-modi kif il-partiti politiċi jħarsu lejn dan is-suġġett minn angoli differenti.

5.1.9 Id-domandi li wieħed isaqsi fil-każ li d-donazzjonijiet privati għandhom jibqgħu, huma: jekk dawn għandhomx b'xi mod jiġu regolati; jekk għandux ikun hemm rendikont dwarhom mill-partiti u jekk iva kif; jekk għandux ikun

hemm limitu fl-ammont li dwaru jrid jiġi ppubblikat l-isem tad-donatur; x'definizzjoni għandha tingħata għal kelma "donazzjoni"; u x'għandu jkun ir-rimedju jekk ir-regola tinkiser. Il-Kummissjoni ddiskutiet fit-tul dawn l-aspetti u żammet ukoll quddiemha dawk is-sottomissjonijiet li kienu mressqa quddiemha.

5.1.10 Dwar jekk id-donazzjonijiet għandhomx ikunu regolati, l-Kummissjoni nnotat li ftit pajjiżi jagħmlu dan it-tip ta' kontroll għalkemm pero' dan hu suġġett li dejjem iqajjem il-kontroversji minn żmien għal żmien. Apparti minn dan wieħed ma jistax ma jsemmix l-esperjenza ta' xi pajjiżi fejn għalkemm kien hemm kontrolli, t-tixħim minn diversi bnadi baqa' xorta waħda u sar kamp għal korruzzjoni. Madankollu kien permezz ta' dawn il-kontrolli li kien hemm il-qafas legali biex jinstab xi rimedju. Minn naħa l-oħra wieħed jista' jgħid ukoll li kull pajjiż irid jara x'jgħodd għalih u sa fejn hu possibbli li jasal.

5.1.11 L-argumenti kontra l-kontrolli huma bażikament tlieta. L-ewwel wieħed hu li fil-prattika jkun ferm diffiċli, jekk mhux impossibli, li tagħmel kontrolli li assolutament ma jistgħux jiġu abbużati. It-tieni hu li jekk b'xi mod tirristrinġi d-dritt ta' persuna privata li tagħmel li trid b'ġidha, tkun qed tnaqqsilha l-liberta' tagħha bla bżonn (hawn wieħed mhux jitkellem fuq xi donazzjoni abbużiva għax din hi diġa' fiha nnifisha kontra l-liġi). It-tielet argument hu li jekk wieħed irid jikkontrolla d-donazzjonijiet għax b'xi mod dawn jistgħu possibbilment ikunu l-mezz jew raġuni ta' abbuż fl-għoti ta' kuntratti, liċenzji eċċ., wieħed għandu jħares lejn soluzzjonijiet aktar diretti biex jaqta' l-abbuż proprju fl-għoti ta' kuntratti, liċenzji, eċċ.

5.1.12 Dwar l-ewwel argument, huwa veru li tagħmel x'tagħmel, dejjem jibqa' l-lok kif wieħed jaħrab mir-regolament. Il-Kummissjoni taċċetta li din hi diffikulta' vera u li mhux faċli li ssib tarfha b'mod li assolutament ma jaħrab xejn. Iżda

l-maġġoranza tal-membri tal-Kummissjoni ma jidhrilhiex li tista' taqbel li, għax ma tistax issib irkaptu mija fil-mija, m'għandux ikun hemm xi kontroll. Din il-problema tinstab f'oqsma oħra bħal per eżempju, kif wieħed iżomm il-kontijiet għal xi negozju għal-raġunijiet ta' taxxa. Jekk xi azzjoni fiha nnifisha hi tajba, iżda tista' tkun okkażjoni għal xi ħadd li jużaha ħażin, hija ħaġa sewwa li wieħed jipprova jagħmel regoli biex jillimita dak il-ħażin.

5.1.13 Dwar it-tieni argument, fil-prinċipju l-Kummissjoni taqbel li kull persuna għandha d-dritt li tiddisponi minn ġidha kif jidhrilha. Minn naħa l-oħra, bħal drittijiet oħra, dan ma jfissirx li m'għandhomx jitħarsu l-interessi tas-soċjeta' kollha f'daqqa. Meta wieħed jagħti somom kbar ħafna lil xi partit politiku, jista' jkun qed jeżerċita' poter biex jinfluwenza l-kors tal-politika b'mod disproporzjonat meta mqabbel max-xewqa, forsi kuntrarja, tal-ħafna li m'għandhomx l-istess flus. Minn barra dan, it-trasparenza hi mezz siewi ħafna biex tgħin sabiex id-donazzjonijiet magħmula bi skop ħażin ma jinħbewx ma dawk li jsiru b'mod sinċier. Għalhekk il-maġġoranza tal-Membri tal-Kummissjoni jidhrilha li jkun xieraq li s-soċjeta' tagħmel limiti fuq id-donazzjonijiet u li tirregola dan biex tiżgura t-trasparenza.

5.1.14 Rigward it-tielet argument imsemmi f'paragrafu 5.1.11, mhux kompitu tal-Kummissjoni li tidħol fil-kwistjoni ta' kontrolli f'oqsma oħra. Żgur li l-iskop għal donazzjonijiet abbużivi jista' jkun ferm aktar wiesgħa milli jolqot biss l-għoti ta' kuntratti, liċenzji u permessi u jista' jkun immirat mhux biss għal partit fil-gvern iżda anke dawk il-partiti fl-oppożizzjoni. Il-maġġoranza tal-Membri tal-Kummissjoni tħoss li l-fatt li jsiru kontrolli f'oqsma oħra, ikunu kemm ikunu tajbin, m'għandux jeskludi li jsiru regoli biex possibbilment jevitaw id-donazzjonijiet abbużivi lill-partiti politiċi; anzi kontrolli f'dan il-lat għandhom isaħħu dawk li jsiru f'oqsma l-oħra.

5.1.15 Minn dak li ntqal s'issa wieħed jinnota li l-Kummissjoni taqbel li d-donazzjonijiet mill-privat għandhom jibqgħu u li għandu jkun hemm kontrolli xierqa li jimmiraw għat-trasparenza. Dwar limitazzjonijiet fuq ammonti u għal kif id-donazzjonijiet ikunu ġeneralment regolati, ma kienx hemm qbil unanimu.

5.1.16 Il-Kummissjoni tħoss ukoll il-ħtieġa li terġa tenfasizża li d-donazzjonijiet huma element meħtieġ għall-finanzjament tal-partiti politiċi u għalhekk wieħed irid joqgħod attent li ma jagħmilx kontrolli żejda li jistgħu igerrxu lil min jixtieq jikkontribwixxi lejn partit b'mod ġenwin. Hemm ukoll il-fatt li fiż-żminijiet tal-lum, biex partit jiffunzjona sewwa, jrid ikollu mezzi moderni ta' informazzjoni, komunikazzjoni u organizzazzjoni li jirrikjedu flejjes relattivament kbar u jkun diffiċli li partit ilaħħaq magħhom jekk l-għejjun volontarji li jista' jdur lejhom, ikunu magħluqa iżżejjed. Għalhekk meta l-limiti fuq l-ammont ta' donazzjonijiet permessi huma baxxi ħafna, jista' jingħata lok għal sitwazzjoni li tistieden l-abbużi. Il-partit innifsu jsibha aktar diffiċli li jżomm l-etika li jħaddan u jsir aktar espost għal pressjoni ta' min irid itiħ il-flus għal skopijiet ħżiena.

5.2 Rakkomandazzjonijiet

5.2.1 Il-Kummissjoni unanimament qablet li l-partiti politiċi għandhom ikunu meħtieġa li jippubblikaw darba fis-sena skeda li turi x'tip u d-diversi ammonti ta' donazzjoni li jkunu rċevew. Dawn għandhom ikunu murija fuq il-linji preżentati f'Appendiċi E ta' dan ir-Rapport.

5.2.2 Barra minn dan, il-maġġoranza tal-Membri tal-Kummissjoni qablet li:

a) donazzjonijiet minn sors wieħed mogħtija f'sena kalendarja li jaqbżu l-ammont ta' Lm10,000 għandhom ikunu projbiti.

b) f'każijiet ta' donazzjonijiet minn sors wieħed li f'sena kalendarja waħda jkunu jaqbżu l-Lm5000, l-identita' tad-donatur għandha tiġi ppubblikata mill-partit politiku, fir-rendikont imsemmi f'paragrafu 5.2.1.

c) dak li hemm f' (a) u f' (b) hawn fuq għandu japplika kemm fil-każ ta' persuna waħidha kif ukoll fir-rigward ta' familja (inkluż missier/omm u wliedhom taħt l-eta' u kumpanniji u negozji li għandhom jew li jikkontrollaw) u fir-rigward ta' kumpannija, grupp ta' kumpanniji, union u kull għaqda, organizzazzjoni jew entita' oħra.

- Fir-rigward ta' dak li hu rrakkomandat f'dan il-paragrafu, wieħed mill-erbgħa membri fil-maġġoranza msemmija, waqt li qabel fil-prinċipju, jidhirlu li l-ammont f'(a) għandu jkun Lm1000 u f'(b) Lm500 Il-Membru l-ieħor tal-Kummissjoni li ma qabilx, għax ma jħossx li d-donazzjonijiet jistgħu fil-prattika jkunu regolati bil-mod imsemmi, jidhirlu li jekk b'danakollu jkun hemm regolamentazzjoni kif imsemmi f'dan il-paragrafu, allura l-limiti kif proposti għandhom ikunu aktar wiesgħa, cioe' Lm20,000 u Lm10,000 rispettivament.

5.2.3 Il-Membri tal-Kummissjoni kollha jaqblu, kif ġa ntqal, li l-kontroll tad-donazzjonijiet hu diffiċli u li hemm ħtieġa kbira li l-possibbilta ta' manuvrar sabiex jinqabeż il-limitu tkun ristretta kemm jista' jkun. Il-Kummissjoni għalhekk tħoss li r-responsabbilta' biex l-affarijiet jimxu sewwa prinċipalment

għandha taqa' fuq l-istess partiti politiċi li f'pajjiż ġenwinament demokratiku ma jistgħux ma jkunux assolutament kontra kull forma ta' abbuż ġejja minn fejn ġejja. Fl-ambitu ta' dan il-ħsieb, il-Kummissjoni tħoss li għandha tirrijafferma l-importanza li kull partit politiku pubblikament għandu jħaddan il-Kodiċi ta' Prattika imsemmi f'dan ir-Rapport (ara paragrafu 4.2), u jimpenja ruħu li jsegwih. Il-Kummissjoni taqbel ukoll li min jikser il-Kodiċi ta' Prattika, l-liġi jew l-istruzzjonijiet li toħroġ l-Awtorita' responsabbli mit-tmexxija tas-sistema, ma jistax jibqa' jkun intitolat għall-għajnuna finanzjarja ta' l-Istat.

5.2.4 Il-Kummissjoni jidhrilha li għandu jkun hemm definizzjoni ta' x'inhi donazzjoni fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi. Għandu jkun ċar li din tista' tkun tikkonsisti kemm fi flus jew f'oġġetti ta' valur, kif ukoll fl-għoti ta' prodotti, servizzi u kull forma ta' xogħol li għandhom valur fis-suq. Għandu pero' jkun eskluż xogħol jew servizz volontarju u personali direttament mogħti minn partitarju, liema xogħol/servizz isir fuq, jew, fi proprjeta' tal-partit jew li jkun organizzat u sorveljat mill-partit. Meta d-donazzjoni ma tkunx f'forma ta' flus, din għandha tiġi kkwantifikata fi flus skond il-linji ġenerali tal-prattika tal-*accountancy* u ppubblikata bħala tali skond il-parametri msemmija f'paragrafu 5.2.1.

5.2.5 Kif intqal qabel f'dan ir-Rapport, il-Kummissjoni ma tara xejn ħażin li l-partiti politiċi jirċievu donazzjonijiet jew assistenza minn għaqdiet leġittimi barranin, sakemm dawn ma jkunux gvernijiet ta' pajjiżi barranin jew sorsi kkontrollati minnhom. Madankollu, jkun xieraq li kull tip ta' donazzjoni jew assistenza akkwistata minn barra l-pajjiż għandha tiġi identifikata individwalment bħala tali w ippubblikata b'mod dettaljat li tidentifika d-donatur, ix-xorta ta' donazzjoni jew assistenza miksuba kif ukoll il-valur konċernat.

5.2.6 Il-Kummissjoni tħoss li kull forma ta' sussidju pubbliku lill-partiti politiċi għandha tkun b'mod regolat, bl-akbar trasparenza u taħt liġi apposta. Għandu jkun projbit kull forma ta' sussidju minn korpi parastatali u istituzzjonijiet pubbliċi oħra, kif ukoll minn kumpanniji li l-maġġoranza tal-ishma u/jew il-kontroll effettiv tagħhom ikun f'idejn il-gvern jew f'idejn xi korpi parastatali jew istituzzjonijiet pubbliċi oħra.

5.2.7 Il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni wkoll li s-soċjetajiet kummerċjali li għandhom aktar minn ħamsin membru skond il-liġi li tirregola s-Soċjetajiet Kummerċjali, kif ukoll ċerti organizzazzjonijiet kummerċjali u m'humiex, li jamministraw flus li ma humiex tagħhom iżda tal-membri msieħba fihom, għandhom ikunu obbligati li jiddikjaraw mal-kontijiet li jippubblikaw kull sena, speċifikament id-donazzjonijiet jew assistenza li jkunu taw lill-partiti politiċi f'dik is-sena. Dan għandu jgħodd kemm għal dak li għandu x'jaqsam ma' donazzjonijiet ta' flus kif ukoll assistenza taħt xi forma oħra. Bħala eżempju wieħed jista' jsemmi kumpanniji kummerċjali (kemm jekk l-ishma tagħhom ikunu kwotati fil-Borża ta' Malta jew le), għaqdiet u korpi oħra simili. Dawn kollha, u oħrajn bħalhom, għandhom il-jedd li jappoġġjaw, anki finanzjarjament, lil kull partit li jidher li jaqbel lilhom, iżda billi qed jamministraw ħwejjeġ ħaddieħor, għandhom jagħmlu dan l-appoġġ b'mod miftuħ.

5.2.8 Biex it-trasparenza fid-donazzjonijiet tissaħħaħ u biex ikun hemm il-fiduċja fis-sistema kollha tal-finanzjament tal-partiti politiċi, l-Awtorita' li jkollha r-responsabbilta' li tissorvelja u tirregola f'dan il-qasam, għandha tingħata l-poteri, il-mezzi u l-awtonomija meħtieġa biex tkun tista' taqdi d-dmirijiet tagħha. Jekk dan ma jseħħx, ikun aktar loġiku li wieħed imur fuq l-estrem ta' naħa jew l-oħra ta' l-*ispectrum* imsemmi f' paragrafu 5.1.5 ta' dan ir-Rapport.

## 6. Amministrazzjoni tas-Sistema

### 6.1 Prinċipji Ġenerali

6.1.1 Sistemi ġodda bħal dawk li qiegħda titratta din il-Kummissjoni jeħtieġu organizzazzjoni serja li jkollha r-riżorsi neċessarji sabiex filwaqt li tiżgura li s-sistema timxi b'mod effiċjenti, tkun f'pożizzjoni li tikkontrolla l-abbuż.

6.1.2 Il-Kummissjoni tħoss li hu mportanti li jkun hemm trasparenza fit-tmexxija u li l-fondi pubbliċi ma jintużawx mill-gvern tal-ġurnata biex jingħata vantaġġ lil xi partit politiku. Għalhekk irid ikun hemm fondi apposta, li jiġu approvati mill-Parlament. F'dan ir-rigward qed jiġi suġġerit li l-fondi li jintużaw sabiex tingħata għajnuna lill-partiti politiċi, kif ukoll il-fondi neċessarji biex tiġi amministrata s-sistema, għandhom jiġu kull sena ivvutati apposta fil-Parlament.

### 6.2 Organizzazzjoni

6.2.1 Il-Kummissjoni ddiskutiet fit-tul taħt liema forma għandha tiġi amministrata s-sistema. Kien hemm qbil li s-suċċess ikun jiddependi ħafna fuq il-fiduċja li din l-organizzazzjoni ser ikollha mill-partiti politiċi li jkunu qegħdin jibbenefikaw mill-għajnuna ta' l-Istat, kif ukoll mill-pubbliku inġenerali li jkun qed jiffinanzja lill-partiti permezz tat-taxxi.

6.2.2 Ġew diskussi diversi alternattivi, fosthom li jinħatar Kumitat tal-Kamra tad-Deputati jew li titwaqqaf Kummissjoni Nazzjonali li jkollha l-inkarigu speċifiku li tamministra din is-sistema.

6.2.3 Wara li wiżnet sewwa l-alternattivi, l-Kummissjoni hi tal-fehma li l-aħjar mod hu li l-Kummissjoni Elettorali tkun inkarigata sabiex tamministra s-sistema msemmija. Pero', sabiex il-Kummissjoni Elettorali tkun tista' tagħmel dan b'mod effettiv, hu meħtieg li jkollha struttura li tagħmilha organizzazzjoni indipendenti mill-Istat u minn organizzazzjonijiet governattivi oħra. Ġie nnotat ukoll li l-Gvern diġa' waqqaf Kummissjoni apposta biex fost affarijiet oħra, tressaq proposti sabiex tiġi msaħħa l-Kummissjoni Elettorali.

6.2.4 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni kellha quddiemha żewġ konsiderazzjonijiet prinċipali. L-ewwel, li l-Kummissjoni Elettorali diġa għandha f'idejha mpennji kbar, li jiżdiedu sostanzjalment fi żmien Elezzjoni Ġenerali. Dan huwa proprju dak iż-żmien partikulari li fih ikun l-aktar neċessarju li jkun hemm kontrolli għar-rigward tal-finanzjament tal-partiti politiċi u l-kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali. Konsiderazzjoni oħra hija l-fatt li l-Kummissjoni Elettorali hija essenzjalment dominata mill-partiti politiċi fil-Parlament li għandhom *'vested interest'* fis-suġġett. Minbarra dan jista' jagħti l-każ li l-partit li jkun ikkwalifika għall-għajnuna mill-Istat u li ma jkollux membri fil-Kamra tad-Deputati, ma jkollux rappreżentanza fl-amministrazzjoni tas-sistema tal-finanzjament tal-partiti mill-Istat.

6.2.5 Għalhekk qiegħed jiġi propost li jinħatar Bord fi ħdan il-Kummissjoni Elettorali li jkollu l-obbligu li jamministra, jissorvelja u jirregola dak kollu li għandu x'jaqasam mal-finanzjar tal-partiti politiċi u l-kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali.

6.2.6 Dan il-Bord għandu jkun magħmul minn membri mill-Kummissjoni Elettorali (li wieħed minnhom ikun *iċ-Chairperson* tal-Bord li jkollu l-*casting vote*), u minn numru ndaqs ta' membri oħra li jkunu appuntati mill-Kummissjoni Elettorali. X'ħin tiġi sabiex taħtar dawn il-membri, il-Kummissjoni Elettorali

għandha timxi mal-prinċipju li kull partit politiku li jkun jikkwalifika għall-għajnuna ta' l-Istat għandu jkun rappreżentat fuq dan il-Bord, filwaqt li l-membri l-oħra neċessarji sabiex il-Bord ikun kostitwit kollu għandhom jintgħażlu minn fost persuni li jkollhom kwalifika jew esperjenza twila fil-qasam legali, finanzjarju, maniġerjali jew amministrattiv f'livell għoli u li ma jkunux membri ta' xi partit politiku jew attivi fil-politika matul l-aħħar ħames snin.

6.2.7 Il-Kummissjoni tħoss li peress li x-xogħol ta' dan il-Bord huwa bażikament relatat ma' perijodu ta' żmien bejn żewġ Elezzjonijiet Ġenerali, ikun xieraq li kemm jista' jkun possibbli l-istess Bord jibqa' jamministra s-sistema matul dan il-perijodu. Dan jista' jgħin sabiex is-sistema taħdem b'mod effiċjenti u effettiv. Għaldaqstant qiegħed jiġi propost li l-Bord għandu jiġi appuntat u kostitwit wara d-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-Elezzjoni Ġenerali u għandu jibqa' hekk kostitwit sa tliet xhur mill-pubblikazzjoni tar-riżultat ta' l-Elezzjoni Ġenerali ta' wara.

6.2.8 Il-Kummissjoni tħoss li huwa neċessarju li fejn hemm involuti fondi pubbliċi, għandu jkun hemm organu stabbilit li fuq bażi konsistenti u kontinwu, jkun responsabbli mill-amministrazzjoni u t-tmexxija. Jekk il-Bord hawn fuq imsemmi ma jkunx jista' jiġi kostitwit interament għal xi raġuni jew oħra minħabba ċirkostanzi jew sitwazzjonijiet partikolari, t-tmexxija ma tibqax effikaċi u s-sistema kollha tal-finanzjament tal-partiti politiċi u kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali tkun f'periklu li tiġġarraf. Għalhekk il-Kummissjoni qiegħda tirrakkomanda dak li jidher hawn taħt f'paragrafu 6.2.9 bħala rimedju. Dan jista' wkoll ikun alternattiva oħra għat-twaqqif tal-Bord, flok kif rakkomandat f'paragrafu 6.2.5.

6.2.9 Bħala soluzzjoni għal dak li hu msemmi hawn fuq, il-President ta' Malta għandu jkollu l-inkarigu sabiex iwaqqaf dan il-Bord kif ġej:

a) rappreżentant wieħed minn kull partit politiku li jkun jikkwalifika għall-assistenza mill-Istat; u

b) numru ta' persuni indipendenti li jissodisfaw dawk ir-rekwiżiti ta' kwalifika jew esperjenza msemmija qabel, liema numru għandu jkun daqs in-numru ta' persuni nominati mill-partiti. Wieħed minn dawn il-persuni għandu jassumi wkoll ir-responsabbilta' ta' *Chairperson* tal-Bord u jkollu l-*casting vote*.

F'dan il-każ il-Bord ikun meħtieġ li jirraporta lill-President.

6.3 <u>Miżuri għall-Ħarsien mill-Abbuż tas-Sistema</u>

6.3.1 Kif intqal qabel, din is-sistema proposta rigward il-finanzjament tal-partiti politiċi mill-Istat għandha jkollha l-forza tal-liġi. Mill-banda l-oħra l-proposti dwar il-finanzjament tal-kandidati għall-Elezzjoni Ġenerali jirrikjedu bidla fil-liġi eżistenti, li f'partijiet minnha tirrikjedi maġġoranza kwalifikata ta' żewġ terzi tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati.

6.3.2 Waqt li l-Kummissjoni tħoss li għandu jkun hemm deterrent serju għal min jabbuża, jew jikser il-provvedimenti proposti f'dan ir-Rapport, ma jidhrilhiex li f'dan l-istadju tista' tirrakkomanda x'għandhom ikunu l-penali f'dawn il-liġijiet. Dan jista' jsir biss meta jkun hemm qbil fil-pajjiż dwar x'għandu jsir u x'ma jsirx u xi jkun permess u mhux. Il-Kummissjoni tista' pero' tirrakkomanda li:

a) meta l-partiti politiċi jaqblu dwar Kodiċi ta' Prattika kif imsemmi aktar 'il fuq f'dan ir-Rapport, għandhom jaqblu li jimxu miegħu. Jekk il-Kodiċi ma jkunx osservat, il-Bord responsabbli mis-sistema għandu skond iċ-ċirkustanzi ta' kull każ, jiġbed l-attenzjoni ta' min ikun qed jonqos mill-Kodiċi ta' Prattika. Il-Bord għandu wkoll jikkunsidra skond il-każ jekk iwaqqafx l-assistenza li tkun qed tingħata, u jekk u meta din tieqaf meta jerġa' japprova li titkompla l-għajnuna taħt dawk l-istess kundizzjonijiet li l-Bord jidhirlu li jkunu xierqa;

b) l-Bord għandu jistabbilixxi linji li jista' jieħu dwar l-azzjoni msemmija hawn fuq u f'każijiet oħra fejn xi partit jew ħaddieħor jonqos mill-provvedimenti tal-liġi dwar il-finanzjament tal-partiti, kemm jekk dan ikun mill-Istat jew ġej minn xi mkien ieħor;

c) l-Bord jista' wkoll jistabbilixxi gwida meħtieġa għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-amministrazzjoni u l-finanzjament tal-partiti politiċi kif ukoll għall-awdituri dwar kif il-Bord jistenna li dawn għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-finanzjament tal-partiti;

d) konsiderazzjoni għandha tingħata wkoll jekk il-Bord imsemmi, jew xi tribunal ieħor, għandhux ikollu poteri investigattivi dwar individwi, kumpanniji jew organizzazzjonijiet oħra kif ġa ssemma' f'dan ir-Rapport, li jkunu allegatament abbużaw fir-rigward ta' donazzjonijiet jew ħwejjeġ oħra;

e) peress li ġeneralment is-Segretarju Ġenerali tal-partit ikun responsabbli mit-tmexxija ġenerali ta' partit politiku, filwaqt li t-Teżorier għandu responsabbilta' intima mal-amministrazzjoni finanzjarja tal-partit, dawn iż-żewġ uffiċjali għandhom ikunu primarjament responsabbli quddiem il-

liġi. Għal dan il-għan, partit politiku għandu jkollu l-obbligu li jirreġistra mal-Bord kompetenti l-ismijiet tal-persuni li jokkupaw dawn il-karigi fi ħdan il-partit u jinforma lill-Bord bil-miktub fi żmien raġonevoli meta jkun hemm xi tibdiliet f'dawn il-karigi;

f) l-obbligi tal-partiti politiċi għandhom jinkludu kemm kif jintefqu l-fondi mogħtija mill-Istat kif ukoll biex jiġi żgurat li r-regolamenti u l-provvedimenti kollha tal-liġi u dawk li jistabbilixxi l-Bord jiġu osservati;

g) l-istess bħal fil-każ f'paragrafu (e) hawn fuq imsemmi, kull kandidat għall-Elezzjoni Ġenerali għandu jgħarraf lill-Bord bl-isem ta' l-Aġent Finanzjarju tiegħu kif imsemmi f'Taqsima 7 ta' dan ir-Rapport. Dan l-Aġent Finanzjarju, flimkien mal-kandidat, għandhom ikunu responsabbli quddiem il-liġi. Din ir-responsabbilta' tapplika għaż-żmien kollu li jkopri kampanja elettorali skond il-liġi, irrispettivament minn meta jkun ġie appuntat u minn meta l-Aġent Finanzjarju jkun beda jagħmel x'infiq. Jekk waqt iż-żmien li jista' jsir infiq fi żmien kampanja elettorali jinbidel l-Aġent Finanzjarju, it-tieni wieħed ma jiġix aċċettat mill-Bord jekk ma' l-applikazzjoni tiegħu biex jirreġistra mal-Bord, il-kandidat ma jissottomettix rendikont dwar l-infiq kollu li sar qabel dik id-data. Dan għandu jkun iffirmat mill-kandidat jew mill-ewwel Aġent Finanzjarju kif ukoll mit-tieni Aġent Finanzjarju. Dan jgħodd għal kull meta jinbidel xi Aġent Finanzjarju;

h) l-poteri nvestigattivi tal-Bord kif imsemmi f'paragrafu (d) għandhom ukoll jestendu għal dak kollu li għandu x'jaqsam mal-finanzjament tal-kandidati matul kampanja elettorali.

## 7. Trasparenza u Rendikont Finanzjarju tal-Partiti Politiċi

7.1 Prinċipji Ġenerali

7.1.1 Għalkemm il-partiti politiċi huma assoċjazzjonijiet volontarji, huma wkoll organizzazzjonijiet nazzjonali li għandhom effett kbir fuq, u dover lejn, is-soċjeta'. Il-Kummissjoni temmen li f'soċjeta' moderna, dawn għandhom l-obbligu li jagħtu rendikont finanzjarju ta' l-attivatijiet tagħhom. Il-Kummissjoni tħoss li dan l-obbligu hu applikabbli aktar u aktar jekk partit politiku jkun qiegħed jieħu xi forma ta' għajnuna mill-Istat u jekk is-soċjeta', kif qed jiġi suġġerit f'dan ir-Rapport, titlob li jkun hemm xi forma ta' kontroll fuq id-dħul li jirċievu l-partiti politiċi.

7.1.2 Il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li l-partiti politiċi kollha li jkunu kkontestaw Elezzjoni Ġenerali għandu jkollhom l-obbligu li jippubblikaw, b'mod xieraq, rendikont finanzjarju tagħhom. Ikun xieraq ukoll li dan ir-rendikont ikun verifikat minn awditur jew soċjeta' ta' awdituri li jkollhom *warrant* sabiex tkun tista' tagħmel dan ix-xogħol skond il-liġi tal-professjoni tal-*accountancy* u l-verifika. Għal dak li jirrigwardja għajnuna mill-Istat, id-Direttur tal-Verifika għandu wkoll ikollu d-dritt tal-verifika.

7.1.3 Wieħed jinnota li t-tliet partiti politiċi li kkontestaw l-aħħar Elezzjoni Ġenerali infurmaw lill-Kummissjoni li fil-każ tagħhom, diġa' qed jinżammu l-kontijiet fuq linji professjonali u li r-rendikont finanzjarju tagħhom jiġi wkoll verifikat minn persuni kompetenti. Barra dan, ir-rendikont finanzjarju ta' partit ikun diskuss b'mod miftuħ fil-Konferenza Ġenerali ta' l-istess partit li għaliha, ħafna drabi, tkun preżenti l-istampa. Apparti minn dan, wieħed mill-partiti stqarr mal-Kummissjoni li hija l-*policy* tal-partit li jippubblika r-

rendikont finanzjarju tiegħu. Għaldaqstant, dan li qiegħda tissuġġerixxi l-Kummissjoni m'għandux jgħabbi lill-partiti politiċi b'xi piżijiet żejda.

7.2 Rendikont tat-Tmexxija Finanzjarja u Verifika

7.2.1 Peress li din il-Kummissjoni qiegħda tissuġġerixxi li jintużaw fondi pubbliċi sabiex tingħata għajnuna lill-partiti politiċi, jkun xieraq li jkun hemm sistema li tagħti b'mod kemm jista' jkun trasparenti rendikont dwar it-tmexxija finanzjarja tal-partiti politiċi li jkunu qegħdin jibbenefikaw minn din l-għajnuna.

7.2.2 Għaldaqstant, il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li l-partiti politiċi li jikkwalifikaw għas-sussidju ta' l-Istat, għandhom kull sena jippubblikaw *a full set of accounts* dwar l-attivita' tal-partit bhala entita' separata kif ukoll b'mod konsolidat fuq il-linji tal-*group accounts*. Dawn għandhom jiġu magħmula skond il-prattika stabbilita tal-professjoni ta' l-*accountany* u ta' lanqas għandhom jinkludu *Profit & Loss Account, Balance Sheet* u *Cash Flow Statement*, flimkien ma' notamenti xierqa dwarhom. F'dan il-qasam, il-Kummissjoni tħoss li l-provvedimenti tal-liġi dwar is-soċjetajiet kummerċjali għandhom iservu wkoll bħala bażi fil-preparazzjoni ta' dawn id-dokumenti. Ma dawn il-kontijiet, il-partiti għandhom jippubblikaw ukoll informazzjoni xierqa tal-proprjeta' immobiljari u kull investiment li jippossiedu taħt kull titlu.

7.2.3 Hawnhekk il-Kummissjoni tixtieq tiġbed l-attenzjoni li dak li qiegħdha tipproponi hawn fuq huwa addizzjonali għal dak li hemm illum. Għalhekk il-kontijiet tas-soċjetajiet kummerċjali li jkunu proprjeta' tal-partiti politiċi, għandhom jibqgħu jiġu regolati mill-liġi dwar is-soċjetajiet kummerċjali li, fi

kwalunkwe każ, tipprovdi għall-pubblikazzjoni ta' kontijiet ta' dawn is-soċjetajiet.

7.2.4 Il-partiti għandu jkollhom ukoll l-obbligu li jippubblikaw dettalji dwar kif u għall-liema skop l-assistenza li jkunu rċevew mill-Istat tkun qiegħda tiġi użata.

7.2.5 Barra minn dan, u kif diġa' ġie msemmi qabel, il-partiti politiċi għandu jkollhom l-obbligu li jippubblikaw ukoll rendikont dwar dawk id-donazzjonijiet li jkunu rċevew f'sena partikulari. Dettalji dwar dan jidhru f'Taqsima 5 ta' dan ir-Rapport (ara para 5.2.1).

7.2.6 Dawn ir-rendikonti kollha hawn fuq imsemmija għandhom ikunu ċertifikati minn awditur jew soċjeta' ta' awdituri li jkollhom il-*warrant* neċessarju skond il-liġi sabiex jipprattikaw il-professjoni tal-verifika. Id-dmir tal-awdituri f'dan il-każ għandu jiġi estiż sabiex jinkludi wkoll il-verifika li l-fondi mogħtija mill-Istat ikunu qegħdin jintużaw skond il-liġi.

7.2.7 Apparti minn dan, id-Direttur tal-Verifika tal-Gvern għandu jkollu d-dritt li jivverifika li l-fondi pubbliċi mogħtija lill-partiti politiċi jkunu qegħdin jintefqu skond il-liġi. Għalkemm dan id-dritt jista' jiġi eżerċitat fid-diskrezzjoni tad-Direttur tal-Verifika, huwa desiderabbli li dan ix-xogħol isir fuq it-talba tal-Bord li jkun qiegħed jamministra s-sistema tal-iffinanzjar tal-partiti. B'hekk jiġi żgurat li ma jkunx hemm suspetti li jista' jkun qed jindaħal il-gvern tal-ġurnata.

7.2.8 Ir-rendikonti finanzjarji tal-partiti politiċi, flimkien maċ-ċertifikati tal-verifika hawn fuq imsemmija, għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Bord mhux aktar tard minn tliet xhur mit-tmiem tas-sena finanzjarja tal-

partiti. Il-Bord għandu immedjatament jagħti kopja ta' dawn id-dokumenti lill-*Ispeaker* tal-Kamra tad-Deputati sabiex ipoġġihom fuq il-Mejda tal-Kamra fl-ewwel seduta li jkun imiss.

## 8. L-infiq tal-Kandidati fl-Elezzjoni Ġenerali

### 8.1 Prinċipji Ġenerali

8.1.1 Wieħed mill-punti baziċi li kellha quddiema l-Kummissjoni kien jekk għandux ikun hemm limitu fuq l-infiq tal-kandidati. Dan speċjalment meta fil-każ ta' partiti politiċi l-Kummissjoni stess qed tieħu l-linja li m'għandux ikun hemm limitu fuq l-infiq.

8.1.2 Kien hemm qbil li teżisti distinzjoni bejn it-tnejn. Meta partit qed jikkompeti għall-voti, normalment jikkompeti fuq bażi ugwali mal-partiti l-oħra, u l-eżistenza ta' partiti żgħar ma tibdilx neċessarjament l-argument. Kull partit għandu l-messaġġ tiegħu politiku, għandu l-organizzazzjoni tiegħu biex iwassal dan il-messaġġ u dan jagħmlu bl-appoġġ meħtieġ mill-membri tiegħu skond ma kemm fil-fatt huwa kbir dan l-appoġġ.

8.1.3 Barra minnhekk, partit jindirizza l-isforzi tiegħu lejn il-kollettivita' u mhux lejn il-votant individwali. Partit politiku għandu appell ġenerali u min-natura tiegħu stess, ma jistax joħloq rapport personali mal-votant, rapport li fil-fatt jiddelega lill-kandidati li joħorġu miegħu.

8.1.4 Il-kandidat, min-naħa l-oħra, jaġixxi skond kemm jiflaħ hu waħdu fil-kampanja personali tiegħu. Għalhekk il-mezzi finanzjarji jistgħu joħolqu diżugwaljanza bejn kandidat u ieħor. Il-kandidat jaġixxi l-aktar fuq bażi personali u għalhekk il-periklu ta' dipendenza finanzjarja fuq xi votant hu akbar. Meta wieħed jiffissa limitu għall-infiq ta' kandidat fl-Elezzjoni Ġenerali, jkun qed jiżgura li jkun hemm aktar ugwaljanza bejn il-kandidati kollha u anqas periklu li jsiru abbużi.

8.1.5 Il-Kummissjoni riedet ukoll tiddefinixxi l-perijodu li jkopri kampanja elettorali. Il-Kummissjoni dehrilha li l-provvedimenti tal- Att Dwar l-Indħil Barrani 1982, Kapitlu 300 iservu ta' bażi tajba għal dan l-iskop. Għalhekk il-Kummissjoni kkunsidrat li l-perijodu ta' disa' xhur qabel l-aħħar data li fiha tista' titħabbar l-Elezzjoni Ġenerali għandu jkun il-perijodu relevanti li jkopri l-kampanja elettorali irrispettivament minn meta fil-fatt titħabbar id-data. Ovvjament jekk id-data ta' l-elezzjoni titħabbar qabel dawn id-disa' xhur, id-data ta' l-aħħar tibda tgħodd.

Wara li l-Kummissjoni ezaminat fid-dettal il-leġislazzjoni eżistenti f'pajjizna kif wkoll id-diversi sottomissjonijiet li rċeviet, ġew identifikati ħames punti partikolari dwar dan is-suġġett:

- l-liġi preżenti li tirregola l-infiq tal-kandidati fi żmien l-Elezzjoni Ġenerali għandha tiġi aġġornata biex tirrifletti r-rejalta' ta' llum.
- għandu jkun hemm limitu ta' l-infiq mill-kandidati għall-kampanja elettorali.
- il-finanzjament tal-kampanja personali tal-kandidati ma tkunx tiddependi unikament minn sors wieħed.
- f'kull każ, kull kandidat għandu jagħti rendikont dettaljat tad-dħul u l-ħruġ tul il-kampanja elettorali.
- għandu jkun hemm kontroll xieraq minn awtorita' mwaqqfa apposta.

8.1.6 Il-Kummissjoni rċeviet ukoll proposta li r-rendikonti finanzjarji tal-kandidati għandhom jinżammu minn Aġent Finanzjarju maħtur apposta mill-kandidat u li jkun responsabbli, mal-kandidat, mid-dettalji tagħhom. Il-Kummissjoni taqbel dwar dan.

8.2 Proposti Dwar Tibdil fil-Liġi Eżistenti

8.2.1 Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-provvedimenti fi Skeda Erbatax ta' l-Att XXI ta' l-1991 li tirregola l-infiq tal-kandidati matul kampanja elettorali, għandhom jiġu aġġornati għaż-żmenijiet ta' llum. Għalkemm il-Kummissjoni ħasset li mhux kompitu tagħha li tirrevedi b'mod dettaljat l-Iskeda Erbatax tal-imsemmija Liġi, ħasset li għandha ġġib għal-konjizzjoni ta' l-Awtoritajiet ċerti anakroniżmi li jeżistu fl-artikoli 45(1), 46(1), 46(2), u 47(1) tal-Kap 102 indikati fl-iskeda.

8.2.2 Il-Kummissjoni ħarset l-aktar fuq sezzjoni 46(1) għax taqbel li ċ-ċifra ta' Lm600 ikkwotata m'għadhiex realistika. Il-maġġoranza tal-Kummissjoni qed tissuġġerixxi li jkun ikkunsidrat jekk l-ammont imsemmi għandux jizdied għal Lm 4,000 jew Lm 5,000. Membru wieħed issuġġerixxa li l-ammont għandu jkun ta' Lm1000. Il-Kummissjoni qablet li s-somma stabbilita għandha tinkludi kull materjal u mezz użat mill-kandidat fil-ħidma tiegħu, eskluża l-għajnuna purament volontarja, iżda nklużi affarijiet li jingħataw b'xejn lill-kandidat. Pero', dan il-limitu m'għandux jinkludi spejjeż li partit politiku jista' jagħmel biex jippromwovi kollettivament il-kandidati tiegħu f'distrett partikolari.

8.2.3 Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ammont li kandidat jista' jonfoq għandu jiġi aġġornat fis-sena li fiha ssir l-Elezzjoni Ġenerali billi jkun miżjud skond l-Indiċi tal-Prezzijiet mid-data tas-sena li kien ġie l-aħħar stabbilit.

8.2.4 Il-Kummissjoni kkonsidrat ukoll jekk kandidat jikkontesta aktar minn distrett wieħed, dan l-ammont għandux jiżdied. Kien hemm min ħass li kandidat li joħroġ fuq żewġ distretti m'għandux ikollu vantaġġ fuq ieħor li joħroġ għal

distrett wieħed, speċjalment meta mhux possibbli li tikkontrolla nfiq fuq distrett jew l-ieħor. Kien hemm qbil li min joħroġ għal żewġ distretti żgur li m'għandux ikollu d-dritt li jonfoq id-doppju ta' dak li jonfoq f'distrett wieħed. Il-maġġoranza tal-membri tal-Kummissjoni qablu li n-nefqa fuq żewġ distretti tkun limitata għal per eżempju 140 fil-mija ta' dik fuq distrett wieħed.

8.2.5 Bħal ma ntqal f'Taqsima 5 ta' dan ir-Rapport għar-rigward ta' donazzjonijiet lill-partiti politiċi, l-Kummissjoni ssostni li għandu jkun hemm kemm jista' jkun trasparenza fid-dħul u nfiq tal-kandidati għall-kampanja elettorali. Biex dan ikun jista' jseħħ għas-sodisfazzjon ta' kulħadd, il-Kummissjoni qed tissuġġerixxi li kull kandidat jinnomina l-Aġent Finanzjarju tiegħu biex jieħu ħsieb il-finanzi kollha matul il-Kampanja Elettorali tal-kandidat. Dan l-Aġent Finanzjarju jkun marbut biex fi żmien stipulat wara kull Elezzjoni Ġenerali jagħti rendikont dettaljat tad-dħul u l-infiq tal-kandidat lill-awtorita' kompetenti.

8.2.6 Rigward donazzjonijiet lill-kandidati, l-Kummissjoni taqbel li kull donazzjoni 'l fuq minn Lm500 minn sors wieħed, direttament jew indirettament, għandha tkun ipprojbita. Donazzjoni li ma tkunx fi flus għandha tiġi identifikata u ppubblikata bħala tali jekk ikun stmat li l-valur tad-donazzjoni jaqbeż Lm150.

8.2.7 Barra minn hekk il-Kummissjoni tħoss li jkun xieraq ukoll li donazzjonijiet minn sorsi barranin għandhom ikunu espressament projbiti.

8.2.8 Għar-rigward tal-amministrazzjoni tas-sistema, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-Bord suġġerit f'paragrafu 6.2.5 għandu jkollu wkoll l-inkarigu li jamministra u jissorvelja li l-provvedimenti tal-liġi jkunu qed jiġu osservati.

## 9. Konklużjoni

9.1 Il-Kummissjoni taqbel li s-suġġett li qed tiddiskuti hu diffiċli u kumplikat u jħalli lok għal ħafna argumenti. Għalhekk il-proposti li għamlet mhux neċessarjament se jsolvu l-problemi kollha. Il-Kummissjoni iżda temmen li għandu jkun hemm ħsieb ċar dwar kif għandha ssir u tintefaq l-għajnuna mill-Istat u kif tkun regolata flimkien mad-donazzjonijiet mill-privat.

9.2 Il-Kummissjoni tifhem li hu bil-wisq aktar faċli li tikteb dak li tixtieq li jseħħ milli tasal għalih. Iżda xorta tħoss li għandha twassal is-suġġerimenti tagħha biex jikber il-proċess demokratiku fil-pajjiż u biex iċ-ċittadin jikseb fiduċja akbar f'dawk li jmexxuh.

9.3 Il-Kummissjoni tifhem li s-suġġerimenti tagħha jridu jiġu diskussi mill-partiti politiċi u mill-poplu kollu biex jintlaħaq ftehim wiesgħa kemm jista' jkun. Fl-aħħar mill-aħħar huma biss il-kunsens popolari u l-onesta' u d-dixxiplina tal-partiti politiċi u tal-kandidati tagħhom li jagħtu garanzija biex is-sistema li titħaddem timxi sew. Iżda fuq kollox il-Kummissjoni jidhrilha li la darba l-Istat se jissussidja l-partiti politiċi mill-flus taċ-ċittadin, hu loġiku li ċ-ċittadin jippretendi trasparenza u onesta' mill-istess Partiti.

Anthony P Galdes

Onor Tonio Borg

Stephen Cachia

Joseph Fiott
Segretarju
*(għas-Segretarju tal-Kabinett)*

Onor Leo Brincat

Dolores Cristina

29 Mejju 1995

Alternattiva Demokratika
12 Triq Antonio Agius,
Floriana VLT 14 Malta
TELEFON 356 240334
FACSIMILE 356 224745

# Il-Finanzjament Pubbliku tal-Partiti Politiċi

AlternattivaDemokratika
Settembru 1994

# Il-Finanzjament Pubbliku tal-Partiti Politiċi - *Il-pożizzjoni ta' l-Alternattiva Demokratika*

## L-ewwel priorità: it-trasparenza

F'soċjetà tassew demokratika inqas ma jkun hemm misteri u mistoqsijiet li jduru madwar min għandu xi forma jew oħra ta' poter fis-soċjetà iktar tkun b' saħħitha d-demokrazija. Iktar u iktar meta dan il-poter huwa wieħed politiku li jiġu magħzul miċ-ċittadini tas-soċjetà biex jamministra il-ġid pubbliku, aktar tinħass il-ħtieġa ta' l-ikbar ammont ta' trasparenza f' dan il-qasam.

Il-premessa ewlenija ta' l-Alternattiva Demokratika dwar il-bżonn ta' finanzjament pubbliku tal-partiti politiċi min-naħa ta' l-istat hija li dan il-finanzjament għandu jkun marbut ma' trasparenza ikbar fl-amministrazzjoni finanzjarja tal-partiti. Jagħmel sens li l-istat jiffinanzja il-partiti biss jekk il-partiti huma lesti li jagħmlu kontribut għal pass ieħor fl-iżvilupp demokratiku tal-pajjiż billi jiftħu il-bibien beraħ anki fuq dawk l-aspetti finanzjarji li s'issa dejjem żammew mistura. Dan sabiex jiġu żgurat li jitnaqqas bl-iktar mod possibli kull suspett li min jagħti donazzjonijiet lill-partiti, speċjalment donazzjonijiet ta' natura sostanzjali, ikun qed jagħmel hekk biex jieħu xi gwadann fil-preżent jew anki fil-futur.

B'trasparenza fil-qasam finanzjarju l-AD tifhem partikolarment li għandu jkun pubbliku is-sors ta' donazzjonijiet li jirċievu il-partiti kemm f' forma ta' flus kif ukoll f' xi forma oħra.

Fl-istess ħin l-AD tagħraf li hemm min jista' jargumenta dwar il-bżonn li jiġi protett id-dritt ta' min jixtieq jagħmel donazzjoni u jibqa' anonimu. F'pajjiż fejn sfortunatament l-istejjer ta' vittimizazzjoni politika kienu u għadhom parti mill-kultura politika, wieħed jifhem din ix-xewqa għall-anonimità. Madankollu l-AD temmen li dan id-dritt għandu jinżamm biss għal min jixtieq jagħmel donazzjoni ta' natura żgħira bħala sostenitur ġenwin ta' l-ideali politiċi tal-partit. Għal min jagħmel donazzjoni sostanzjali, għandu jitneħħa is-suspett ta' xi motivazzjoni ulterjuri billi is-sors tad-donazzjoni jsir pubbliku.

Għal dan il-għan, meta kienet ikkummentat dwar il-White Paper tal-Gvern "Il-Bidla Tkompli", l-AD kienet ipproponiet proposta speċifika:

*"L-AD qed tissuġerixxi li ma jkunx meħtieġ li individwu jiżvela l-identità tiegħu jekk f'sena ma jagħtix f'donazzjonijiet direttament jew indirettament (permezz ta' kumpaniji, negozji ecc) lill-partiti jew kandidati politiċi aktar minn Lm200. Bħala inċentiv biex dak li jkun jagħmel id-donazzjoni tiegħu pubblika, l-AD qed tissuġerixxi li f'dan il-każ isir tnaqqis mill-income tax bħal ma jsir fil-każ ta' donazzjonijiet lil istituzzjonijiet tal-karità. L-AD qed tgħid ukoll li dawn id-donazzjonijiet iridu jidħru fil-kontijiet tal-partit ... fil-każ ta' donazzjonijiet ta' bejn il-Lm200 u l-Lm500 fis-sena, l-AD qed tissuġerixxi li dawn ikunu permessi mill-liġi imma minħabba l-ammont sostanzjali tagħhom l-identità tal-persuna li tagħmilhom għandha issir pubblika Fil-każ ta' donazzjonijiet ta' aktar minn Lm500 f'sena, dawn għandhom jitqiesu li jammontaw għal investiment għal meta l-partit ikun fil-pote- u għalhekk għandhom ikunu illegali."*

Filwaqt li f'din il-proposta il-figuri huma baxxi biex juru biċ-ċar il-ħsieb ta' l-AD li t-trasparenza tingħata l-prijorità li tistħoqqilha, ovvjament dawn il-figuri mhumiex xi kredu li fuqhom ma jistax isir tibdil. Madankollu nemmnu li s-somma *threshold* li tkun il-limitu li 'il fuq minnha għandhom jiġu ddikjarati is-sorsi ta' donazzjonijiet m' għandhiex tkun għolja b' tali mod li tirrendi l-iskop kollu ta' eżerċizzju ta' dan it-tip superfluwu.

L-AD tgħid b'mod ċar u mingħajr ekwivoċi li hi taqbel mal-finanzjament pubbliku tal-partiti biss jekk miżuri għall-iktar trasparenza fil-mod ta' kif jiġu ffinanzjati il-partiti jiġu implimentati kontemporanjament.

## Regolamentazzjoni tal-finanzjament pubbliku

Apparti il-konsiderazzjonijiet dwar aktar trasparenza fil-ħajja politika Maltija li diġa semmejna, hemm numru ta' raġunijiet oħra għalfejn l-AD tħoss li hemm bżonn ta' liġi li tirregola il-finanzjament pubbliku tal-partiti.

/2

## *Finanzjament li diġa iseħħ*

Il-bżonn ta' regolamentazzjoni tal-finanzjament pubbliku lill-partiti politiċi huwa neċessarju għaliex *de facto* il-finanzjament tal-partiti tradizzjonali min-naħa ta' l-istat diġa seħħ fil-passat u qed iseħħ fil-preżent. Il-mod kif propjetà pubblika ingħatat lil MLP u anki lil PN bħala każini huwa każ ċar ta' għajnuna diretta minn fondi pubbliċi lill-partiti tradizzjonali. L-għajnuna ta' posta b'xejn lill-membri parlamentari u għajnuna segretarjali lill-gruppi parlamentari huma ukoll forma oħra ta' finanzjament indirett. L-għoti ta' *airtime* fuq ix-xandir pubbliku lill-partiti fil-parlament fil-forma ta' *spots* eċċ ukoll jista' jitqies bħala għajnuna min-naħa ta' l-istat. Sfortunatament din it-tip ta' għajnuna jew ġiet abbużata mill-gvern tal-ġurnata biex jivvantaġġja partit partikolari jew inkella kienet ristretta għall-partiti li huma rappreżentati fil-Parlament, bi żvantaġġ ċar u ovvju għal min mhuwiex rappreżentat fil-parlament. Finanzjament regolat għandu jgħin biex l-abbużi jinqatgħu kif ukoll biex l-għajnuna tingħata b'mod iktar ġust lill-forzi politiċi kollha u mhux biss dawk rappreżentati fil-Parlament.

## *Għajnuna għall-firxa politika iktar wiesgħa*

Bżonn ieħor għall-finanzjament pubbliku tal-partiti min-naħa ta' l-istat huwa marbut mal-fatt li b'dan il-mod jista' jitnaqqas il-vantaġġ li jgawdu dawk il-partiti li dejjem gawdew mid-donazzjonijiet moħbija ta' negozjanti kbar, vantaġġ li jiġi rifless fl-ammonti kbar ta' flus li jintefqu f'kampanji elettorali u fi proġetti kbar bħal stazzjonijiet tar-radju, tat-TV u kwartieri ġenerali enormi. Finanzjament pubbliku jista' iservi ta' għajnuna u inċentiv għal forzi politiċi ġodda biex isemmu leħinhom fl-arena politika Maltija.

Għal dan il-għan AD temmen li t-*threshold* ta' vot popolari li partit għandu jġib biex jikkwalifika għal xi forma ta' finanzjament pubbliku għandu jkun baxx kemm jista' jkun. Dan ovvjament filwaqt li fl-istess ħin jiġi rispettat il-prinċipju li l-livell ta' finanzjament għandu jkun marbut ukoll ma' livell ta' appoġġ popolari għall-partit kif rifless fir-riżultat ta' elezzjoni ġenerali.

.../4

### *Jogħla l-livell ta' dibattitu politiku*

Il-finanzjament pubbliku tal-partiti jista' jservi ta' għajnuna biex il-livell tad-dibattitu politiku jogħla f' pajjiżna billi jiġi mmirat partikolarment lejn għajnuna lill-partiti fil-qasam tar-riċerka, dokumentazzjoni, taħriġ u għajnuna segretarjali. Żgur li m'għandux iservi biex isiru xi forom ta' kampanja elettorali lussużi.

## Finanzjament fil-prattika

Biex dan il-finanzjament pubbliku jitħaddem fil-prattika hemm bżonn ta' numru ta' konsiderazzjonijiet oħra.

### Audited Accounts *u Direttur tal-Verifika*

Ovvjament il-finanzjament pubbliku tal-partiti għandu jkun marbut mal-pubblikazzjoni ta' *Audited Accounts* min-naħa tal-partiti kif ukoll ma' kontroll min-naħa tad-Direttur tal-Verifika. Madankollu l-AD temmen li t-trasparenza ma tieqafx hemm imma, kif spjegajna qabel, għandha ukoll tinkorpora il-publikazzjoni tas-sorsi ta' donazzjonijiet ta' natura sostanzjali li l-partiti jirċievu.

### *Strutturi ta' infurzar effettivi*

It-tħaddim ta' sistema tal-finanzjament tal-partiti u speċjalment il-mod kif tiġi mħaddma liġi f'dan ir-rigward huwa ta' importanza kbira. Huwa kruċjali li tinħoloq struttura li b'mod effettiv tista' tara u tissorvelja fuq il-partiti speċjalment fir-rigward tal-miżuri li l-partiti jkollhom jaddottaw biex jikkonformaw mal-klawżoli dwar trasparenza fil-finanzjament li liġi simili għandha tinkorpora. F'dan ir-rigward l-AD għandha r-riżervi tagħha dwar ir-rwol tal-Kummissjoni Elettorali f'dan is-sens. L-ewwel minħabba ix-xogħol diġa estensiv li din il-Kummissjoni diġa għandha u , iktar importanti minn hekk, minħabba il-mod kif il-Kummissjoni hija magħmula minn persuni nominati mill-partiti rappreżentati fil-Parlament. Għaldaqstant l-AD tipproponi li kummissjoni apposta għandha tħaddem liġi simili, kummissjoni magħmula fil-maġġoranza minn persuni indipendenti u b' rappreżentanza tal-partiti politiċi kollha.

.../5

*Referendum*

Fl-aħħar mill-aħħar l-AD temmen li proposta għall-finazjament pubbliku tal-partiti għanda titpoġġa quddiem il-poplu Malti biex jiġġudika hu dwar is-siwi jew le ta' proposta simili. Għal dan il-għan l-AD tipproponi li qabel ma tiġi implimentati proposta ta' finanzjament pubbliku lill-partiti, l-elettorat għandu jiġi kkonsultat permezz ta' referendum fuq is-suġġett.

## L-ispejjeż ta' kandidati f' elezzjoni ġenerali

Iċ-ċifri li bil-liġi jistgħu jintefqu minn kandidati f' elezzjoni għandhom jirriflettu valuri realistiċi tal-lum. B'hekk il-liġi tal-*corrupt practices* tkun tista' tiġi nfurzata b' mod aktar rigoruż. L-AD qed tissuġġerixxi li fil-każ ta' elezzjonijiet ġenerali il-massimu li kandidat jista' jonfoq bħala spiża elettorali għandu jkun ta' Lm1000. Fl-istess ħin l-AD tistenna infurzar iktar effettiv ta' liġi dwar *corrupt practices* biex tingħeleb is-sitwazzjoni tal-biki tal-lum fejn il-liġi tinkiser bl-iktar mod sfaċċat

MALTA LABOUR PARTY

29 ta' Lulju, 1994

Lis-Sur Anthony Galdes,
Chairman,
Kummissjoni dwar il-Finanzi Partiti/Kandidati,
Valletta.

Ghaziz Sur Galdes,

B'riferenza ghall-ittra tieghek tat-2 ta' Gunju, 1994, il-Partit Laburista qed jibghatlek is-sottomissjonijiet tieghu dwar is-suggetti li qed tikkunsidra l-Kummissjoni. Dan id-dokument se jkun diskuss ukoll fil-laqgha li delegazzjoni tal-Partit ghandha mal-Kummissjoni llum stess.

Ghoddni tieghek,

Jimmy Magro,
Segretarju Generali.

MALTA LABOUR PARTY – MACINA, 31st MARCH STREET, SENGLEA, MALTA.
TEL: 690129, 690130, 690132, 690133 TELEX: MLP HQ MW 1299 FAX: (0356) 690145

# KUMMISSJONI DWAR IL-FINANZJAMENT U RENDIKONT TAL-PARTITI POLITICI U TAL-KANDIDATI GHALL-ELEZZJONI GENERALI

## 1. INTRODUZZJONI

1.1. Mit-twaqqif tieghu, il-Partit Laburista dejjem kien, ghadu u jibqa marbut man-nies tax-xoghol kollha. Fl-istorja tieghu, id-dirigenti tal-Partit dejjem hadmu sabiex in-nies tax-xoghol ikollhom organizazzjoni politika li tkun tista tiggieled ghad-drittijiet tal-haddiema. Il-Partit Laburista dejjem kiber ghaliex in-nies tax-xoghol taw l-akbar kontribut, kemm materjali u finanzjarji. Kull meta gie biex jiddeciedi, il-Partit Laburista ma kellu ghalfejn ihares lejn hadd hlief l-interessi ta' pajjizna u l-interessi tan-nies tax-xoghol. Huwa ghalhekk li l-Partit Laburista dejjem haddan li fil-gbir ta' fondi ghandu japplika it-twemmin tieghu li kemm jista jkun dan ghandu jsir bil-ftit minghand il-hafna.

2. Fit-thaddim tal-process demokratiku intern, il-Partit Laburista hadem fil-miftuh. Matul kull Konferenza Generali Annwali, id-dirigenti tal-Partit Laburista dejjem ipprezentaw rapport finanzjarju shih, komplut, u awditjat kif jipprovdi l-istatut tal-Partit Laburista. Ghalhekk anke fuq din il-kwistjoni, il-Partit Laburista, jemmen fit-trasparenza u jesigi li dan ghandu japplika ghall-partiti politici kollha.

3. Dawn il-principji qed jigu applikati fit-twettiq tal-progetti kbar li imbarka fuqhom il-Partit Laburista - Kwartieri Generali u Super One Radio/TV - fejn qed jingabru fondi minghand ic-cittadini u jinghata rendikont fuq bazi regolari.

## 2. PARTITI POLITICI

2.1. Il-Partit Laburista jemmen li l-partiti politici ghandhom sehem importanti fl-izvilupp u tishih tad-demokrazija f'pajjizna, u fit-twettiq ta' politika li ttejjeb l-izvilupp politiku, ekonomiku u socjali ta' kull cittadin.

2.2. Il-Partit Laburista jemmen li f'din il-hidma hemm skop dejjem akbar ghal-partecipazzjoni tac-cittadini: partecipazzjoni li tista ssir b'mod dirett, permezz ta' numru ta' istituzzjonijiet u/jew permezz tal-partiti politici.

2.3. Il-partiti politici jinhtiegu organizazzjoni effettiva sabiex ikunu jistghu jizviluppaw l-ahjar alternattivi ta' tmexxija fl-oqsma politici, ekonomici u socjali.

2.4. Is-socjeta ghandha kull interess li tipprovdi ghajnuna lill-partiti politici fit-twettiq tal-hidma taghhom, u kif ukoll id-dritt u l-obbligu li tirregola l-finanzjament tal-partiti politici sabiex ma jkunx hemm individwi u/jew gruppi ta' individwi li ghaliex b'sahhithom ekonomikament jiddominaw lill-partiti u l-fehma politika taghhom.

2.5. Il-Partit Laburista, fil-programm elettorali tal-elezzjoni generali 1987, kien ipproppona li l-istat ghandu jipprovdi ghajnuna lill-partiti politici.

## 3. GHAJNUNA MILL-ISTAT

3.1. Ma hemmx dubju li fiz-zmienijiet tal-lum, il-hidma politika saret aktar kumplessa u tirrekjedi tmexxija u ghodda professjonali sabiex il-partiti politici verament jkunu ta' servizz lill pajjiz, lis-socjeta u lic-cittadin.

3.2. Dan ifisser li l-partiti jinhtiegu mhux biss strutturi interni sabiex imexxu l-organizazzjoni taghhom, izda jinhtiegu wkoll makkinarju effettiv sabiex ifasslu l-politika taghhom u jwasslu dik il-politiku ghand ic-cittadin. Dawn it-tlett elementi bazici ta' partit politiku huma wkoll marbuta mal-partecipazzjoni tac-cittadin, ghaliex fl-istess process, hemm spazju kbir sabiex kull cittadin ta' rieda tajba jkun jista jipparteċipa.

3.3. Ghalkemm l-istat m'ghandux jipprovdi l-finanzi kollha mehtiega lill-partiti politici, il-partiti politici ghandu jkollhom dawk ir-rizorsi li jiffacilitaw it-twettiq ta' dawn it-tlett funzjonijiet bazici. L-ghajnuna mill-istat ghandha tkun f'forma ta' ghotja generali ta' fondi li tkun amministrata mill-partit innifsu, u li tizdied kull sena skond ic-caqlieq fil-prezzijiet.

3.4. L-ghajnuna finanzjarja mill-istat ghandha tkun marbuta mal-appogg popolari miksub fl-elezzjoni generali.

3.5. Matul is-sena ta' l-elezzjoni generali, l-ghajnuna mill-istat ghandha tizdied sabiex tirrifletti l-infieq li l-partiti politici jaghmlu matul kampanja elettorali.

4. AMMINISTRAZZJONI

4.1. Il-Kummissjoni Elettorali ghandha tkun l-organu kompetenti li tamministra l-ligi dwar il-finanzjament tal-partiti politici u l-kandidati.

4.2. Il-ligi ghandha tipprovdi sabiex il-partiti politici jiddepozitaw rendikont finanzjarju, fil-forma mitlub mill-ligi, mal-Kummissjoni Elettorali. Dan ir-rendikont finanzjarju ghandhu jkun awditjat minn mill-inqas tlett awdituri kwalifikati skond il-ligi (jew min kumpanija tal-awdituri).

4.3. Ir-rendikonti finanzjarji tal-partiti politici jkunu miftuha ghall-ispezzjoni mill-pubbliku. Id-Direttur tal-Verifika jkollu d-dritt li jivverifka li l-fondi pubblici moghtija lill-partiti politici qed jintefqu skond il-ligi.

4.4. Il-partiti politici ghandhom jaghtu d-dettalji dwar kull donazzjoni.

4.5. Il-fondi moghtija mill-istat lill-partiti politici ma ghandhomx ikunu marbuta ma' progetti specifici, izda ghandu jithalla f'idejn il-partit innifsu kif l-ahjar li jamministra l-istess fondi, dejjem fl-ambitu tal-oggettivi msemmija aktar il-fuq.

4.6. Il-ligi ghandha tipprovdi pieni dwar reati li jistghu jsehhu kontra kull min jikser il-ligi; inkluz l-istess partiti politici.

4.7. F'kaz li xi partit politiku jkollu xi investiment, dirett jew indirett, f'xi kumpanija kummercjali, ir-rendikont dwar dan l-investiment ghandu jibqa regolat skond kif inhu provdut fil-Commercial Partnership. Partit politiku ghandu jiddikjara d-dhul min dan l-investiment, u kif ukoll l-investiment li jkollu fir-rendikont finanzjarju li jissottometti lill-Kummissjoni Elettorali.

4.8. Kumpaniji u/jew entitajiet li fihom il-Gvern b'mod dirett jew indirett ghandhu ishma fihom, ma jkunux jistghu jaghmlu donazzjonijiet lill-partiti politici. Ghandu jkun hemm kontroll li jassigura trasparenza dwar kuntratti kummercjali - inkluz reklamar fil-media - li dawn l-entitajiet jaghmlu ma' kumpaniji/azjendi/entitajiet tal-partiti politici.

4.9. Kull partit politiku ghandu jissottometti kull sena rendikont finanzjarju tieghu lill-Kummissjoni Elettorali.

4.10. L-ghajnuna finanzjarja mill-istat lill-partiti politici ghandha tkun marbuta ma' kodici ta' etika li kull partit politiku jaccetta qabel ma jinghata l-ghajnuna mill-istat.

## 5. KANDIDATI

5.1. Ma hemmx dubju li l-provvidimenti ezistenti ghandhom jigu aggornati sabiex jirriflettu ir-rejalta tal-lum.

5.2. Id-dhul u l-infieq tal-kandidati ghandhom jkunu regoli kif gej:

5.2.1. li ghandu jkun hemm rendikont dettaljat tad-dhul u hrug li ghandu x'jaqsam direttament jew indirettament mal-kampanja elettorali;
5.2.2. li ghandu jkun hemm massimu dwar kemm tista tkun l-akbar donazzjoni li jista jircievi kandidat.

5.3. Ghandu jkun hemm diskussjoni pubblika dwar jekk ghandux ikun hemm massimu dwar kemm jista jsir infieq minn kandidat u/jew persuni ohra, fisem il-kandidat. Sabiex ikun hemm kontroll fuq infieq ta' terzi persuni, jew kumitati ta' terzi persuni li jiehdu inizjattivi biex jaghtu appogg lill-kandidatura individwali, ikollhom l-obbligu li jirraportaw l-infieq (reklamar, stampar, receptions, ecc) lill-Kummissjoni Elettorali.

5.4. Ghandu jkun ezaminat kif spejjez li jsiru qabel il-pubblikazzjoni tar-writ ghandhom ukoll jigu kkunsidrati bhala parti mill-ispiza ghall-kampanja elettorali.

5.5. Fir-rigward tar-rendikont finanzjarju msemmi f'paragrafu 5.2.1., ghandha ssir distinzjoni bejn l-agent tal-kandidat u l-agent li jissorvelja l-process elettorali. Dan biex isahhah l-iskop ta' kontroll li jinhtieg li jigi ezercitat fiz-zewg doveri distinti.

## 6. GHELUQ

6.1. It-thaddim ta' kull ligi dwar il-finanzjament tal-partiti u tal-kandidati tiddependi fuq id-determinazzjoni tal-partiti politici li jahdmu b'mod dixxiplinat, trasparenti u onest.

6.2. Hekk kif is-socjeta qed tkun mitluba li tiffinanzja lill-partiti politici sabiex tigi msahha u mharsa id-demokrazija f'pajjizna, hekk ukoll ghandha dritt is-socjeta li titlob u tesigi minghand il-partiti politici li jaghmlu dak kollu possibbli sabiex il-politika tkun verament servizz lic-cittadin, mibnija fuq l-onesta, gustizzja u trasparenza.

sfr.doc
290794

Partit Nazzjonalista

Pietà, Malta. Tel: 243641/2/3. Tlx: 1941 Litho MW. Fax: 243640

Ref: Kumm. Finanzi

Is-Sur Anthony Galdes,
Chairman,
Kummissjoni Finanzjament,
Uffiċċju tal-Kabinett,
Uffiċċju tal-Prim Ministru,
Berġa ta' Kastilja,
Valletta.

21 ta' Ġunju, 1994.

Għażiż Sur Galdes,

Nirringrazzjak ta' l-ittra tiegħek tat-2 ta' Ġunju dwar ix-xogħol li qed tagħmel il-Kummissjoni dwar il-Finanzjament tal-Partiti (fil-qosor).

Għandi pjaċir nibgħatlek dokument dettaljat preparat mill-partit tiegħi u approvat riċentement mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit li jittratta b'mod li jidhrilna ezawrjenti is-suġġetti li huma materja ta' diskussjoni tal-kummissjoni preseduta minnek. Nispera li joffri stimilu għad-dikussjoni tal-Kummissjoni.

Rigward l-ewwel domanda tiegħek, il-Partit Nazzjonalista iħaddem sistema ta' *accounting* fl-oqsma kollha li jaħdem fihom li hi bbażata fuq dik prattikata minn ditti kummerċjali ta' ċertu entita`. Dan għalhekk jinkludi *budgets* annwali bażati fuq *business plan, monthly management accounts* bl-informazzjoni anċilleri bħal *cash flow, debtors and creditors listings,* eċċ., u audit sħiħ annwali. Ovvjamnet, fil-bażi tas-sistema hemm il-proceduri normal adotti minn kull uffiċċju li jikkontrolla l-finanzi.

Dawn il-proċeduri jkopru l-attivitajiet kollha tla-partit, diretti u indiretti, politiċi jew kummerċjali, u huma dettaljati biżżejjed biex kull nefqa tkun tista' tiġi ċċekjata, jekk meħtieġ.

Dwar it-teni domanda tiegħek, ma nsibu l-ebda oġġezzjoni li inti, bħala Chairman tal-Kummissjoni, jkollok aċċess għalihom u għas-sistemi wżati biex jinżammu.

Dr Austin Gatt, LL.D.,
Segretarju Ġenerali

# Partit Nazzjonalista

Pietà, Malta. Tel: 243641/2/3. Tlx: 1941 Litho MW. Fax: 243640

Trasparenza
fl-Amministrazzjoni
tal-Partiti Politiċi

# Indiċi

| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | pagna 2 |
| *Terms of Reference* | 3 |
| Kummenti Ġenerali | 5 |
| Finanzjament tal-Partiti | 7 |
| Finanzjament tal-Kandidati | 20 |

| | |
|---|---|
| Appendiċi A : | Riassunt tal-Proposti |
| Appendiċi B : | Tabelli |
| Appendiċi C : | The Funding of Political Parties in European Community Member States |

# Introduzzjoni

Dan ir-rapport kien approvat mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista u għandu l-għan li jiġbor fih il-proposti tal-Partit Nazzjonalista dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kandidati għall-elezzjoni ġenerali.

Ir-rapport tfassal fi ħdan il-Konferenza Organizzattiva li waqqaf il-Partit Nazzjonalista li fuq medda ta' xhur ħarset lejn diversi aspetti politiċi u organizzattivi tal-partit. Waħda mit-temi eżaminati kienet propju l-finanzjament fil-kwadru ta' politika moderna u bi ħtiġiet li huma radikalment differenti.

Dan l-aspett kien eżaminat minn kummissjoni mwaqqfa apposta, preseduta minn Tonio Borg u bħala membri kienet komposta minn Joe Cassar, Censu Galea, Austin Gatt, Mario Muscat, Victor Scerri, Richard Sladden u Joe Stellini. Ir-rapport sottomess kien diskuss u approvat mill-Kumitat Eżekuttiv.

Dr. Austin Gatt LL.D.
Segretarju Generali

Gunju 1997

# "Terms of Reference"

It-*terms of reference* mogħtija mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista lil din il-Kummissjoni kienu :

F'soċjetà moderna ispirata mill-valuri demokristjani l-bniedem hu l-perm ta' l-azzjoni politika.

Partit politiku hu għaqda ta' bnedmin ispirati mill-istess prinċipji li bl-azzjoni tagħhom fil-qasam politiku jaspiraw li jikkonvinċu lis-soċjetà li dawk il-prinċipji għandhom jiggwidaw il-ħidma tal-Gvern. L-agir tal-partit innifsu jrid ikun kostanti mal-prinċipji tiegħu u dan irid jidher mhux biss mid-deċiżjonijiet politiċi li jieħu iżda wkoll mill-mod kif jamministra ruħu.

Partit politiku m'hux għaqda magħluqa fiha nnifsa. Id-deċiżjonijiet li jieħu, u l-mod kif iġib ruħu jeffettwa ħafna aktar milli l-membri tiegħu għaliex għandhom il-potenzjal li jinfluwixxu fuq il-pajjiż in ġenerali. Konsegwentement il-partiti politiċi għandhom obbligu li ma jkunux ktieb magħluq.

Il-valorizzazzjoni tal-bniedem bħala persuna responsabbli bi dritt li tiggudika hi l-agir ta' min imexxi, tikkonsisti wkoll fid-dritt tiegħu li jkollu informazzjoni dwar kif jiġi amministrat il-"beni pubbliku". Waqt li partit politiku żgur li m'hux "beni pubbliku" ma hemmx dubju li peress li partit hu Gvern potenzjali jew attwali l-mod kif jitmexxa partit hu ta' interess ġenerali kemm għaliex il-metodu intern jista' jirrifletti ruħu fil-Gvern kif ukoll għaliex il-partiti - bħala l-iprem mezz tat-tħaddim tad-demokrazija - huma obbligati li jagħtu rendikont ta' l-agir tagħhom.

L-istess obbligu għandhom persuni fil-partit li jokkupaw kariga elettiva u li b'xi mod għandhom poter deċiżjonali. Dawn ukoll, b'għemilhom, iridu jixhdu fil-beraħ li dak li jagħmlu qed jagħmluh għaliex gwidati bl-interess tal-partit u l-prinċipji li jħaddnu.

Il-Kummissjoni hi għalhekk mqabbda sabiex tissuġġerixxi x'azzjoni għandha tittieħed biex il-metodu politiku jkun aktar trasparenti kif ukoll sabiex id-deċiżjonijiet u l-azzjoni ta' uffiċjali tal-partit, membri parlamentari u oħrajn ma tiġix misinterpretata.

Il-Kummissjoni hi mqabbda biex tissuġġerixxi regoli preċiżi fuq livell kemm ta' partit kif ukoll ta' individwi, regoli li fil-kumpless tagħhom jagħtu liċ-ċittadin aktar informazzjoni dwar l-operat tal-partit u tal-persuni li jaħdmu fih.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni hi mitluba tikkummenta dwar:

1. il-metodu ta' finanzjament tal-partit billi wara li teżamina l-ħtiġiet reali tiegħu, tissuġġerixxi x'metodi jistgħu jiġu addottati biex waqt li l-ħtiġiet finanzjarji tal-partit ikunu sodisfatti fl-istess ħin il-finanzjament isir b'mod li ma jistax iqajjem suspett ta' xi pressjoni illeċita;

2. jekk hemmx il-ħtiega li r-regola ta' *disclosures* , li fil-preżent jinkombu fuq il-membri parlamentari, jiġux estiżi;

3. ir-regolamentazzjoni ta' l-iffinanzjar ta' l-attività ta' deputati u kandidati kif ukoll it-tip ta' attività li dawn għandhom jagħmlu;

4. jekk hemmx ħtieġa li proċeduri finanzjarji interni għandhomx jiġu msaħħa jew b'xi mod mibdula.

# Kummenti Ġenerali

M'hemmx dubju li l-waqgħa tal-Komuniżmu ġabet fl-Ewropa taqlib kbir. Kien hemm l-ewforija ta' sens ta' sodisfazzjon li sistema politika avversarja kienet ikkrollat, iżda mill-1989 ma kienx biss il-ħajt ta' Berlin li kkrolla. Il-mappa politika f'diversi pajjiżi nbidlet u ntlaqtu nies jew partiti li kienu straħu wisq fuq il-biża tal-Komuniżmu t-tattika li tagħżel l-aħjar mill-agħar.

Il-ħsieb tagħna meta nsemmu diskors bħal dan mill-ewwel imur fuq l-Italja. Hu veru li f'dak il-pajjiż kien hemm bidla li tista' ssejħilha rivoluzzjoni, bit-tajjeb u l-ħażin tagħha. Iżda l-ħerqa għal bidla politika ma nħassitx biss fl-Italja. F'kull pajjiż fl-Ewropa nħasset il-ħtieġa li wieħed JIRREVEDI r-rwol tal-partiti, instemgħet tidwi aktar l-għajta li l-partiti bħala qaddejja tal-poplu hemm bżonn li jirrispondu iktar għall-poplu. F'pajjiżi fejn hemm finanzjament pubbliku tal-partiti nħasset iktar il-ħtieġa li wieħed jeżamina kemm dan il-finanzjament kien qiegħed iservi l-iskop li għalih sar u cioè li filwaqt li s-soċjetà tiffinanzja mit-taxxi l-attivitajiet tal-partiti, fl-istess ħin it-tmexxija finanzjarja tal-partiti tkun iktar trasparenti.

M'aħniex qed ngħixu żminijiet normali. U bħal kull ħaġa oħra, kull tibdil fl-Ewropa li tagħha nistqarru li nifformaw parti, xi mument jew ieħor jolqot lilna wkoll. Irridu għalhekk inkunu prefiġġenti u naħsbu minn qabel. Naturalment pajjiżna jibqa' dak li hu bil-ħtiġiet u r-realtajiet tiegħu .... u dawn iridu dejjem jinżammu f'moħħna. Iżda llum li l-partiti f'Malta jimxu fuq bażi professjonali, bir-radjijiet u bit-televiżjoni, ma nistgħux inqisu l-evoluzzjoni ta' partit modern bl-istess ottika ta' żmenijiet oħra. Responsabbiltajiet ġodda jimportaw obbligi ġodda wkoll.

Fl-istess waqt irridu niftakru li qegħdin fit-tieni inkarigu ta' Gvern wara seba' snin fil-poter. Irridu nitgħallmu mill-iżbalji ta' Gvernijiet ta' l-imgħoddi, Nazzjonalisti jew Laburisti, li għamlu iktar minn *term* wieħed. L-agħar ħaġa li jista' jiġri lill-Gvern hu li nitilfu l-viżjoni tagħna u nkunu biss amministraturi tal-pajjiż. Dak li qed nipproponu għandu jgħin sabiex l-isfiduċja fil-Partiti li qed tiġi, tajjeb jew ħażin, imxerrda barra minn pajjiżna, u minn elementi li għandhom dan l-interess f'pajjiżna, nilqgħu għaliha minn issa. Id-dixxiplina u t-trasparenza m'għandniex nibdew naħsbu dwarhom b'reazzjoni għal xi inċident lokali ..... kif ġara lill-Malta Labour Party meta kien tard wisq. Minn issa irridu nilqgħu għal problemi biex ukoll inkunu kredibbli.

L-evoluzzjoni naturali tad-demokrazija f'pajjiżna wasslet biex ikun possibbli li issa jsir dan id-diskors għaliex bil-Partit Nazzjonalista fil-Gvern il-poplu Malti għandu garanzija, bil-provi, li d-drittijiet u l-jeddijiet tiegħu huma garantiti. Dan id-diskors lanqas konna noħolmu bih fi żminijiet oħra meta l-glieda ma kinitx għall-espansjoni tad-drittijiet iżda għad-difiża ta' dawk fundamentali u suppost garantiti. Fi kliem ieħor, l-isfida tal-bidliet li qed niddiskutu hi sfida li poġġejna quddiemna aħna stess bil-politika li wegħdna u wettaqna.

It-triq tad-demokrazija trid tkompli u jkun żball politiku jekk naħsbu li xi darba se tieqaf jew li dak li għamilna fil-passat hu biżżejjed. M' hemm ebda dubbju li l-Partit Nazzjonalista kien u hu fuq quddiem nett fejn tidħol politika favur aktar drittijiet għaċ-ċittadin u politika aktar trasparenti fl-amministrazzjoni ta' l-istat. Il-Partit Nazzjonalista jrid ikun ukoll fl-avangwardja fis-snin li ġejjin għaliex it-twemmin tiegħu hu fundamentalment bażat fuq il-fiduċja fil-kapaċità ta' kull individwu li jagħraf it-tajjeb mill-ħażin, l-appell għar-raġuni distint mill-appell għall-emozzjoni.

Għaldaqstant, ix-xogħol li riedet tagħmel din il-Kummissjoni nikkunsidrawh bħala stadju naturali kemm ta' l-evoluzzjoni politika ta' pajjiżna kif ukoll tal-ħsieb politiku ta' dan il-partit. Sfortunatament, il-materja li dwarha qed nirrappurtaw nafu li diġà ġiet sfruttata għal raġunijiet partiġġjani mill-Partit Soċjalista, tattika li wasslet biex minflok ma jsir diskors serju dwar x'avanzi għandhom iseħħu f'pajjiżna ssir biss kampanja pwerili u mingħajr sustanza.

Il-Kummissjoni setgħet tiġi kundizzjonatà minn din il-kampanja u tippreżenta rapport li jkun jinstema' tajjeb politikament. Li kieku għamilna hekk, iżda, konna nirriskjaw li nagħmlu proposti li jidhru sbieħ iżda li jaħarbu mir-realtà. Il-Kummissjoni dehrilha li l-kompitu tagħha hu ieħor - dak li teżamina bis-serjetà x'sistema għandha tiġi applikata f'pajjiżna meħuda inkonsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi ta' pajjiżna u l-istorja politika tagħna u, fuq kollox, kif din is-sistema tista' realment tiġi nfurzata. Ħdimna għalhekk sabiex ikollna rapport serju u mhux neċessarjament rapport li jintgħogob minn kulħadd.

# Finanzjament tal-Partiti

## Lil hinn minn Malta

Fil-programm elettorali tiegħu għall-Elezzjoni Ġenerali ta' l-1987 il-Partit Nazzjonalista kien qal :

> "Isir fond biex jipprovdi finanzi għall-partiti poltiċi bi proporzjon għall-voti li jkunu kisbu fl-ewwel għadd ta' l-elezzjoni ġenerali ta' qabel : dawn jgħinu sabiex il-partiti jsiru aktar effiċjenti u aktar ħielsa".

L-aktar ħaġa ħafifa għall-Kummissjoni kienet tkun li tirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' din il-proposta. Dehrilna, iżda, li wara li għaddew seba' snin u speċjalment in vista ta' żviluppi li qed iseħħu fl-Ewropa, ikun ħafna aħjar li neżaminaw mill-ġdid x'inhu l-aħjar li jsir. Ħsibna wkoll li naraw x'qed jiġri fl-Ewropa u għal dan l-iskop ikkonsultajna pubblikazzjoni tal-Parlament Ewropew li tiġbor il-leġislazzjoni relattiva tal-pajjiżi tal-Komunità Ewropea u għall-konvenjenza qed ninkludu dan id-dokument bħala appendiċi flimkien ma' appendiċi separat li jindika f'forma ta' tabelli l-punti prinċipali ta' din il-leġislazzjoni.

Waqt li nħallu għall-qarrej li jara d-dettalji ta' dan id-dokument, jidhrilna li nistgħu niġbdu l-konklużjonijiet segwenti dwar il-pożizzjoni fl-Ewropa :

1. bażikament jeżistu s-sistemi li ġejjin :
   * sussidju kull sena lill-partiti politiċi;
   * sussidju kull sena lill-gruppi parlamentari;
   * sussidju lill-partiti politiċi għall-elezzjonijiet;
   * pubblikazzjoni ta' l-*accounts* kull sena tal-partiti;

2. it-tendenza ġenerali hi li kull stat jagħti somma flus lill-partit kull sena waqt li waħdiet jagħtu sussidju addizzjonali lill-grupp parlamentari. Ta min jinnota

   * li l-Belġju u Franza ntroduċew dan is-sussidju riċentement waqt li l-Italja abolietu;
   * l-Ingilterra jaħdmu bil-prinċipju li peress li l-partit fil-Gvern għandu ċerti vantaġġi, is-sussidju jingħata lill-partiti fl-oppożizzjoni biss;
   * il-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi jissussidjaw biss lill-partiti li huma rappreżentati fil-parlament.

3. Il-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi ma jillimitawx l-infiq li jistgħu jagħmlu l-partiti f'elezzjoni ġenerali u ma jimponu ebda verifika;

4. il-pajjiżi ta' l-Ewropa huma maqsuma fejn jikkonċernas-sussidju għall-elezzjonijiet ġenerali. Fejn dan jeżisti hu normalment marbut ma' numru minimu ta' voti miksuba uhemm kontrolli wkoll fuq id-donazzjonijiet privati konnessi ma' l-elezzjoni;

5. fil-qasam tad-donazzjonijiet, hemm kważi *consensus* li dawn huma permessi fil-pajjiżi kollha u l-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi ma jitolbux il-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tad-donaturi jew jitolbuh meta l-ammont hu relattivament għoli sew;

6. il-maġġoranza tal-pajjiżi jimponu l-obbligu fuq il-partiti sabiex kull sena jippubblikaw l-*accounts* tagħhom iżdahu biss nofs dawn il-pajjiżi li jimponu li l-kontijiet ikunu verifikati b'awdituri ta' l-istat jew fil-parlament.

Il-Kummissjoni tiġbed ukoll l-attenzjoni għal dan li ġej :

1. l-agħar abbużi f'dan il-qasam saru fl-Italja minkejja li l-liġi kienet tipprovdi għal sussidju kull sena u għal kull elezzjoni, kontroll fuq id-donazzjonijiet inkluż il-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet ta' donaturi li jagħtu aktar minn Lm1300, il-publikazzjoni ta' l-*accounts* kull sena u l-verifika tagħhom mill-Awdituri ta' l-Istat.

2. Ir-Renju Unit, li minnu aħna ħadna l-leġislazzjoni preżenti (jew aħjar in-nuqqas tagħha), timxi fuq il-prinċipju li l-partiti huma assoċjazzjonijiet volontarji li għandhom jiddependu mill-għajnuna ta' min irid jappoġġjahom u konsegwentement la jipprovdi sussidju mill-Istat u lanqas jikkontrolla. Dan il-prinċipju hu evidenti wkoll f'xi pajjiżi oħra.

   Iżda r-Renju Unit iżid raġunament tipikament Ingliż. Jirraġunaw li peress li l-partit li jkun fil-Gvern għandu vantaġġ naturali jikkontrobilanċjaw dan il-vantaġġ billi jissussidjaw lill-gruppi parlamentari li jkunu fl-Oppożizzjoni biss.

   Milli tista' tifhem il-Kummissjoni, il-vantaġġ li suppost ikollu l-partit fil-Gvern hu li kemm il-Prim Ministru kif ukoll kull Ministru jistgħu jinnominaw numru ta' persuni biex jgħinuhom fix-xogħol politiku tagħhom sakemm jibqgħu fil-kariga u jitħallsu mill-Gvern.

   Fil-fatt, il-flus imħallsa mill-istat lill-partiti ta' l-oppożizzjoni ma jitħallsux lill-partiti, iżda lill-gruppi parlamentari u jridu jintużaw għal xogħol parlamentari. Fil-fatt jintefqu f'*policy unit* għall-Kap ta' l-Oppożizzjoni, riċerka etc..

Minn dan kollu għandu jkun evidenti li fl-Ewropa la hemm sistema waħda u lanqas hemm wisq qbil fuq xi linji ġenerali. Hu evidenti li l-leġislazzjoni f'kull pajjiż żviluppat b'mod u żmien differenti u ndubbjament hi nfluwenzata mill-istorja politika u soċjali tal-pajjiż. Dan hu mportanti għal pajjiżna għaliex kull żvilupp li jrid iseħħ irid ikun konformi mar-realtajiet ta' pajjiżna u ma teżistix soluzzjoni waħdanija li nistgħu nesploraw.

Il-Kummissjoni għalhekk, dehrilha li meta tiġi biex tagħmel il-proposti għandha tidħol b'moħħ miftuħ u mhux tkun marbuta minn prekonċetti jew kundizzjonata mill-paroli ta' min irid jittratta din il-materja mill-aspett ta' kemm jista' jieħu gwadann politiku minnha.

F'din il-parti l-Kummissjoni se tiddiskuti tliet problemi :

1. il-partiti għandhom jiġu sussidjati kull sena mill-istat?

2. jekk jingħata sussidju, għandhom jiġu kontrollati d-donazzjonijiet privati?

3. indipendentement mis-sussidju, il-kontijiet tal-partiti għandhom jiġu pubblikati u verifikati?

L-għanijiet bażiċi ta' sistema bażata fuq il-finanzjament u rendikont pubbliku tal-partiti politiċi hi doppja :

1. li tipprova twassal għall-ugwaljanza ta' mezzi bejn il-partiti sabiex partit ma jirbaħx voti sempliċiment għax għandu aktar flus mill-ieħor;

2. li tipprova tiżgura li partiti ma jirċevux jew ma jkunux imġiegħla jiddependu minn donazzjonijiet privati li jkunu motivati minn ħsieb korrott u mhux minn ħsieb ġenwin ta' konvinċiment.

Il-Kummissjoni jidhrilha li l-ewwel skop hu sostanzjalment differenti mit-tieni wieħed u għalhekk se tittrattahom separatament.

## Il-Kwistjoni tas-Sussidju

L-ugwaljanza tal-mezzi hi ċertament skop nobbli iżda nafu lkoll, kif għallimna l-istess Komuniżmu, li hu skop teoretiku u mhux raggungibbli fir-realtà. Apparti t-teorija, il-Kummissjoni jidhrilha li bħala punt ta' prinċipju hu ħażin li teskludi donazzjonijiet mill-privat għaliex kull persuna għandha dritt fundamentali li bi flusha tagħmel li trid u tgħin lil min trid. Nisperaw li ma nsibux lil xi hadd li jipprova jagħmel l-argument li d-Demokristjani għandhom sostenituri aktar mis-Soċjalisti. Nisperaw li min qed jaħseb biex jagħmel dan l-argument jaf l-esperjenzi tal-Partiti Soċjalisti fl-Isvezja, in-Norvegja, l-Olanda, il-Ġermanja, Spanja, Franza, il-Greċja u nibqgħu sejrin.

*Il-Kummissjoni għalhekk qed issostni li d-donazzjonijiet mill-privat għadhom jibqgħu jiġu permessi, independentament minn jekk għandhomx jiġu regolati jew le.*

Is-sussidju ta' l-istat hu intenzjonat mhux tant li jnaqqas l-inugwaljanza iżda li jipprovdi lill-partiti mezzi finanzjarji biżżejjed biex mill-anqas ikollhom il-minimu neċessarju sabiex jiffunzjonaw fuq livell aċċettabbli. L-esperjenza turi li ebda stat ma jipprovdi biżżejjed finanzi biex partit ikampa (għalhekk prattikament kull stat jippermetti donazzjonijiet mill-privat) waqt li l-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li hu ħażin li l-partiti politiċi jispiċċaw biex essenzjalment jiddependu mill-istat għall-eżistenza tagħhom.

F'dan l-istadju, il-Kummissjoni trid tenfasiżża li hi temmen bis-sħiħ li konċettwalment għandna nibqgħu nħarsu lejn il-partiti politiċi bħala assoċjazzjoniiet volontarji li jimxu 'l quddiem jew imorru lura skond l-interess li juru l-imsieħba tagħhom. Din il-Kummissjoni ma taqbilx li nibdew inħarsu lejn il-partiti politiċi bħala parti mill-istat u konsegwentement li hemm xi obbligu li l-istat jiggarantixxi l-finanzjament tagħhom. Daqstant ieħor ma nemmnux li l-partiti politiċi għandhom permezz ta' l-istat jokkupaw l-ispazju politiku kollu offrut minn demokrazija.

Nemmnu li waqt li l-istat għandu dmir li jinkoraggixxi u jgħin il-formazzjoni ta' gruppi politiċi għaliex huma l-mezz ewlieni kif titħaddem id-demokrazija, l-istat m'għandu ebda obbligu li jiggarantixxi l-eżistenza kontinwata ta' xi grupp jew ieħor. Din il-garanzija trid tiġi biss mill-ħidma u l-għajnuna volontarja u mill-kunsens taċ-ċittadini liberament espress fl-elezzjonijiet.

Il-Kummissjoni temmen li d-distinzjoni bejn inkoraggiament u dipendenza tista' titwettaq fil-prattika jekk niddistingwu l-attività tal-partit f'attività ta' ħsieb politiku u *policies* u attivita` ta' organizzazzjoni u *propaganda*. Ta' l-ewwel għandha jew, sakemm il-partit hu fl-oppożizzjoni, jista` jkollha effett potenzjali fuq it-tmexxija ta' l-istat waqt li sservi bħala l-bażi tal-għażla li l-elettorat irid jagħmel bejn il-partit. Għalhekk ħaqqha tkun inkoraggita mill-istat.

Tat-tieni, l-organizzazzjoni u l-*media*, huma biss mezz kif partit politiku jmexxi l-ħidma tiegħu u jwassal l-ideat tiegħu. Waqt li ċertament din hi attivita' importanti għall-partiti u trid tkun megħjuna mill-istat, l-iżvilupp prattiku tagħha għandu jkun f'idejn il-partiti nnifishom u l-istat m'għandux ikun il-garanti tagħha.

*Il-Kummissjoni hi għalhekk ta' l-opinjoni li l-istat għandu jipprovdi sussidju lill-partiti politiċi fil-parametri fuq imsemmija u dejjem suggett għall-prinċipju generali li l-partiti politiċi huma għaqdiet volontarji u bħal tali m'għandhomx isiru dipendenti fuq l-istat għall-eżistenza tagħhom.*

Il-Kummissjoni għaddiet biex teżamina x'forma prattika għandu jieħu dan is-sussidju u l-ewwel kwistjoni prattika li kellna niffaċċjaw hi li nipprovdu definizzjoni ta' *partit politiku* li jista' jikkwalifika għas-sussidju.

Il-Kummissjoni jidhrilha li hu ovvju li waqt li tnejn min-nies jikkostitwixxu assoċjazzjoni politika f'termini kostituzzjonali, l-istat m'għandu ebda obbligu li jissussidja l-attività' ta' gruppi li m'għandhomx ċertu appogg popolari. Ħarsa lejn il-leġislazzjoni Ewropea mill-ewwel turi li kull pajjiż jimponi *threshold* ta' voti f'elezzjoni li partit ikun irid jikseb sabiex jikkwalifika għal sussidju. Uħud jekwiparaw din it-*threshold* ma' rappreżentanza fil-parlament, oħrajn ma' numru ta' voti fuq bażi nazzjonali anki jekk dawk il-voti ma jwasslux għal rappreżentanza fil-parlament.

F'għażla bejn dawn iż-żewġ *options* il-Kummissjoni kkunsidrat li fil-kuntest ġenerali ta' riforma tas-sistema elettorali biex tinkiseb aktar proporzjonalita', il-Partit Nazzjonalista diġa ppropona li partit politiku li jikseb 5% tal-voti validi fuq bażi nazzjonali (ekwivalenti għal tliet kwoti) għandu jkun rappreżentat fil-Parlament.

*Il-Kummissjoni jidhrilha li hu loġiku li żżomm l-istess threshold u għalhekk qed tissuġġerixxi li kull partit politiku li fl-aħħar elezzjoni ġenerali jkun kiseb 5% tal-voti validi fuq bażi nazzjonali fl-ewwel count ikun jikkwalifika, fit-termini msemmija aktar 'l quddiem, għas-sussidju ta' l-istat indipendentement minn jekk hux rappreżentat jew le fil-Parlament.*

Fuq l-iskorta ta' dan is-suġġeriment il-Kummissjoni għaddiet biex teżamina x'sussidji għandhom jiġu proposti u sabiex waslet għall-konklużjonijiet tagħha kienet gwidata mill-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

* li l-minimu neċessarju biex jitmexxa partit, kemm fuq livell ta' ħsieb kif ukoll fuq livell organizzattiv, għandu jkun garantit lil kull partit li jikkwalifika għas-sussidju;
* li d-distinzjoni ovvja bejn partit li jġib ħafna voti u partit li jġib anqas voti ma tistax tiġi njorata u trid tiġi riflessa f'forma ta' sussidju addizzjonali;
* li trid isir distinzjoni bejn is-sussidju tal-ħidma konnessa ma' l-iżvilupp ta' *policies* u dik konnessa ma' l-organizzazzjoni tal-partiti u ta' l-ewwel tiġi valorizzata aktar;
* li għandha ssir ukoll distinjzoni bejn is-sussidju dirett u dak indirett sakemm dan tat-tieni ma jkunux tali li jista' jiġi abbużat.

Is-suġġerimenti konkreti tal-Kummissjoni huma:

1. sussidju dirett lejn l-iżvilupp ta' policies: l-esperjenza turi li meta l-partiti jiġu biex jiżviluppaw *policies* jeħtieġu l-għajnuna ta' nies esperti fil-qasam barra li jridu jagħmlu riċerka u jirrikorru għal libreriji jew *databases* biex jipprovdulhom l-informazzjoni. Barra minn hekk il-partiti kontinwament jeħtieġu l-għajnuna ta' esperti u riċerkaturi biex jgħinuhom janalizzaw dak li jkun qed jiġri u dak li jeħtieġ isir.

Dan kollu jqum il-flus sakemm ma nistennewx li l-*policies* li jiżviluppaw il-partiti jkunu sempliċement ħsibijiet li waqgħu mis-sema. Hu fl-interess tal-pajjiż kollu li kull partit jiżviluppa *policies* realistiċi bażati fuq riċerka tajba, li jagħrfu mhux biss ir-realta' ta' pajjiżna iżda anki dak li jkunu għaddew minnu pajjiżi oħra.

Biex dan ikun possibbli jidhrilna li kull partit ikun jeħtieġ numru minimu ta' impjegati (kalkolat fi tnejn min-nies) kif ukoll infiq relatat mal-ħidma ta' riċerka, li l-Kummissjoni jidhrilha li aktar iva milli le se tkun kummissjonata. Fuq din il-bażi, fis-sena il-Kummissjoni jidhrilha li s-somma ta' Lm20,000 hu ammont raġonevoli.

Barra minn dan is-sussidju mogħti ugwalment lil kull partit li jikkwalifika, il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li kull partit li jikkwalifika għandu jingħata sussidju addizzjonali ta' 50c għal kull vot miksub fl-aħħar elezzjoni ġenerali, kull sena.

Il-Kummissjoni ovvjament tistenna li jkun hemm liġi li tirregola l-għoti u l-infiq ta' dan is-sussidju u li għalhekk tirregola b'mod ħafna aktar dettaljat milli qed isir issa l-materja kollha. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni jidhrilha li għandha tissuġġerixxi dan li ġej:

* li għandu jkun ċar li dan is-sussidju jista' jintefaq biss fuq ħidma ta' riċerka u żvilupp ta' *policies* u l-liġi tkun trid mhux biss tiddefinixxi sew din il-ħidma iżda tipprovdi għal mekkaniżmu kif jiġi żgurat li dan jiġi osservat;

* li sakemm dan il-għan ikun osservat, il-partiti jkunu jistgħu jonfqu s-sussidju kif jidhrilhom xieraq (ez. mhux bilfors jimpjegaw tliet riċerkaturi iżda jonfqu aktar fuq ir-riċerka barranija);

* li l-partiti jkunu obbligati li jew iwaqqfu assoċjazzjonijiet separati jew għall-anqas taqsimiet speċjali biex jiġġestixxu l-ħidma sabiex is-sussidju ma jmurx fil-fondi ġenerali tal-partiti;

2. sussidju dirett għall-organizzazzjoni tal-partit: il-Kummissjoni jidhrilha li biex partit politiku jitmexxa bis-serjeta' jeħtieġ numru minimu ta' persuni li jaħdmu miegħu fuq bażi *full time*. Il-volontarjat kien u għandu jibqa' s-sinsla prinċipali ta' kull partit iżda l-koordinament tal-ħidma ma nistgħux nippretendu li trid tibqa' tiddependi minn persuni li ħsiebhom u l-enerġiji tagħhom ikun fuq xogħol ieħor.

Fuq il-bażi tar-raġunament magħmul aktar 'il quddiem f'dan ir-rapport, il-Kummissjoni jidhrilha li dan is-sussidju għandu jkun ferm anqas minn dak ta' qablu u li l-organizzazzjoni tal-partiti għandha primarjament tiddependi fuq il-finanzjament volontarju li jiksbu l-partiti.

Għalhekk, il-Kummissjoni jidhrilha li l-istat la għandu jiffinanzja attivita' politika, la l-*media* tiegħu u wisq anqas l-organizzazzjoni ta' bażi tal-partiti. Il-finanzjament jidhrilha li għandu jkun dirett biss lejn l-ispejjez involuti fit-tmexxija ta' segreterija u jidhrilha li sussidju ta' Lm10,000 fis-sena flimkien ma' 10 centezimi għal kull vot miksub għandu jkun sussidju adegwat.

Il-Kummissjoni tissuġġerixxi wkoll li tiġi ntrodotta anki fil-każ tal-partiti politiċi l-prattika diġa eżistenti fil-konfront tat-*trade unions* fejn impjegati tal-Gvern jiġu *released* biex jaħdmu mal-partiti waqt li jibqgħu jitħallsu mill-Gvern. Dan, ovvjament, ikun irid isir b'kompensazzjoni ma' parti mis-sussidju li l-partit ikun irċieva.

3. sussidji indiretti: il-Kummissjoni jidhrilha wkoll li hemm lok għal numru ta' sussidji indiretti li għandhom jingħataw lil kull partit li jikkwalifika għal sussidju:

* rati ta' posta baxxi u li jkunu ekwivalenti għal 50% tar-rata li llum titħallas fuq *bulk postage;*

* il-possibbilta' li fis-sajf il-partiti politiċi jkunu jistgħu jħaddmu studenti magħhom skond l-iskemi eżistenti kif inhu diġa applikabbli għal kull għaqda volontarja;

* ħlas għas-servizzi ta' telefon, fax, ilma u dawl bħala għaqdiet volontarji;

* esenzjoni mit-taxxa dovuta għal kull attivita' ta' *fund raising* miżmuma u li llum hi ristretta biss għal attivita' waħda ta' lotterija fis-sena;

Il-Kwistjoni tad-Donazzjonijiet

Diġà sostnejna li nemmnu li d-donazzjonijiet privati għandhom jibqgħu permessi. Irridu issa naraw jekk għandhomx jiġu regolati, li bażikament ifisser għandniex nipprovdu li jekk id-donazzjoni tkun ta' ċertu ammont, min jirċeviha jkun obbligat li jiżvela l-isem tad-donatur u l-ammont tad-donazzjoni.

Il-Kummissjoni tfakkar li mir-riċerka li għamlet jidher li huma biss ftit pajjiżi li jagħmlu dawn it-tip ta' kontrolli u f'wieħed minnhom, fl-Italja, nafu li dawn ma servew għal xejn.

L-aktar ħaġa faċli għall-Kummissjoni kienet tkun li tħares lejn din il-kwistjoni mil-lenti tal-politika partiġġjana u tirraguna li l-eħfef soluzzjoni politika hi li tagħmel il-kontrolli. Dehrilha, iżda, li dan mhux biżżejjed għaliex hu daqstant importanti jekk mhux aktar, li naħsbu wkoll x'metodi se naddottaw biex l-abbuż ikun jistà jinqabad u jkun kontrollat. Il-Kummissjoni jidhrilha li l-agħar ħaġa li tista' tiġri hi li nagħmlu liġi li tkun rispettata *in the breach* bħalma ġara fl-Italja jew kif ġara fir-rigward tas-suppost kontroll fuq l-infiq tal-kandidati fl-elezzjonijiet ġenerali.

*Wara li ddiskutiet fit-tul din il-problema, il-Kummissjoni kkonkludiet li hu prattikament impossibbli li tagħmel liġi water tight , liġi li ma tistax tiġi abbużata. Insemmu ftit eżempji :*

1. jekk tagħmel restrizzjoni trid bilfors tagħmel regola li l-isem tad-donatur jiġi pubblikat jekk id-donazzjoni tkun taqbeż ċertu ammont, ngħidu aħna Lm1,000 fis-sena. Xi żżomm persuna milli tagħmel donazzjoni ta' Lm5,000 u tgħid li dik hi tagħha, tal-mara u tat-tlett itfal?

2. il-partiti kollha għandhom il-*media* tagħhom u l-partiti huma *tax exempt*. L-aktar metodu faċli kif iddur ma' restrizzjoni hu li minflok tagħmel donazzjoni tirreklama fuq il-*media* tal-partit u l-*media* tgħaddi l-profitti lill-partit. Xejn illegali iżda nkunu wkoll għamilna liġi li ma tiswa xejn;

3. ma jidhrilniex li jekk partit joffri servizzi lill-pubbliku tista' b'xi mod tikkontrolla l-prezz li dawn joffrihom. Jekk il-partit jagħmel kuntratt mas-Sur X biex dan juża l-librerija tal-partit, jipproduċilu *advert* jew jagħmillu *software* u jżomm Lm5,000 tas-servizz li attwalment jagħtih kif se tikkontrollah?

Dawn huma biss ftit eżempji sabiex nuru kemm hu fil-fatt diffiċli li tinforza liġi simili.

Il-Kummissjoni għalhekk bdiet tħares lejn metodi differenti ta' kontroll għaliex nemmnu li hemm lok li nittrattraw il-problema ta' trasparenza.

L-iskop tar-regolamentazzjoni mhux li taqta' l-kurżitá ta' xi wħud, iżda hu li bil-pubblikazzjoni ta' l-isem tad-donatur il-partiti joqogħdu attenti li ma jirċevux donazzjonijiet li jkunu effettivament motivati mill-ħsieb li d-donatur jaqla' xi "grazzja" jew ikun grazzi għal xi "grazzja" li jkun qala'. Fi kliem ieħor, mhux id-donazzjonijiet huma ħżiena iżda donazzjonijiet bi skop ta' korruzzjoni.

La darba hu diffiċli ħafna li tikkontrolla effettivament min-naħa tal-partit esplorajna l-possibbiltá opposta, li jiġi kontrollat is-sors tal-korruzzjoni. Irragunajna:

1. persuna toffri flus lill-partit għax temmen li tista' tieħu xi ħaġa li jista' jkollha jew ma jkollhiex dritt għaliha minn dak il-partit;

2. waqt li dik il-ħaġa hi normalment xi kuntratt, permess jew liċenzja, tista' tkun ukoll motivata biex partit jew kelliem ta' l-Oppożizzjoni jieħu jew ma jieħux ċerta pożizzjoni;

3. aktar ma' l-proċessi tal-għoti ta' kuntratti eċċ huma magħluqin u misterjużi, aktar jikbru s-suspetti, anki fejn m'hemmx lokhom;

4. bil-maqlub, jekk il-proċess tal-għoti jkun fil-miftuħ anqas ikun hemm suspetti għax kulħadd ikun liberu li mhux biss jissodisfa ruħu li l-proċedura tkun ġiet osservata iżda jkollu wkoll l-opportunitá li jagħmel is-sottomissjonijiet li jidhirlu xieraq;

5. konsegwentement, jekk il-proċess li suppost jagħti lok għall-korruzzjoni jkun proċess taħt l-iskrutinju ta' kulħadd, għandha tonqos il-possibbilta` tagħha.

Il-Kummissjoni tħoss li tant dan hu minnu li fl-Italja ma neħħewx id-donazzjonijiet iżda introduċew proċess aktar serju għall-għoti tal-kuntratti pubbliċi. Il-Qorti hu forsi eżempju tipiku ta' din l-argumentazzjoni għaliex, waqt li ħafna jsostnu li hu diżorganizzat, ħadd ma jgħid li l-Imħallfin u l-Maġistrati huma korrotti. Il-proċess pubbliku jaħdem favur tagħhom. L-istess jingħad għall-proċess pubbliku ġdid applikat fil-ħruġ tal-permessi tal-bini, proċess li fl-opinjoni ta' din il-Kummissjoni għandu jkun ir-*role model* għal ħafna proċessi oħra governattivi.

*Il-Kummissjoni hi għalhekk ta' l-opinjoni li l-veru soluzzjoni għall-possibbiltà tal-korruzzjoni m'hix il-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet ta' min jagħmel donazzjoni iżda qiegħda f'riforma tal-proċedura tal-għoti ta' kuntratti, permessi u liċenzji ta' ċertu sustanza b'mod li dan isir aktar trasparenti.*

Nafu li fis-snin imgħoddija diġà sar ħafna f'dan il-qasam, fosthom il-ftuħ fil-pubbliku tat-*tenders* kollha, il-pubblikazzjoni tagħhom, l-introduzzjoni ta' proċess kważi ġudizzjarju tal-għoti tal-permessi tal-pulizija, il-proċess pubbliku fil-ħruġ tal-permessi tal-bini, il-proċess pubbliku fl-għoti tat-*tenders* mill-Kunsilli Lokali eċċ. Nemmnu li wasal iż-żmien li l-Gvern jagħmel pass ieħor.

Fil-qasam tal-kuntratti bil-proċess tat-*tenders* nissuġġerixxu li l-proċess fir-rigward ta' *tenders* ta' ċerta entità, ngħidu aħna 'l fuq min Lm50,000, inklużi kuntratti ta' Korporazzjonijiet, Awtoritajiet jew kumpanniji parastatali, għandu jsir proċess pubbliku u kważi ġudizzjarju fejn

1. id-dokumenti kollha mixħuta ma' kull *tender* ikunu jistgħu jiġu eżaminati minn kulħadd;

2. ikun hemm opportunità sabiex kulħadd jagħmel sottomissjonijiet pubbliċi favur jew kontra kull *tender* mixħut;

3. kull evalwazzjoni teknika jew le konnessa mal-kuntratti tiġi pubblikata;

4. id-deċiżjoni tal-Bord tal-Kuntratti tkun motivata u pubblika.

Nissuġġerixxu wkoll li fil-każ tal-kuntratti taħt is-somma fuq indikata tista' tiġi applikata l-proċedura kollha fuq imsemmija ħlief li (2) jsir permezz ta' sottomissjonijiet bil-miktub.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-liċenzji maħruġa mill-Pulizija nissuġġerixxu li jkun hemm aktar pubbliċità għall-proċess kollu kemm hu peress li llum minkejja li dan il-Gvern introduċa l-istrutturi neċessarji biex ikun hemm proċess pubbliku u kważi ġudizzjarju għadna fil-fażi fejn il-pubbliku la jaf juża l-proċess u lanqas ikun avżat meta hemm xi ħaġa li tista' tinteressah. L-istess ħaġa għandha tapplika għall-proċedura ta' liċenzji ta' xi affarijiet oħra li ma jiddependux mill-Pulizija.

Dawn huma biss, suggerimenti generiċi, iżda jidhrilna li għandhom jagħtu idea tajba tal-linja li qed naħsbu dwarha.

Nifhmu sew li jistgħu jsibu l-oppożizzjoni ġustifikata ta' diffikultajiet burokratiċi iżda nemmnu li dawn nistgħu nirbħuhom kemm-il darba jkun hemm rieda politika soda li nintroduċu proċess trasparenti.

*Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li peress li ċertu organiżżazzjonijiet, kummerċjali u ma humiex, jamministraw flus li ma humiex tagħhom iżda tal-membri msieħba fihom, għandu jkun obbligu fuqhom li jiddikjaraw speċifikament kull donazzjoni - diretta jew indiretta - li jagħtu lill-partiti politiċi.`*

Bħala eżempji nsemmu għaqdiet volontarji ta' kull tip, *unions* jew assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem, kooperattivi, kumpaniji li ma humiex privati u/jew aġenti fit-termini tal-liġi. Dawn kollha, u oħrajn bħalhom, għandhom il-jedd li jappoġġaw, anki finanzjarjament lil kull partit li jidher li jaqbel lilhom iżda billi qed jamministraw ħwejjeġ ħaddieħor għandhom jiddikjaraw dan l-appoġġ apertament.

Il-Pubblikazjoni tal-Kontijiet tal-Partiti

Għalkemm assoċjazzjonijiet volontarji, partiti politiċi huma wkoll organizzazzjonijiet nazzjonali b'ċerta influwenza u b'doveri u influwenza akbar minn organizzazzjonijiet volontarji oħra. Nemmnu li għandhom obbligu li jagħtu rendikont ta' għemilhom. Fil-kuntest finanzjarju, jidhrilna li barra li dan l-obbligu hu applikabbli ma nistgħux ninsew ukoll li din il-Kummissjoni qed tissuġġerixxi xi forma ta' sussidju mill-istat.

*Għaldaqstant, din il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li l-partiti politiċi li jikkwalifikaw għas-sussidju ta' l-istat, inkluż il-partit li jkun fil-Gvern, għandhom kull sena jippubblikaw a full set of accounts li għandhom ikunu ċertifikati minn awdituri rikonoxxuti. Flimkien mal-kontijiet għandhom jippubblikaw ukoll elenku tal-proprjeta` immobiljari li jippossiedu taħt kull titlu.*

Anki f'dan il-qasam nemmnu li għandna nimxu b'serjetà u rridu naffrontaw il-problemi reali li jeżistu. Forsi l-akbar fosthom hi d-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi partit politiku għall-iskopijiet ta' *accounting*. Qed ngħidu dan għaliex nafu li l-partiti jħaddnu wkoll soċjetajiet kummerċjali u konsegwentement tqum waħedha d-domanda jekk il-kontijiet ta' dawn is-soċjetajiet għandhomx jiġu pubblikati ma' dawk tal-partiti jew jibqgħu jiġu regolati mil-Liġi dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali?

Ir-realtà fi ħdan il-Partit Nazzjonalista turi li, għalkemm l-attività ta' dawn is-soċjetajiet bdiet b'motivazzjoni politika u għandhom funzjoni politika x'jaqdu, l-element purament kummerċjali jiddomina sew ħlief għal ftit xhur viċin elezzjoni ġenerali:

1. Radio 101 jagħmel programmi li għall-grazzja ta' l-argument jistgħu jissejħu politiċi. Iżda jagħmel bil-wisq aktar programmi "non politiċi";

2. iċ-Ċentru Audio Viżiv jintuża mill-partit iżda jsir bil-wisq aktar xogħol għal ditti privati;

3. mix-xogħol prodott mill-istamperija tal-partit m'hemmx aktar minn 78 % li hu tal-partit. Il-bqija hu kollu xogħol kummerċjali;

4. il-gazzetti - li forsi għandhom l-aktar identifikazzjoni qawwija politika - mhux biss għandhom il-maġġoranza tal-kontenut tagħhom li hu non politiku iżda jaħdmu f'dinja kummerċjali u jiddependu minn dħul kummerċjali.

F'dawn l-oqsma kollha, u f'oħrajn, il-partiti jikkompetu ma' individwi u soċjetajiet li qegħdin fis-suq biex ġustament jagħmlu profitt. Minkejja li l-profitt forsi m'hux il-motiv prinċipali tal-partiti, huma ma jistgħux jinjoraw ir-realtajiet ekonomiċi tas-suq u konsegwentement l-iskop politiku tagħhom bilfors hu effettwat mill-kompetizzjoni eżistenti.

*Il-Kummissjoni hi għalhekk ta' l-opinjoni li l-kontijiet tas-soċjetajiet kummerċjali proprjeta` tal-partiti politiċi għandhom jibqgħu jiġu regolati mil-Liġi dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali li, fi kwalunkwe każ, tipprovdi għall-pubblikazzjoni ta' kontijiet ta' dawn is-soċjetajiet.*

Iżda minkejja li qbiżna dan il-foss, jibqa' xorta l-bżonn li tinstab xi definizzjoni ta' x'inhu partit għax inkella jispiċċa li anki s-Segretarju Ġenerali jaqa' taħt xi soċjetà kummerċjali. Wara diskussjoni twila dehrilna li forsi l-aħjar definizzjoni hi adattament tar-regola applikata mil-Liġi ta' l-*Income Tax* li tiddetermina t- *tax-exempt status* ta' soċjeta` volontarja.

*Konsegwentement, nissuġġerixxu li l-partiti jkunu obbligati jippubblikaw il-kontijiet ta' kull dipartiment, taqsima, fergħa, u organizzazzjoni konnessa ta' dak il-partit, indipendentement minn kif imsejħa jew reġistrata, u li f'sena partikolari :*

1. ma jkollu ebda dħul; jew

2. id-dħul li jkollu jkun anqas minn 20% ta' l-ispejjeż min fuqa minn dak id-dipartiment eċċ;

3. 40% jew aktar tad-dħul li jkollu jkun ġej minn attività li m'hix kummerċjali u għal dan l-iskop attivita` favur l-istess partit jew xi dipartiment eċċ tiegħu tkun tiġi kalkulata *at cost*.

Nirrealizzaw li din m'hix neċessarjament l-aħjar definizzjoni iżda jidhrilna li toffri bidu tajjeb għad-diskussjoni.

Barra l-problema tad-definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi partit politiku nemmnu li hemm diversi problemi oħra li jkunu jridu jiġu riżolti bħal :

* kif għandhom jiġu preżentati l-*accounts* u x'ċertifikar u proċess ta' ċċekkjar għandu jsir;

* x'inhuma l-assi li għandhom jiġu dikjarati, għandhomx jiġu valutati u kif u jekk għandhomx jiġu dikjarati interessi oħra;

* kif tiġi regolata r-relazzjoni bejn partit u organizzazzjonijiet oħra li jistgħu joffru għajnuna materjali b'mod speċjali r-relazzjoni bejn il-Partit Soċjalista u l-General Workers' Union fejn ta' l-ewwel regolarment tuża l-mezzi tat-tieni, inkluż il-gazzetti, mingħajr ħlas.

Naħsbu li f'dan ir-rapport ma nistgħux noffru s-soluzzjonijiet kollha iżda nemmnu li s-soluzzjonijiet jistgħu jinstabu fil-kuntest sħiħ ta' *drafting* ta' leġislazzjoni u bir-rakkomandazzjoni li naraw x'għamlu pajjiżi oħra.

## Il-Kampanji Elettorali

Xi pajjiżi fl-Ewropa jissussidjaw l-infiq tal-partiti waqt kampanja elettorali. Qed ngħidu "xi" għaliex jidher mir-riċerka li għamilna li fir-rigward tal-pajjiżi tal-Komunità Ewropea dawn jinqasmu kważi nofs b'nofs. Kuntrarju għal pożizzjoni dwar is-sussidju, il-pożizzjoni ta' kważi l-pajjiżi kollha hi li ma hemmx limitazzjonijiet fuq l-infiq li jistgħu jagħmlu l-partiti u m'hemmx verifika tal-kontijiet speċjali tal-kampanja elettorali.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll x'għandha tkun il-pożizzjoni f'pajjiżna fuq sussidju, limitazzjoni fuq l-infiq u verifika konnessa mal-kampanja elettorali.

*Dwar il-pubblikazzjoni u l-verifika tal-kontijiet, il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li ma tinħtieġ ebda miżura straordinarja. Dawn jaqgħu taħt il-kontijiet normali tal-partit u peress li l-Kummissjoni qed tissuġġerixxi li dawn għandhom jiġu pubblikati se jiġu pubblikati wkoll il-kontijiet relattivi għall-elezzjoni ġenerali bħala parti integrali minnhom.*

*Dwar il-limitazzjoni ta' l-infiq li jistgħu jagħmlu l-partiti f'kampanija elettorali deħrilna li din il-proposta m'hix aċċettabbli fuq bażi ta' prinċipju - minbarra li toħloq diffikultajiet kbar biex tiddefinixxi x'infiq jistgħu jsiru kif nafu sew mill-kontroll li suppost isir fuq il-kandidati.*

Fuq livell ta' prinċipju, jidhrilna li hu inkonċepibbli li min-naħa nsostnu li għandna dritt li nikkomunikaw l-ideat tagħna b'kull mezz possibbli - u kemm il-Partit Nazzjonalista mill-aħħar tas-snin sebgħin kif ukoll il-Partit Soċjalista fil-preżent jasserixxu li dan id-dritt jestendi anki għax-xandir bit-televiżjoni - u fl-istess ħin tillimita fil-prattika dan id-dritt proprju fl-aktar żmien meta l-aktar trid tikkomunika l-ideat.

Fuq livell prattiku ddiskutejna kif se tikklassifika l-gazzetti, r-radjijiet u t-*television* tal-partit. Deħrilna li hu impossibbli li nippretendu li se nillimitaw l-infiq fuq dan il-*media* u għalhekk jispiċċa li jkun kontrosens li nħallu li l-partiti jistgħu jonfqu l-eluf kbar biex iżommu l-aktar *media* qawwija li teżisti u fl-istess ħin nillimitaw l-eluf żgħar li jistgħu jonfqu fl-istampar ta' *brochures* u attivitajiet.

Anki hawn, aħna ta' l-opinjoni li l-iskop m'għandux tant ikun li kull partit ikun garantit l-istess mezzi - u wara kollox il-limitazzjoni fuq l-infiq ma twassalx għal din il-garanzija - iżda li kull min jikkontesta jkun garantit il-minimu neċessarju biex jikkomunika ma' l-elettorat.

Dan ir-raġunament iwassal b'mod naturali għad-diskussjoni jekk għandux ikun hemm sussidju speċjali għal kampanja elettorali.

Il-Kummissjoni hi ta' l-opinjoni li għandha terġa' tirriaferma l-pożizzjoni li diġa' semmiet meta ddiskutiet is-sussidju ta' kull sena, u ċioè li l-istat m'għandux jissussidja l-attività u l-organizzazzjoni tal-partiti - li għandhom jibqgħu jiddependu mill-volontarjat - iżda għandu jgħin fl-iżvilupp tal-ħsieb politiku u tal-*policies*.

*Fuq il-bażi ta' dan il-prinċipju aħna ta' l-opinjoni li l-istat m'għandux jipprovdi sussidju fi flus lill-partit għall-kampanja elettorali, iżda :*

1. permezz ta' l-Awtorità tax-Xandir għandu jkompli jipprovdi mezzi adegwati sabiex kull partit politiku jkollu ħin fuq il-mezzi tax-xandir ta' l-istat sabiex jikkomunika l-ideat tiegħu lill-elettorat;

2. permezz tad-Dipartiment tal-Posta jġorr b'xejn għal darba biss appell bil-miktub ta' kull partit politiku f'kull dar f'Malta u Għawdex u rati speċjali għal żewġ *mailings* oħra;

3. permezz tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni, jippubblika darbtejn, darba fil-gazzetti kollha ta' kuljum u darba f'dawk tal-Ħadd, avviż preparat minn kull partit politiku.

4. il-Gvern joffri b'xejn lil kull partit politiku numru ta' postijiet fejn jistgħu jwaħħlu *posters* fuq *boards* provduti mill-Gvern stess.

Minkejja li l-Kummissjoni qed isostni li għandu jkun hemm biss sussidju limitat, u m'għandux ikun hemm limitu għall-infiq mill-partit, il-Kummissjoni hi konxja mill-possibbiltà ta' abbuż li jkun ġej mhux mill-infieq ta' flus biex issir il-*propaganda* iżda mill-infiq ta' flus biex indirettament jinxtraw jew jiġu influwenzati l-voti. Dan il-prinċipju hu diġà limitatament rikonoxxut mill-Liġi dwar l-Indħil Barrani waqt li hu wkoll il-prinċipju bażiku li jimmotiva l-kunċett ta' l-*illegal practices*.

*Il-Kummissjoni għalhekk tissuġġerixxi li l-infiq ta' flus f'kampanja elettorali (u li fl-opinjoni tagħna m'hix limitata għax-xahar bejn ix-xoljiment u l-elezzjoni) mill-partiti għandu jiġu regolat billi jiġi projbit l-infiq f'xi oqsma jew għal ċertu skopijiet waqt li jiġi ristrett ukoll dak li jista' jagħmel Gvern u li jista' jiġi interpretat bħala largesse elettorali.*

Fost dawn b'mod ġenerali nistgħu nsemmu l-impieg ta' nies mal-Gvern jew l-għoti ta' *promotions* wara x-xoljiment tal-Parlament u bl-istess mod l-għoti ta' kuntratti jew *direct orders*, il-produzzjoni u tqassim minn ministeri ta' *brochures* li jeżaltaw ix-xogħol tal-ministru u l-esaġerazzjoni fil-*Christmas Cards*. Ċerti li bħal dawn hawn eżempji oħra.

Għal darb'oħra ma jidhrilniex opportun li nidħlu f'dettalji f'dan l-istadju, iżda m'għandniex dubbju li eżempji li dan il-pajjiż għadda minnhom jiftakarhom kulħadd kif ukoll kulħadd jiftakar li fl-elezzjoni ta' l-1992 dan il-Gvern max-xoljiment tal-Parlament ta' ordni li ħadd ma jista' jiġi mpjegat mal-Gvern jew jingħata promozzjoni sakemm tispiċċa l-elezzjoni ġenerali. Nemmnu li dan l-ispirtu għandu jimmotiva r-regolamentazzjoni li qed nissuġġerixxu.

## Finanzjament tal-Kandidati

Il-Kummissjoni ttrattat ukoll il-materja tal-finanzjament individwali tal-kandidati għall-elezzjoni ġenerali.

Dehrilna li għadu kmieni wisq biex f'din ir-regolamentazzjoni ninkludu wkoll il-kunsilliera lokali għaliex il-leġislazzjoni li tirrigwarda l-kunsilliera lokali f'perijodu ta' kampanja elettorali hi waħda riċenti u aġġornata.

Kulħadd jaqbel li r-regolamentazzjoni ta' l-infiq tal-kandidati għall-elezzjoni ġenerali hi daħqa. Sfortunatament, l-attentat tal-Gvern biex idaħħal regolamentazzjoni serja fl-1991 ġie frustrat mill-Partit Soċjalista li ddikjara li ma ried jara ebda tibdil. Peress li kull tibdil li jrid isir f'dan il-qasam jeħtieġ żewġ terzi tal-voti fil-Parlament, kull proposta trid bilfors il-kunsens tal-Partit Soċjalista.

Il-Kummissjoni qabel xejn ittrattat il-punt fundamentali jekk fil-fatt għandux ikun hemm limitu fuq l-infiq tal-kandidati. Wara kollox, il-Kummissjoni stess qed issostni li m'għandux ikun hemm limitu fuq l-infiq tal-partit u għaldaqstant riedet teżamina jekk, u jekk iva għaliex, għandu jkun hemm differenza bejn partiti u kandidati.

Fl-opinjoni tal-Kummissjoni teżisti distinzjoni bażika bejn it-tnejn. Meta partit qed jikkompeti għall-voti normalment jikkompeti fuq bażi ugwali mal-partiti l-oħra, u l-eżistenza ta' partiti oħra żgħar ma tibdilx l-argument. In-natura stess tad-demokrazija twassal għaż-żewġ kampi opposti iżda bilanċjati f'riżorsi u l-fatt li partit jinjora l-organizzazzjoni nterna u jasal dgħajjef organizzattivament għal elezzjoni żgur mhux argument biex tippretendi li l-partit l-ieħor hu obbligat inaqqas is-saħħa organizzattiva tiegħu biex jiġu pari.

Barra minhekk, fin-normalità ta' l-affarijiet - u b'normalità ma nifhmux il-perijodu anormali ta' żmien il-Gvern Soċjalista - partit ma jindirizzax l-isforz tiegħu lejn il-vot ta' dan jew dak l-individwu iżda lejn il-kollettività. Partit politiku għandu appell ġenerali u mhux appell personali u, min-natura tiegħu stess, ma jistax joħloq rapport personali mal-votant, rapport li fil-fatt jiddelega lill-kandiadti tiegħu.

Il-kandidati, min-naħa l-oħra, jaġixxu mhux biss fuq dan il-livell personali iżda jaġixxu wkoll b'mezzi li qatt ma jistgħu verament ikunu fuq l-istess livell, kif inhuma tal-partiti. Il-pożizzjoni stess tal-kandidati, kemm jekk fil-Gvern kif ukoll jekk fl-Oppożizzjoni, toħloq diżugwaljanza li ma tistax tneħħiha. Iżda diżugwaljanza akbar tinħoloq jekk fuq il-livell personali msemmija qabel ikun permess d-diżugwaljanza tal-mezzi finanzjarji.

F'dan il-kuntest, irid jingħad ukoll li hu importanti wkoll li niżguraw li l-finanzjament tal-kampanji personali tal-kandidati - li lkoll nafu li jeżisti - ikun motivat mill-istess animu msemmi fir-rigward tal-partiti. Bl-isfruttar għal għanijiet partiġjani mill-Partit Soċjalista tad-diskors dwar it-trasparenza, insew għal kollox il-problema ta' dan it-tip ta' finanzjament li ħafna, forsi ġustament, jaħsbu li jista' jwassal għal abbużi ħafna akbar.

Għal darb'oħra, il-Kummissjoni ssostni li l-għan tar-regolamentazzjoni ma jistax ikun l-ugwaljanza tal-mezzi bejn kulħadd iżda r-regolamentazzjoni sabiex niżguraw li ma jsirux abbużi.

*Il-Kummissjoni qabel xejn tirrakkomanda li r-regolamentazzjoni eżistenti fil-Liġi Elettorali dwar l-infiq mill-kandidati tispiċċa għal kollox u tiġi sostitwita b'regolamentazzjoni ġdida u aġġornata.*

Il-Kummissjoni temmen li l-Gvern għandu obbligu li jressaq proposti konkreti dwar din il-materja anki permezz ta' *White Paper* u m'għandux neċessarjament jistenna l-kunsens "a priori" tal-Partit Soċjalista. Kemm-il darba finalment mhux se jintlaħaq ftehim bejn il-partiti għal dan it-tibdil dak li se ngħidu hu kollu għalxejn.

Il-Kummissjoni tissuġġerixxi li r-regoli ġodda jkunu msawra madwar tliet regoli fundamentali : l-limitu ta' l-infiq, l-eskluzzjoni ta' ċertu infiq u l-kontroll ta' l-infiq.

*Waqt li l-Kummissjoni, bħal f'każijiet oħra, jjidhrilha li r-regoli dettaljati għandhom jiġu żviluppati aktar tard qegħdin jiġu indikati l-linji l-aktar importanti li jidhrilna għandhom jiddominaw :*

1. għal dan l-iskop, kampanja elettorali għandha tfisser il-perijodu ta' sena minn mindu l-Parlament għandu jiġi xolt sal-pubblikazzjoni uffiċjali tar-riżultat ta' l-elezzjoni;

2. il-massimu li kandidat jista' jonfoq f'dan il-perijodu għandu jkun 25c għal kull votant reġistrat f'kull distrett elettorali li jkun se jikkontesta;

3. din is-somma għandha tinkludi kull materjal u mezz użat mill-kandidat fil-ħidma tiegħu eskluż l-għajnuna volontarja iżda nkluż affarijiet li jingħataw b'xejn lill-kandidat;

4. għandha tiġi emendata l-liġi sabiex jitneħħew anakroniżmi bħal li hu illegali li tipprovdi karrozza sabiex tieħu votant jivvota jew li tipprovdi ikel jew xorb bil-ħsieb li tinfluwenza l-vot iżda fl-istess ħin jidħlu kontrolli effettivi fuq prattiċi moderni bħal riċeviment, rigali, *souveniers* ecċ;

5. il-kontroll m'għandux ikun f'idejn il-Kummissjoni Elettorali iżda f'idejn Kumitat Parlamentari, li għandu jkollu l-għajnuna teknika neċessarja biex jimmonitorja u jistma l-ispejjeż ta' dak effettivamen magħmul mill-kandidati;

6. għandu jkun hemm regoli dwar x'jista' u x'ma jistax jirċievi kandidat bħala donazzjonijiet u kif dawn għandhom jiġu valutati fil-kuntest ta' l-infiq massimu li hu permess li jsir.

# Appendiċi A

## Riassunt tal-Proposti

1. Id-donazzjonijiet mill-privat lill-partiti għandhom jibqgħu permessi indipendentament minn jekk għandhomx jiġu regolati jew le.

2. Waqt li għandu jkun hemm xi forma ta' sussidju mill-istat lill-partiti politiċi dan m'għandux ikun tali li jagħmel lill-partiti dipendenti fuqu għall-eżistenza tagħhom.

3. L-istat għandu jissussidja lill-partiti li jġibu aktar minn 5% tal-voti fuq bażi nazzjonali u l-enfasi tas-sussidju għandu jkun l-iżvilupp tal-ħsieb politiku tal-partit aktar mill-organiżżazzjoni tagħhom.

4. Hu fil-prattikà impossibbli li tagħmel iġi biex tirregola d-donazzjonijiet lill-partit li hi *water t-tight* biżżejjed li ebda partit ma jista' legalment jaħrab minnha.

5. Is-soluzzjoni għall-problema tad-donazzjonijiet mogħtija b'sens ta' korruzzjoni hi r-riforma tal-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti, permessi u liċenzji ta' ċerta entità permezz ta' proċess pubbliku, kważi ġudizzjarju u trasparenti.

6. Għandha tiġi introdotta leġislazzjoni li tipprojbixxi donazzjoniiet minn nies jew organizzazzjonijiet li min-natura tagħhom stess għandhom l-obbligu li jżommu distanza mill-organizzazzjoni tal-partiti politiċi.

7. Il-partiti politiċi li jikkwalifikaw għas-sussidju ta' l-istat għandhom jippubblikaw *a full set of accounts* u lista tal-proprjeta' immobbiljari tagħhom kull sena, liema kontijiet għandhom ikunu ċertifikati minn awditur privat.

8. Fir-rigward tal-kumpanniji kummerċjali ta' proprjeta' tal-partiti, dawn għandhom jibqgħu jiġu regolati mil-Liġi dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali.

9. Fil-kontijiet tal-partiti għandhom jidħlu kull dipartiment eċċ li jew m'għandux dħul, jew id-dħul hu anqas minn 20% ta' l-ispejjeż, jew meta 40% jew aktar ta' dak id-dħul ma jkunx ġej minn attività kummerċjali.

10. Il-kontijiet tal-partiti relattivi għall-kampanji elettorali għandhom jiġu pubblikati flimkien mal-kontijiet ta' kull sena.

11. M'għandux ikun hemm limitu fuq kemm il-partiti politiċi jistgħu jonfqu f'kampanja elettorali iżda għandha ssir limitazzjoni fis-sens ta' projbizzjoni li l-partiti jonfqu flus għal ċerti skopijiet jew li l-Gvern jieħu ċertideċiżjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw kif persuna tivvota.

12. L-istat m'għandux jissussidja direttament il-kampanja elettorali tal-partiti iżda għandu joffri b'xejn ċerti servizzi, bħal posta, għal numru limitat ta' okkazjonijiet.

13. Ir-regolamentazzjoni preżenti dwar l-infiq ta' kandidati matul il-kampanja elettorali u li qiegħda fil-Liġi Elettorali għandha tispiċċa għal kollox u tiġi sostitwita b'regolamentazzjoni ġdida u aġġornata.

14. Il-massimu ta' nfiq permess lil kull kandidat għall-elezzjoni ġenerali jkun ta' 25c għal kull votant reġistrat waqt li l-kontroll ikun f'idejn Kumitat Parlamentari. Ikunu meħtieġa regolamenti oħra li wħud minnhom huma indikati fir-rapport.

## COMMISSION RE FINANCING AND ACCOUNTING OF POLITICAL PARTIES AND CANDIDATES

1.

The Commission's terms of reference are to examine and report upon

a) finding ways and means for State Funding of political parties

b) establishing regulations as to how political parties benefitting from State funding should account publicly for their financial administration including financing from private sources.

c) updating existing legislation regarding expenses by candidates during electoral campaigns.

2.

The principle of State funding appears to have been accepted without debate and is not under discussion. What the Commission is asked to do is to propose ways how this principle is to be implemented. Its terms of reference also appear to indicate that State funding should apply to assisting political parties throughout the electoral cycle, and not merely during election campaigns.

3.

An essential condition for state funding for political parties must be a minimum threshold of popular support. The most obvious way is to establish a threshold linked to votes gained or members elected in the last general election. But this militates against new parties, and favours 'old' parties whose popularity may be waning. One way to minimize this problem might be to take account also of the results of the last Local Councils elections and/or relate public funds to the amount collected from private sources by the Parties themselves - subject to a maximum ceiling.

4.

Other essential conditions would have to

a) guarantee that all political funds (not only public funds) are actually applied for approved political purposes (which should be defined by law). The accounts of political parties should be audited and published;

b) provide for a realistic maximum ceiling which any party or individual candidate may expend during election campaigns. The present legal limit of Lm600 per

MALTA EMPLOYERS' ASSOCIATION
35/1, South Street, Valletta VLT 11, Malta. Tel: 237585 – 222992
Telegrams: MALEMPAS MALTA

Your Ref

Our Ref

17th June 1994

The Secretary,
Kummissjoni dwar il-Finanzjament u Rendikont
tal-Partiti Politici u tal-Kandidati ghall-
Elezzjoni Generali,
L-Ufficju tal-Kabinett,
Kastilja,
Il-Belt.

Dear Sir,

I refer to the letter dated 13 May 1994 from your Chairman, inviting the views of this Association with regard to the task entrusted to the Commission.

In transmitting the enclosed paper I should like to tender my apologies for overstepping the deadline of 8 June, and I hope you will still find it possible to take account of this Association's views.

Yours sincerely,

A. J. BELLIZZI
Secretary-General

Encl.

candidate is utterly unrealistic. The ceiling should apply both to actual expenditures as well as to the 'notional' price of donations of goods and services, including free publicity and other forms of assistance;

c) ensure that political parties/candidates do not become unduly beholden to any single private donor or group of contributors. A ceiling should be set on the permissible amount of contributions from any one contributor and all private funding should be made public. The identity of contributors who make donations in excess of a specified amount should also be published. Public authorities and corporations including business entities controlled by the State should be precluded from making any contributions.

As a partial alternative to the above suggestions the Association is attracted by the recommendation advanced by the UK's Home Affairs Committee in its Second Report on "Funding of Political Parties" (dated 16th March 1994). In para 57, that report makes a case for helping political parties, within and outside Parliament by providing assistance and advisers. Such assistance could be provided by the Government by making available a small number of its own civil servants to work on secondment for short periods with the political parties.

MALTA EMPLOYERS' ASSOCIATION
35/1 South St.
VALLETTA

Appendiċi A 5

**From the President**

Malta Federation Of Industry
Development House, St. Anne Street
Floriana VLT 01, Malta.
Tel. 234428, 222074. Fax. 240702.

June 27, 1994

Mr Anthony Galdes
Chairman, Commission for the Finance
of Political Parties and
Candidates for General Elections,
Auberge de Castille
Valletta

Dear Mr Galdes,

POLITICAL PARTY FUNDING

I refer to your letter of May 13, 1994 on the subject in caption.

The Federation of Industry agrees with the initiative taken by Government to tackle the problem of Political Party funding and its consequences.

We would like to offer our support in your endeavours with a view to finding the most suitable/transparent system possible within a democratic state.

We firmly believe that, if at all possible, it should be illegal for any funding by individuals/enterprises to any political party or candidate. This will especially help local companies to be transparent and Government/Opposition less liable to favour individuals/companies. Should, however, the principle of very limited funding be found necessary to remain legal, than we would suggest a maximum of Lm500. Heavy fines, even imprisonment should be contemplated at law as a deterrent against possible abuse.

On the other hand, we believe that strong political parties are a necessity to safeguard our democracy. We therefore believe and expect that to safeguard democracy the tax payer should fund all political parties eligible for funding through the state under criteria, terms and conditions that your commission deems fit.

Obviously, political parties must be accountable and must publicise their financial affairs to the same extent as any public entity is obliged to at law today.

As for the last point on Individual Candidates, we also believe that on no account should there be any help of whatever nature allowable at law by any individual or corporate body to a candidate otherwise it would be defeating the whole purpose of creating public funding for political parties.

This is obviously both logical and fair, besides regulating the extent and type of expenditure administered by the candidate.

We would be more than pleased to meet you if you if you feel that any further clarifications or discussion would be necessary.

Yours sincerely,

Franco Masini

GENERAL WORKERS' UNION

G.W.U MALTA

Workers' Memorial Building,
South Street, Valletta VLT 11, Malta
Telephone: 244451/3 – 241966/7
238581 – 238622
Fax No.: (356) 242975
Cables: "UNWOR - Vallettamalta."
Telex: 1724 UNWOR MW

AFFILIATED TO THE
INTERNATIONAL CONFEDERATION OF FREE TRADE UNIONS
EUROPEAN TRADE UNION CONFEDERATION

1 ta' Gunju, 1994.

Segretarju,
Kummissjoni dwar il-Finanzjament u
Rendikont tal-Partiti Politici u tal-
Kandidati ghall-Elezzjoni Generali,
Ufficcju tal-Kabinett,
Berga ta' Kastilja,
**VALLETTA.**

Ghaziz Segretarju,

Naghmel referenza ghall-ittra tas-Sur Anthony Galdes, Chairman tal-Kummissjoni, datata 13 ta' Mejju, 1994.

Il-General Workers' Union filwaqt li taqbel li ghandu jinstab mezz kif l-istat jiffinanzja lil Partiti Politici biex dawn, fis-sistema demokratika taghna, jkunu jistghu imexxu 'l quddiem il-funzjoni taghhom b'mod aktar professjonali, tixtieq tressaq dawn il-proposti ghal kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni.

(a) Li kull ghajnuna finanzjarja li tinghata mill-istat lill-Partiti Politici u lill-kandidati, ghanda tkun bl-aktar mod trasparenti f'ghajnejn il-poplu.

(b) Li jigi ppubblikat rendikont ta' din l-ghajnuna ghas-sodisfazzjon ta' kulhadd.

(c) Li l-kandidati ghandhom jkunu meghjuna ugwalment b'mod li l-ebda kandidat ma jkollu vantagg fuq l-ohrajn filwaqt li ghandu jigi rregolat l-infieq ta' dawn matul il-kampanija elettorali.

(d) Li l-partiti politici ghandhom, jintrabtu u jobbligaw ruhhom li jippublikaw rendikont ta' kull donazzjoni li jircievu, minn sorsi privati, filwaqt li ghandu jinzamm kontroll strett dwar dan il-finanzjament.

Filwaqt li nirringrazzjak, nibghat inselli ghalik.

Ghoddni tieghek,

ANGLU FENECH,
Segretarju Generali.

**The Malta Chamber of Commerce**

Founded 1848

Exchange Buildings, Republic Street, Valletta VLT 05, Malta.
Tel: 247233, 233873. Fax: 245223.

Our Ref: T36/94

3rd June 1994

Is-sur Anthony Galdes,
Chairman,
Kummissjoni Dwar il-Finanzjament u Rendikont
tal-Partiti Politici u tal-Kandidati ghall
Elezzjoni Generali,
Ufficcju tal-Prim Ministru,
Valletta.

Sinjur,

B'referenza ghall-ittra tieghek tat-13 ta' Mejju 1994 qieghed nibghatlek, ma din l-ittra, dokument li jaghti l-fehma tal-Kamra tal-Kummerc fuq is-suggett tal-finanzjar u rendikont tal-Partiti Politici u tal-kandidati ghall-elezzjoni generali.

Dan id-dokument gie approvat mill-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerc f'laqgha li saret il-bierah 2 ta' Gunju.

Inselli ghalik.

A. Zahra de Domenico
SEGRETARJU ONORARJU

(ABC/bh)

BUSINESS, and the PEOPLE in business, provide the nation's wealth.

## FINANZJAMENT TAL-PARTITI U RENDIKONT TAL-PARTITI U KANDIDATI

## GHALL-ELEZZJONI GENERALI

1. Ma hemm ebda dubju li l-kwistjoni tal-finanzjament tal-partiti u kandidati, kif regolata mill-ligi prezenti, tinhtieg li tigi riveduta. Kif inhi, bil-limitu ta' nefqa ta' Lm 600 lira ghal kull kandidat, il-ligi mhix kredibbli - u dan b'mod manifest jekk wiehed jikkonsidra l-attivitajiet li jsiru qabel kull elezzjoni mill partiti, kandidati individwali u 'hbieb'.

Skond it-termini tal-ligi ezistenti, kull kandidat li jikkontesta elezzjoni u li ssirlu nefqa b'appogg ghal kandidatura tieghu li teccedi il-limiti ezistenti jkun hati ta' forma ta "corrupt practice" u d-dikjarazzjoni guramentata tieghu tista tigi kkuntesta. Jinhtieg li l-qaghda tigi issanata ghal hafna ragunijiet.

2. L-ewwel kunsiderazzjoni li tinqala hija din:

Fil-waqt li hemm kaz car biex tigi aggornata l-legislazzjoni prezenti li tirregola l-infieq tal-kandidati matul il-kampanja elettorali, liema kriterji demokratici u ekwi huma utli biex jigu stabbilti limiti xierqa li jirregolaw l-infieq? Ghandu jkun hemm limitu komuni ghal kandidati li johorgu f'isem xi Partit u kandidati indipendenti biex il-kundizzjonijiet tat-tellieqa jkunu verament ugwali, jew ghandu jkun hemm limitu ghal dak li jonfoq kull kandidat individwali u allowance ohra dwar infieq li jista jsir kollettivament minn kull partit politiku u hbieb ta' kull kandidat individwali? Minghajr limitu, li jkun deciz b'mod specifiku permezz tal-ligi, ic-cirkustanzi jiffavorixxu lill min ikollu warajh is-sahha tal-flus u lill-elementi mohbija li jkollhom interess jappoggaw iz-ziemel individwali taghhom.

3. Fil-fehma tal-Kamra tal-Kummerc, l-aktar fattur importanti m'hux il-fatt li l-ligi ghandha tistabilixxi limiti ghan-nefqa mill kandidati, daqs kemm huwa l-metodu biex il-limiti jkunu osservati u l-ksur tal-ligi jkun ikkontrollat b'mod effettiv u trasparenti.

4. Independentament mill-infieq li jsir mill kandidati matul kampanja elettorali, hemm il-kwistjoni dwar il-finanzi tal-Partiti politici li jezistu u ohrajn li jistghu jitwieldu fil-gejjieni.

.../2

Fic-cirkostanzi normali, il-partiti jridu l-finanzi biex ikunu jistghu jiffunzjonaw. Iridu jkollhom makkinarju politiku efficjenti, jimpjegaw nies kwalifikati, jorganizzaw laqghat u manifestazzjonijiet u fiz-zminijiet moderni, jridu ghodda u teknologija addatata ghal-zminijietna ghal dak li hu xandir, stampar, pubblicita u anki "marketing". Dan kollu jitlob spejjez li qed jizdiedu. Jista jkun li partit politiku 'zghir' jew 'gdid' isib ruhu f'qaghda anqas vantaggjuza minn ohrajn stabbiliti b'appogg mifrux.

Tradizzjonalment, il-partiti jiddependu primarjament minn dak li jigbru minn fost il-membri u imbghad ifittxu appogg ta' sostenituri u "hbieb" ta' kull xorta. Ikollhom ukoll dhul minn attivitajiet taghhom bhal ma huma riklami fil-mezzi ta' kommunikazzjoni ikkontrallati minnhom u minn attivitajiet li jorganizzaw biex jigbur l-fondi.

M'ghandux ikun hemm oggezzjoni ghal ghejun ta' dhul li jigu apertament mill membri jew minn inizjattivi ta' "fund-raising" li jsiru quddiem ghajnejn il-pubbliku. Li jista jaghti lok ghal suspetti u thassib huwa finanzjament okkult li jista jigi minn interessi ta' kull xorta - mhux biss interessi kummercjali, izda sahansitra minn sorsi li jista jkollhom ghanijiet anti-demokratici u anki interessi barranin.

5. F'socjeta demokratika dan ma jista jkun qatt tollerabbli u hemm il-htiega li l-finanzi tal-partiti politici ghandhom ikunu suggetti ghall iskrutinju tas-socjeta. In-nazzjon ghandu d-dritt ikun jaf minn fejn gejjin il-flus u ghall-liema ghanijiet qed jithaddmu.

"In England, the House of Commons approved a motion as long ago as December 15, 1949 "that in the opinion of the House, political parties and all other organizations having political action as one of their main aims should publish annually full and adequate statements of their accounts"."

Ghalkemm ikun hawn min ihoss li l-kunfidenzjalita' taghmilha possibbli biex cittadini jikkontribwixxu ghall finanzjament ta' attivita' siewja ghall-process demokratiku, il-Kamra tal-Kummerc hija tal-fehma li l-vantaggi tal-kunfidenzjalita' (u segretezza) ma jregux fuq l-izvantaggi li jinqalghu meta c-cittadin ma jkunx jaf u ma jkunx konvint li pajjizu qed jitmexxa kif jixraq. Certament jistghu jinqalghu hafna cirkustanzi fejn in-nuqqas ta' taghrif iwassal ghas-suspett u nuqqas ta' fiducja li huma fatali ghall-process demokratiku.

6. Huwa fost kollox u fuq kollox mixtieq li il-process demokratiku ma jkunx qed jigi manipulat bil-mohbi minn interessi li huma finanzjarjament setghana u li il-process demokratiku jithaddem fl-interess tad-demokrazija genwina u mhux fl-interess ta' nies li jahbu wicchom.

.../3

7. B'dana kollu, z-zminijiet moderni jitolbu sforzi aktar intensivi mill-partiti politici biex ikunu f'qaghda li joffru Gvern alternattiv bi proposti mahsuba u studjati u bbazati fuq ricerka xjentifika sew fit-tfassil u ppjanar ta' "policies" kif ukoll f'konsultazzjonijiet ma' l-opinjoni pubblika. Ikun xieraq li ikun hemm xi forma ta' finanzjament pubbliku biex il-process politiku jsir aktar "professjonali" u responsabbli. Din ix-xorta ta' finanzjament hija ghall kollox differenti minn kull forma ta' propaganda politika li ghandha tkun iffinanzjata minn rizorsi politici tal-bixra tal-partit li jkun.

Din il-forma ta' ghajnuna ppubblikata ghandha tkun accessibbli ghall-partiti politici kollha - inkluzi dawk li ma jkunux rapprezentati fil-parlament. Anzi, fir-rigward ta' xi progetti bhal "surveys" ta' l-opinjoni pubblika, il-finanzjament pubbliku ghandu jkun ugwali ghal kull partit irrispettivament mid-daqs taghhom.

8. Il-fatt li l-partiti politici jkollhom forma ta' finanzjament pubbliku jaghmilha aktar u aktar mehtiega li l-"accounts" tal-partiti koncernati ikunu pubblici. B'dan il-mod, il-principju ta' "accountability" ikun zgurat.

Dawn il-punti huma biss il-principji generali ta' dak li l-Kamra tal-Kummerc thoss li ghandu jsir. Il-Kamra tal-Kummerc hi lesta li tiddiskuti l-implimentazzjoni ta' dawn il-principji fid-dettall.

(PV 3.6.94)

CONFEDERATION OF MALTA TRADE UNIONS (CMTU

Head Office: 13/3, South Street, Valletta VLT 11, Malta.
Postal Address: P.O. Box 467, Valletta CMR 01, Malta.
Tel: (356) 237313, 220847, 222663. Fax: (356) 250146. Telex: 1593 express mw

Our ref; 13/20/83/94

19 ta' Mejju 1994.

Segretarju
Kummissjoni dwar il-Finanzjament u Rendikont tal-
 Partiti Politici u tal-Kandidati ghall-Elezzjoni Generali
Ufficju tal-Kabinett,
Kastilja,
Valletta.

Ghaziz Segretarju,

Nirreferi ghall-ittra tat-13 ta' Mejju mibghuta lilna mic-Chairman fejn tlabtuna biex naghmlu r-rapprezentazzjonijiet taghna lill-Kummissjoni dwar il-Finanzjament u Rendikont tal-Partiti Politici u tal-Kandidati ghall-Elezzjoni Generali.

Il-Konfederazzjoni fil-principju ma ssib ebda oggezzjoni ghall-fatt li l-Istat ighin finanzjarjament lill-partiti politici biex dawn jaqdu l-funzjoni demokratika taghhom. Infatti dan ga qed isir f'diversi pajjizi.

L-importanti hu li jsir kollox fil-miftuh u bla ebda habi. Il-partiti politici ghandu jkollhom l-obbligu li perjodikament jaghtu rendikont pubbliku tad-donazzjonijiet kollha, ikunu kemm ikunu, li l-partiti u l-kandidati jkunu rcevew minn sorsi privati u li dan kollu jigi strettament ikkontrollat.

Ghoddni tieghek,

harles V. Naudi,
egretarju Generali.

Tel 370073

Mary Poppins
Victoria Gardens
St. Andrews STJ C
Malta.

2nd July.

The Secretary
Commission on the Financing
and Publication of Accounts
by Political Parties and
Candidates during
General Elections.

Dear Sir

I would like to submit the thoughts that came to mind when I read your notice in the papers inviting submissions from interested persons.

I do not claim to have solved your problems but should you find some value in at least one point of what follows, I shall be pleased.

Yours truly

Portelli

SAVIOUR F PORTELLI

# Submissions to the Commission on the Financing and Publication of accounts by Political Parties and Candidates During General Elections

PREAMBLE

